# KAPITOLU 378

## ATT DWAR L-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR

*Biex jipprovdi għat-twaqqif u l-funzjonijiet tal-kariga ta' Direttur għall-Affarijiet tal-Konsumatur u għat-twaqqif ta' Kunsill għall-Affarijiet tal-Konsumatur u ta' tribunali li jkunu magħrufa bħala t-Tribunali għal Talbiet tal-Konsumaturi u tal-Bord ta' l-Appell għall-Affarijiet tal-Konsumatur, u dwar ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu ma' dan jew joħorġu b'konsegwenza minnu.*

23 ta' Jannar, 1996

*L-ATT XXVIII ta' l-1994, kif emendat bl-Atti V ta' l-1995, XIX ta' l-1996, XXVI ta' l-2000, VI ta' l-2001 u XV ta' l-2006; bl-Avviż Legali 425 ta' l-2007; u bl-Atti II ta' l-2008 u XIV ta' l-2009.*

TAQSIM TA' L-ATT


| | | Artikoli |
|---|---|---|
| TAQSIMA I. | Preliminari | 1-2 |
| TAQSIMA II. | Direttur għall-Affarijiet tal-Konsumatur u Kunsill għall-Affarijiet tal-Konsumatur | 3-15 |
| TAQSIMA III. | Tribunal għal Talbiet ta' Konsumaturi | 16-27 |
| TAQSIMA IV. | Għaqdiet ta' Konsumaturi | 28-42 |
| TAQSIMA V. | Dikjarazzjoni ta' prinċipji | 43 |
| TAQSIMA VI. | Klawżoli mhux ġusti f'kuntratti | 44-47Ċ |
| TAQSIMA VII. | Prattiċi kummerċjali mhux ġusti u skemi illeċiti | |
| | Titolu I - Prattiċi kummerċjali mhux ġusti | 48-51J |
| | Titolu II - Skemi illeċiti | 52-55A |
| TAQSIMA VIII. | Responsabbiltà għal prodotti difettużi | 56-71A |
| TAQSIMA IX. | Bejgħ ta' oġġetti lil konsumaturi | 72-93 |
| TAQSIMA X. | Ordnijiet ta' tħaris | 94-101 |
| TAQSIMA XI. | Infurzar | 102-110 |
| TAQSIMA XII | Bord ta' l-Appell għall-Affarijiet tal-Konsumatur | 110A-110G |
| TAQSIMA XIII. | Mixellanji | 111 |
| L-Ewwel Skeda - | Prattiċi kummerċjali li mhux ġusti *ipso jure* | |
| It-Tieni Skeda - | Multi amministrattivi | |

TAQSIMA I

**Preliminari**

Titolu fil-qosor.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur.

Tifsir.
*Emendat:*
*V. 1995.20;*
*XXVI. 2000.2;*
*XV. 2006.3;*
*II. 2008.5, 6.*

**2.** F'dan l-Att kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"Bord ta' l-Appell" tfisser Bord ta' l-Appell għall-Affarijiet tal-Konsumatur imwaqqaf taħt it-Taqsima XII ta' dan l-Att;

"Dipartiment" tfisser id-Dipartiment għall-Affarijiet tal-Konsumatur;

"Direttur" tfisser id-Direttur għall-Affarijiet tal-Konsumatur;

"fond" tfisser kull imkien mnejn jitmexxa jew isir kull kummerċ jew negozju, magħduda posta jew vettura;

"konsumatur" tfisser -

(i) kull individwu li fi transazzjonijiet u ħwejjeġ oħra koperti b'dan l-Att jew b'regolamenti magħmulin taħtu, jkun qed jaġixxi għal għanijiet li ma jkollhomx x'jaqsmu mal-kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni; u

(ii) kull individwu ieħor li ma jkunx ix-xerrej jew benefiċjarju dirett, u sew jekk ikunx jew le membru tal-familja tal-konsumatur, li għax ikun espressament jew taċitament awtorizzat jew permess mill-konsumatur, seta' kkonsma, uża jew ibbenefika minn xi oġġetti jew servizzi pprovduti lill-konsumatur minn kummerċjant li jkun qed jaġixxi fil-kors ta' xi kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni, inklużi oġġetti jew servizzi li jiġu pprovduti bħala parti minn skemi ta' rigali u tħajjir ieħor simili jew analogu; u

(iii) kull klassi jew kategorija oħra ta' persuni sew naturali sew ġuridiċi li jistgħu, minn żmien għal żmien, jissemmew bħala "konsumaturi" għal kull raġuni jew xi waħda mir-raġunijiet ta' dan l-Att b'regolamenti magħmulin mill-Ministru wara li jikkonsulta lill-Kunsill:

Iżda għall-finijiet tat-Titolu I tat-Taqsima VII ta' dan l-Att it-tifsira ta' "konsumatur" għandha tikkonsisti biss fil-paragrafu (i) iktar 'il fuq;

"entità kwalifikata" tfisser:

(*a*) assoċjazzjoni tal-konsumaturi reġistrata,

(*b*) korp pubbliku indipendenti, li għandu interess leġittimu f'li jiżgura l-protezzjoni ta' l-interessi kollettivi tal-konsumaturi f'Malta jew f'kull Stat Membru ieħor li fih jeżistu dawn il-korpi,

(*ċ*) organizzazzjoni volontarja f'Malta kif il-Ministru,

wara li jikkonsulta mal-Kunsill, jista' jinnomna permezz ta' Avviż fil-Gazzetta,

(*d*) organizzazzjoni volontarja f'xi Stat Membru ieħor li għandha l-għan li tħares l-interessi msemmija fil-paragrafu (*b*) ta' din it-tifsira skond il-kriterji mfassla fil-liġi nazzjonali tagħhom,

(*e*) kull entità kwalifikata minn Stat Membru inkluża fil-lista ta' entitajiet kwalifikati kif ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea;

"kummerċjant" tfisser -

(i) kull persuna, inkluż korp magħqud jew mhux magħqud, li għar-rigward ta' kull transazzjoni jew ħaġ'oħra koperta b'dan l-Att jew regolamenti magħmulin taħtu tkun qegħda taġixxi għal raġunijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni tiegħu;

(ii) kull korp pubbliku kemm jekk korporat jew inkorporat li jipprovdi oġġetti jew servizzi lill-konsumatur għal kumpens; u

(iii) kull persuna li għaliha japplika l-artikolu 4 tal-Kodiċi tal-Kummerċ: Kap. 13.

Iżda l-Ministru wara li jikkonsulta lill-Kunsill jista' minn żmien għal żmien b'Ordni li jippubblika fil-Gazzetta, isemmi bħala "kummerċjant" għall-għanijiet kollha ta' l-Att, lil kull kategorija jew klassi ta' persuni u lil kull korp magħqud jew mhux magħqud sew jekk imwaqqaf b'liġi sew jekk le. Ordni li jsir mill-Ministru kif imsemmi qabel jista' jiġi emendat, sostitwit jew revokat b'Ordni ieħor bħalu;

"Kunsill" tfisser il-Kunsill għall-Affarijiet tal-Konsumatur imwaqqaf taħt it-Taqsima II ta' dan l-Att;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-affarijiet tal-konsumatur;

"għaqda ta' konsumaturi" tfisser korp volontarju ta' persuni li l-għan ewlieni tiegħu hu l-promozzjoni ta' protezzjoni jew edukazzjoni tal-konsumatur;

"għaqda ta' konsumaturi reġistrata" tfisser għaqda ta' konsumaturi reġistrata skond it-Taqsima IV ta' dan l-Att;

"oġġetti" tinkludi kull proprjetà mobbli, sew tanġibbli sew intanġibbli, li jista' jsir kummerċ minnha, inklużi annimali u ħut ta' liema speċi jkun kemm ħaj kemm mejjet;

"espressjonijiet" tinkludi kull kondizzjoni jew ħtieġa f'kull kuntratt, avviż, garanzija jew dikjarazzjoni oħra, sew jekk dawn jingħataw bil-fomm sew bil-miktub;

"qorti ordinarja" għall-finijiet tat-Taqsima III ta' dan l-Att tinkludi t-Tribunal għal Talbiet Żgħar imwaqqaf bl-Att dwar it-Tribunal għal Talbiet Żgħar; Kap. 380.

"Regolament dwar il-Koperazzjoni u l-Protezzjoni tal-Konsumatur" tfisser ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar il-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi (test b'rilevanza għaż-ŻEE);

Kap. 217.

"residenti permanenti" tfisser persuna li jkun inħarġilha permess għal residenza skond l-artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni;

"riklam" tfisser kull rappreżentazzjoni, inklużi katalogu, ċirkolari u lista ta' prezzijiet, dwar xi kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni sabiex tinġieb 'il quddiem il-provvista jew it-trasferiment ta' oġġetti jew servizzi, proprjetaċ immobbli, drittijiet jew obbligazzjonijiet u "reklamar" għandha tiftiehem skond hekk;

"servizzi" tinkludi l-provdiment, fil-kors jew bi tkomplija ta' xi kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni, ta' kull għamla ta' kors edukattiv, professjonali jew istruttiv, faċilitajiet għall-mogħdija ta' żmien, divertiment, rikreazzjoni, attivitajiet sportivi u kulturali, programmi dwar l-estetika, is-saħħa u affarijiet li għandhom x'jaqsmu man-nutriment, servizzi ta' sptar u ta' infermerija, akkommodazzjoni u faċilitajiet analogi, ta' kull għamla, u t-twettiq, bi tkomplija ta' xi kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni, ta' kull għamla oħra ta' xi xogħol jew xi azzjoni bi skambju għal ħlas jew xi rigal;

"Stat Membru" tfisser Stat li huwa firmatarju għall-ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ffirmat f'Oporto fit-2 ta' Mejju 1992 kif emendat permezz tal-Protokoll iffirmat fi Brussel fis-17 ta' Marzu 1993 u emendat b'atti sussegwenti;

"Tribunal" tfisser Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi mwaqqaf taħt it-Taqsima III ta' dan l-Att.

## TAQSIMA II

## Direttur għall-Affarijiet tal-Konsumatur u Kunsill għall-Affarijiet tal-Konsumatur

Twaqqif tal-kariga ta' Direttur għall-Affarijiet tal-Konsumatur. *Emendat: XV. 2006.4; II. 2008.5.*

**3.** (1) Ikun hemm Direttur għall-Affarijiet tal-Konsumatur li jkun uffiċjal pubbliku maħtur mill-Prim Ministru għal dak il-għan.

(2) Il-funzjonijiet ta' Direttur għall-Affarijiet tal-Konsumatur, (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-Att imsejjaħ "id-Direttur") għandhom ikunu sabiex iwettaq il-*policy* stabbilita mill-Ministru, sew persunalment jew permezz ta' uffiċjali pubbliċi fid-Dipartiment għall-Affarijiet tal-Konsumatur u għandhom jinkludu -

(*a*) l-għoti ta' tagħrif u *guidelines* lill-pubbliku dwar ħwejjeġ li jolqtu l-interessi tal-konsumaturi;

(*b*) is-sorveljanza ta' kull konswetudni kummerċjali dwar il-provvista ta' oġġetti u servizzi lill-konsumaturi, u sabiex iwettaq u biex jieħu passi sabiex iwarrab u jara li ma jsirux konswetudnijiet kummerċjali li jistgħu jkunu ta' detriment għall-konsumaturi;

(*ċ*) l-investigazzjoni ta' ilmenti li jsiru minn konsumaturi

dwar il-provvista ta' oġġetti u servizzi u sabiex jaġixxi daqskemm hu fis-setgħa tiegħu li jagħmel dan sabiex jirrimedja kull ilment ġustifikat li jista' jsir jaf bih;

(*d*) l-għajnuna li tingħata lill-Kunsill għall-Affarijiet tal-Konsumatur fit-twettiq tal-funzjonijiet u d-dmirijiet tiegħu u l-għoti ta' dak it-tagħrif li jista' jenħtieġ mill-Kunsill dwar it-twettiq ta' dmirijietu;

(*e*) it-twettiq ta' kull funzjoni jew dmir ieħor li jkun assenjat jew li jista' jiġi assenjat lilu taħt dan l-Att jew kull liġi oħra;

(*f*) il-qadi u t-twettiq tal-funzjonijiet ta' awtorità kompetenti skond ir-Regolament dwar il-Koperazzjoni u l-Protezzjoni tal-Konsumatur; u

(*g*) il-qadi u t-twettiq tal-funzjonijiet ta' l-uffiċċju ghal koperazzjoni unika f'Malta li hu responsabbli ghall-kordinazzjoni fl-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Koperazzjoni u l-Protezzjoni tal-Konsumatur.

(3) Ebda ħaġa f'dan l-Att ma għandha tiftiehem li tagħti lil konsumatur xi jedd li jeħtieġ mingħand id-Direttur xi parir dwar xi ħaġa speċifikata jew ġenerali jew li d-Direttur jaġixxi f'ismu u fl-interess tiegħu f'xi tilwima jew ħaġa partikolari ma' kummerċjant jew wieħed li jipprovdi servizzi, quddiem xi qorti, tribunal jew band'oħra.

(4) Id-Direttur jista' jawtorizza bil-miktub lil kull uffiċjal pubbliku li jkun fid-Dipartiment sabiex iwettaq funzjonijiet mogħtija lid-Direttur bis-saħħa ta' dan l-Att jew ta' kull liġi oħra.

Kunsill għall-Affarijiet tal-Konsumatur.
*Emendat: XXVI. 2000.3; II. 2008.7.*

**4.** (1) Ikun hemm Kunsill magħruf bħala "il-Kunsill għall-Affarijiet tal-Konsumatur" li jkollu l-funzjonijiet u d-dmirijiet stabbiliti b'dan l-Att. Il-Kunsill ikun magħmul minn *chairman,* viċi *chairman*, u ħames membri oħra.

(2) Il-Ministru għandu jappunta:

(*a*) iċ-*chairman* u erba' membri oħra minn fost persuni li, minħabba l-esperjenza, il-kwalifiki jew l-attivitajiet tagħhom, fil-fehma tal-Ministru jistgħu jikkontribwixxu għall-promozzjoni ta' l-interessi tal-konsumatur;

(*b*) lid-Direttur bħala viċi *chairman*; u

(*ċ*) membru wieħed li, minħabba esperjenza, il-kwalifiki jew l-attivitajiet tiegħu, il-Ministru jqis li jista' jġib 'il quddiem il-fehma tal-kummerċjanti.

(3) Wieħed mill-membri, mhux iċ-*chairman*, imsemmija fis-subartikolu (2)(*a*) għandu jiġi appuntat wara konsultazzjoni ma' dawk l-għaqdiet tal-konsumatur, jekk ikun hemm, li jkunu ġew irreġistrati taħt it-Taqsima IV ta' dan l-Att, u l-membru msemmi fil-paragrafu (*ċ*) ta' l-istess subartikolu għandu jiġi appuntat wara konsultazzjoni ma' dawk l-organizzazzjonijiet kostitwiti li l-Ministru jqis bħala li jirrappreżentaw l-interess tal-kummerċjant.

(4) Il-membri maħturin għandhom jibqgħu fil-kariga għal dak

iż-żmien, li ma jkunx iktar minn tliet snin, hekk kif jista' jiġi stabbilit fl-ittra tal-ħatra tagħhom u jkunu jistgħu jerġgħu jinħatru.

(5) Meta l-post ta' membru maħtur ma jibqax jiġi okkupat qabel tmiem iż-żmien stabbilit fl-ittra tal-ħatra tiegħu, il-Ministru jaħtar persuna oħra sabiex toqgħod minflok dak il-membru għal dak iż-żmien, li ma jkunx żmien aktar minn tliet snin hekk kif il-Ministru jista' jistabbilixxi fl-ittra tal-ħatra tiegħu.

(6) Il-viċi *chairman* jagħmilha minflok iċ-*chairman* kull meta ċ-*chairman* ma jkunx jista' leġittimament jattendi jew inkella jkun assenti minn laqgħa tal-Kunsill.

(7) Persuna ma tkunx tista' tinħatar membru tal-Kunsill, jew tibqa' membru tal-Kunsill jekk dik il-persuna -

(*a*) tkun membru tal-Kamra tad-Deputati; jew

(*b*) tkun inabilitata jew interdetta skond il-liġi; jew

(*ċ*) tkun ġiet dikjarata falluta jew tkun għamlet kompożizzjoni mal-kredituri tagħha; jew

(*d*) tkun instabet ħatja ta' -

(i) reat li jolqot il-fiduċja pubblika; jew

(ii) serq; jew

(iii) frodi; jew

(iv) li tkun xjentement laqgħet għandha oġġetti misruqa jew miksuba bi frodi; jew

(v) kull reat kriminali jew ksur maħsub f'dan l-Att, regolamenti magħmula taħtu, fl-Ordinanza tad-Dwana, fl-Att dwar Deskrizzjonijiet Kummerċjali, fl-Att dwar Kuntratti fuq l-Għatba tal-Bieb, fl-Att dwar il-Metroloġija, jew f'kull liġi mħassra minn xi wieħed mill-Atti jew Ordinanzi msemmija jew b'kull liġi li tidħol minflokhom.

Kap. 37.
Kap. 313.
Kap. 317.
Kap. 454.

(8) Minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan l-artikolu l-Ministru jista' f'kull żmien itemm il-ħatra ta' membru maħtur jekk fil-fehma tiegħu dak il-membru maħtur ma jkunx iktar kapaċi li jibqa' jżomm il-kariga tiegħu jew ikun sar inkapaċi li jibqa' jwettaq sew il-funzjonijiet tiegħu.

(9) Il-Ministru jaħtar uffiċjal li jkun iwettaq dmirijietu fis-servizz pubbliku sabiex jagħmilha ta' segretarju tal-kunsill mingħajr jedd ta' vot.

Funzjonijiet tal-kunsill.

**5.** (1) Tkun il-funzjoni tal-Kunsill -

(*a*) li jagħti parir lill-Ministru dwar kif jagħmel il-*policy* li għandu jimxi biha d-Direttur fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu taħt din il-liġi jew kull liġi oħra;

(*b*) li jagħti parir u jgħin lill-Ministru fuq il-miżuri għall-promozzjoni u l-protezzjoni ta' l-interessi tal-konsumaturi;

(*ċ*) li jissorvelja u jiskrutinja kull konswetudni ta'

kummerċ u ta' negozju li għandha x'taqsam mal-provvista ta' oġġetti u servizzi lill-konsumaturi u ma' attivitajiet li għandhom x'jaqsmu ma' dan jew anċillari għalih;

(*d*) fuq talba tal-Ministru li jagħmel jew jinkariga li jsir kull studju jew riċerka li jistgħu jenħtieġu biex iġibu 'l quddiem il-protezzjoni tal-konsumatur;

(*e*) li jissorvelja l-ħdim u t-twettiq ta' liġijiet li sew b'mod dirett jew mhux dirett jolqtu l-konsumatur f'Malta;

(*f*) li jirrediġi u jirrevedi direttivi dwar il-protezzjoni tal-konsumatur u l-inqas livelli dwar servizzi sabiex iressaqhom quddiem il-Ministru;

(*g*) li jissorvelja l-iżvilupp ta' għaqdiet ta' konsumaturi f'Malta, u li jirrediġi u jirrevedi regoli ta' prattika għal għaqdiet ta' konsumaturi reġistrati sabiex iressaqhom quddiem il-Ministru;

(*h*) li jeżamina u jaqta' dwar jekk għaqda ta' konsumaturi ikollhiex il-ħtiġiet biex tkun għaqda ta' konsumaturi reġistrata skond dan l-Att; u

(*i*) li jwettaq kull funzjoni oħra jew dmir ieħor li jistgħu jingħatawlu mill-Ministru jew li jistgħu jingħataw lill-Kunsill b'din il-liġi jew b'kull liġi oħra.

(2) (*a*) Il-Kunsill jista', bi ftehim mal-Ministru, minn żmien għal żmien jistabbilixxi dawk il-kummissjonijiet konsultivi li jista' jqis li jkunu meħtieġa sabiex jgħinuh fil-funzjonijiet tiegħu.

(*b*) Il-kummissjonijiet ikollhom funzjoni konsultiva u li jagħtu pariri, u r-riżultanzi jew ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom ma għandhomx jobbligaw lill-Kunsill jew lill-Ministru b'ebda mod.

(*ċ*) Kull kummissjoni mwaqqfa taħt dan is-subartikolu għandha tkun magħmula minn żewġ persuni jew iżjed nominati mill-Kunsill u minn għadd indaqs ta' persuni oħra nominati minn organizzazzjonijiet jew individwi li jirrappreżentaw l-interess tal-fergħa jew settur tal-kummerċ jew negozju li dik il-Kummissjoni tkun twaqqfet għar-rigward tagħhom. Kummissjoni għandha f'kull każ tkun presjeduta minn membru tal-Kunsill.

(*d*) Kummissjoni għandha sservi bħala mezz ta' komunikazzjoni bejn fergħa jew settur kummerċjali li dwaru dik l-istess kummissjoni tkun twaqqfet u l-Kunsill, u għandha tipprova twaqqaf u tirrisolvi sitwazzjonijiet li jistgħu jinqalgħu ta' konflitti ta' ideat u interessi bejn il-konsumaturi u l-kummerċjanti f'dik il-fergħa jew f'dak is-settur partikolari.

Tmexxija tax-xogħol tal-Kunsill.

**6.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Kunsill għandu jirregola l-proċedura tiegħu stess.

(2) Il-Kunsill jiltaqa' kemm il-darba jkun meħtieġ iżda f'ebda

każ inqas minn darba kull xahar kalendarju. Il-laqgħat jissejħu miċ-*chairman* jew fin-nuqqas tiegħu mill-viċi *chairman*, sew b'inizjattiva tiegħu, jew fuq talba ta' tliet membri oħra tal-Kunsill.

(3) F'laqgħa tal-Kunsill *quorum* jintgħamel miċ-*chairman*, jew mill-viċi *chairman* fin-nuqqas tiegħu, u minn tliet membri oħra.

(4) Id-deċiżjonijiet tal-Kunsill għandhom jittieħdu bil-maġġoranza tal-voti tal-membri preżenti u votanti, filwaqt li ċ-*chairman* ikollu vot oriġinali u fil-każ ta' voti ndaqs, vot ieħor jew *casting vote.*

(5) Il-Kunsill xorta jista' jiffunzjona minkejja kull vakanza fost il-membri tiegħu.

(6) Membru tal-Kunsill li f'xi kwistjoni li tkun quddiem il-Kunsill ikollu xi interess konfliġġenti mal-kariga tiegħu ta' membru tal-Kunsill għandu jiddikjara x-xorta ta' interess li jkollu u jirtira minn kull laqgħa tal-Kunsill li matulha tkun qed tiġi diskussa dik il-kwistjoni. Kull dikjarazzjoni għandha tiġi reġistrata fil-minuti tal-laqgħa.

Setgħa ta' għemil ta' regolamenti.
*Sostitwit: XXVI. 2000.4.*
*Emendat: A.L. 425 ta' l-2007; II. 2008.8.*

**7.** (1) Il-Ministru jista', wara li jikkonsulta lill-Kunsill, jagħmel regolamenti dwar kull ħaga li tolqot l-affarijiet tal-konsumatur sabiex jagħti effett iktar sħiħ lid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, u b'mod partikolari, iżda mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, huwa jista' jippreskrivi regolamenti -

(*a*) dwar kull aspett li jirrigwarda l-provdiment ta' xi servizz, jew il-bejgħ jew kiri ta' oġġetti offruti jew forniti lill-konsumaturi; li jistabbilixxu *standards* ta' servizz minimi u ħtiġiet ta' indikazzjoni ta' prezzijiet għar-rigward ta' dawk l-oġġetti jew servizzi, u li tiġi stipulata kull ħtieġa oħra sabiex tittejjeb it-trasparenza fil-prezzijiet u l-informazzjoni għall-konsumatur, u biex jinġieb 'il quddiem paragun iktar faċli bejn l-oġġetti jew is-servizzi differenti li jkunu offruti lill-konsumaturi;

(*b*) li jistabbilixxu regoli ta' prattika għal għaqdiet ta' konsumaturi reġistrati;

(*ċ*) li jirregolaw ir-reklamar u kull prattika oħra simili sabiex jiġi żgurat li r-reklamar u kull prattika oħra simili jkunu ġusti u li ma jkunux jieħdu vantaġġ mhux dovut fuq il-konsumaturi;

(*d*) li jirregolaw skemi ta' bolol tal-kummerċ, skemi ta' rigali, offerti speċjali, attivitajiet promozzjonali ta' bejgħ u skemi oħra simili, arranġamenti u attivitajiet, ikunu kif ikunu deskritti jew imsemmija, konnessi, anċillari jew relatati mal-provdiment ta' xi servizz jew mal-bejgħ jew il-kiri ta' oġġetti lill-konsumaturi u transazzjonijiet oħra konsumistiċi, inklużi skemi li jkunu jinvolvu l-użu u l-promozzjoni ta' *units*, kupuni, punti, *tokens, vouchers,* punti, bolol jew kull għamla oħra ta' kumpens, rigal, sħubija, inċentiv, tħajjir jew

benefiċċju ieħor, sew bi flus sew in natura, u kemm jekk dawn jistgħu jiġu skambjati, mifdija jew xort'oħra, li jinħarġu jew jitqassmu lil konsumaturi f'konnessjoni, sew direttament sew indirettament, max-xiri jew il-kiri ta' oġġetti jew servizzi jew transazzjonijiet oħra mal-konsumatur;

(*e*) li jirregolaw arranġamenti ta' bejgħ remot u l-għemil ta' kull ftehim meta l-konsumatur u l-kummerċjant ikunu jinsabu 'l bogħod minn xulxin, u għal dan l-għan biex jistipulaw il-proċedura biex ikun jista' jsir kull ftehim ta' bejgħ remot, biex jipprovdu dwar li jiġu inklużi jew li jitħallew barra xi pattijiet u kondizzjonijiet partikolari, biex jistabbilixxu żmien ta' tregwa għall-konsumaturi, biex jistabbilixxu livelli u eżenzjonijiet, u biex jistabbilixxu drittijiet konsumistiċi minimi, u biex jintroduċu miżuri biex jagħmlu offerti għal kull ftehim tali aktar trasparenti u informattivi, u biex jirregolaw kull aspett ieħor ta' bejgħ remot; u

(*f*) biex jirregolaw offerti ta' kreditu lill-konsumatur u l-għemil ta' kull ftehim għall-provdiment ta' pattijiet u faċilitajiet ta' kreditu minn kummerċjanti jew persuni oħra lill-konsumaturi fil-kors ta' xi kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni dwar, direttament jew indirettament, il-bejgħ jew l-offerta ta' oġġetti, proprjetà immobbli jew servizzi, biex jistipulaw il-forma u l-proċedura kif għandu jsir kull ftehim ta' kreditu lill-konsumatur, biex jistipulaw u jirregolaw il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jistgħu jew ma jistgħux jiġu adottati f'kull tali ftehim, biex jistabbilixxu livelli u eżenzjonijiet, il-metodu ta' kalkolu tan-nefqa għall-kreditu, ir-reklamar, u miżuri oħra li jitqiesu meħtieġa jew adattati biex jiġu stabbiliti l-inqas drittijiet għad-debituri u biex jagħmlu l-offerti ta' kreditu iktar trasparenti u informattivi, u biex jirregolaw kull aspett ieħor ta' arranġamenti ta' kreditu lill-konsumatur.

(2) Regolamenti li jsiru taħt dan l-artikolu jistgħu jipprovdu wkoll għall-assenjament tas-setgħa u l-awtorità lid-Direttur u lill-Kunsill, jew lil min ikun minnhom, biex jikkontrolla, jissorvelja, jibqa' jieħu konjizzjoni jew jipprojbixxi kull skema, ftehim, attività jew arranġament, inkluża s-setgħa li jawtorizza, jeħtieġ liċenza, jissospendi, jirrestrinġi u biex jordna l-emenda, l-projbizzjoni, s-sospensjoni, l-irtirar jew it-tħassir ta' xi skema, ftehim, attività jew arranġament partikolari, jew ta' xi klassi jew kategorija partikolari tagħhom, u biex jimponi kull kondizzjoni u ħtieġa f'konnessjoni ma' dan.

(3) Ir-regolamenti li jsiru taħt dan l-artikolu jistgħu jipprovdu li kull persuna li tikser xi disposizzjoni tar-regolamenti ser jew:

(*a*) tkun ħatja ta' reat b'piena ta' multa li ma teċċedix is-sitta u erbgħin elf u ħames mija u sebgħa u tmenin euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€46,587.47), jew

(*b*) tkun ħatja ta' ksur b'piena ta' multa amministrattiva li ma teċċedix is-sitta u erbgħin elf u ħames mija u sebgħa u tmenin euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€46,587.47) u f'kull każ pieni differenti jistgħu jiġu preskritti għall-reati jew ksur differenti.

Setgħa li joħroġ linji gwida. *Miżjud: II. 2008.9.*

**7A.** Id-Direttur jista' minn żmien għal żmien, wara konsultazzjoni mal-Kunsill dwar il-Konsumatur, joħroġ linji gwida sabiex jipprovdi gwida ġenerali dwar l-interpretazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

Dikjarazzjonijiet ta' avviż pubbliku. *Emendat: XXVI. 2000.5.*

**8.** (1) Id-Direttur jista', bi qbil maċ-*chairman* f'każ ta' urġenza, jew tal-Kunsill, jagħmel jew joħroġ avviż pubbliku li fih jidentifika u jwissi jew jgħarraf dwar xi ħaġa minn dawn li ġejjin:

(*a*) oġġetti li mhumiex tajba biżżejjed jew li huma perikolużi u persuni li jfornu dawk l-oġġetti;

(*b*) servizzi li jingħataw b'mod mhux sodisfaċenti u persuni li jfornu dawk is-servizzi;

(*ċ*) kull prattika ta' kummerċ li hi ta' detriment għall-interessi ta' konsumaturi u ta' persuni li jieħdu sehem f'kull prattika bħal dik; u

(*d*) kull ħaġa oħra li tolqot jew tista' tolqot ħażin kull interess tal-konsumaturi f'dak li għandu x'jaqsam max-xiri ta' oġġetti jew l-għoti ta' servizzi minn kummerċjanti.

(2) Meta jintgħamel jew jinħareġ avviż skond kif hemm fis-subartikolu (1), id-Direttur għandu jsegwi il-prinċipji tas-sewwa u ta' l-oġġettività.

(3) Kemm il-Gvern, id-Direttur kif ukoll kull uffiċjal pubbliku li jaġixxi fuq istruzzjonijiet mogħtija mid-Direttur jew taħt l-awtorità tiegħu, ikunu eżenti minn kull responsabbiltà legali għal kull ma jkun sar *bona fide* bi twettiq ta' dan l-artikolu mid-Direttur jew minn kull uffiċjal pubbliku kif imsemmi qabel. Din l-eżenzjoni tapplika għall-persuni kollha li jippubblikaw, jistampaw, jirreġistraw, ixandru jew jikkomunikaw dik l-informazzjoni b'kull mod li jkun.

Isem il-Kunsill jew Dipartiment ma għandux jintuża f'xi reklam. *Emendat: XXVI. 2000.6; A.L. 425 ta' l-2007.*

**9.** (1) Kemm-il darba ma jkollux il-kunsens bil-miktub tad-Direttur, kummerċjant ma għandux jagħmel jew iġiegħel lil min jagħmel xi deskrizzjoni f'għamla li tidher jew li tinstama', sew b'mod speċifiku jew billi hekk jiftiehem, li tkun tfisser illi:

(*a*) xi oġġetti jew servizzi fornuti minn xi kummerċjant ikollhom l-approvazzjoni ta' xi awtorità stabbilita bis-saħħa ta' dan l-Att; jew

(*b*) xi attività mwettqa minn xi kummerċjant ikollha l-approvazzjoni, jew tkun qiegħda titmexxa bil-ko-operazzjoni jew għajnuna ta' xi awtorità imwaqqfa bis-saħħa ta' dan l-Att.

(2) Meta ssir referenza għal isem tal-kummerċjant, isem kummerċjali, *trade-mark* jew it-tismija ta' oġġetti jew servizzi provduti jew fornuti minn kummerċjant, bħala li għandhom

x'jaqsmu ma' deskrizzjoni msemmija fis-subartikolu (1), dak il-kummerċjant għandu jitqies għall-finijiet ta' dan l-artikolu bħala li kien il-persuna responsabbli għall-għemil tad-deskrizzjoni, kemm-il-darba ma jġibx prova li d-deskrizzjoni tkun saret mingħajr ma hu kien jaf biha jew li hu kellu x'jaqsam ma' l-għemil tagħha.

(3) Meta kummerċjant jinsab ħati taħt dan l-artikolu, huwa jista' jeħel multa ta' mhux anqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) u mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37).

Responsabbiltà ta' kummerċjant għal dak li jagħmlu l-impjegati tiegħu, eċċ.
*Emendat: II. 2008.10.*

**10.** (1) Meta reat jew ksur bi ksur ta' dan l-Att jew ta' kull regolament magħmul bis-saħħa tiegħu jsir minn impjegat jew minn persuna oħra li taġixxi f'isem kummerċjant, il-kummerċjant ikun ħati wkoll tar-reat jew tal-ksur li jkun sar mill-impjegat jew mill-persuna l-oħra li tkun qed taġixxi f'ismu kemm-il darba ma jippruvax li jkun wettaq kull diliġenza raġonevoli sabiex jipprevjeni t-twettiq tar-reat jew tal-ksur mill-impjegat jew mill-persuna l-oħra li tkun qed taġixxi f'isem il-kummerċjant.

(2) Fejn reat jew ksur ta' xi disposizzjoni ta' dan l-Att jew regolament li jaqa' taħtu ssir minn korp inkorporat u jiġi ppruvat li dan sar bil-kunsens jew l-involviment ta' jew huwa attribwibli lil negliġenza kbira minn naħa ta' persuna li hija direttur, *manager*, segretarja jew xi uffiċjal ieħor hekk deskritt tal-korp inkorporat jew persuna li kienet qed tallega li qed taġixxi f'tali kapaċità, tista' tittieħed azzjoni kontra dik il-persuna kif ukoll kontra l-korp inkorporat u dan jista' jingħata piena daqs li kieku kien responsabbli għal dak ir-reat jew ksur.

Kunfidenzjalità.
*Emendat: A.L. 425 ta' l-2007.*

**11.** (1) Kull min ikun jew f'xi żmien kien membru tal-Kunsill jew ta' xi kummissjoni konsultiva mwaqqfa bis-saħħa ta' dan l-Att, id-Direttur, jew uffiċjal pubbliku mad-Dipartiment ma għandhomx, kemm-il darba dan ma jkunx fit-twettiq ta' dmirijietu jew funzjonijiet taħt dan l-Att jew taħt kull liġi oħra, jew meta jkun imiss lilu li jagħmel dan bis-saħħa ta' disposizzjoni ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra, sew b'mod dirett jew mhux dirett jikkomunikaw tagħrif li jkunu saru jafu bih b'effett tal-fatt li kellu dik il-kariga jew uffiċċju.

(2) Ebda ħaġa fis-subartikolu (1) ma għandha tiftiehem bħala li tipprojbixxi d-Direttur jew kull uffiċjal pubbliku ieħor mad-Dipartiment milli jikkomunika lill-konsumatur, li l-ilment tiegħu dwar xi ħaġa jkun ġie investigat mid-Direttur, tagħrif dwar xi ħaġa li jkun sar jaf biha b'riżultat ta' l-investigazzjoni tiegħu.

(3) Mingħajr preġudizzju għal kull responsabbiltà oħra taħt xi liġi oħra, kull min jikser dan l-artikolu jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux anqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) u ta' mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.

Garanziji.
*Emendat:*
*XXVI. 2000.7;*
*XV. 2006.5;*
*A.L. 425 ta' l-2007;*
*II. 2008.11.*
Kap. 317.

**12.** (1) Mal-konklużjoni ta' investigazzjoni, fejn jidher lid-Direttur li kummerċjant/a ikun/tkun ġab/ġabet ruħu/ha bi ksur ta' jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti magħmula taħt l-artikolu 7 jew taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 9, jew bi ksur jew nuqqas ta' osservanza tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 44 sa 47, 51 sa 53 jew tad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Kuntratti fuq l-Għatba tal-Bieb, id-Direttur jista', fid-diskrezzjoni tiegħu/tagħha, minflok ma joħroġ deċiżjoni fejn isib ksur jew jibda proċeduri kontra l-kummerċjant/a u, jew joħroġ ordni ta' tħaris, jammonixxi lill-kummerċjant/a u jikseb mingħandu/ha garanzija bil-miktub li l-kummerċjant/a sa jieqaf/tieqaf milli jkompli/tkompli jġib/ġġib ruħu/ha skond ma hemm miktub fil-garanzija għal dak iż-żmien li ma jkunx iktar minn tliet snin, skond ma jiġi speċifikat mid-Direttur. Il-garanzija għandu jkun fiha dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet oħra li jista' jkun hemm ftehim dwarhom, inkluż, fejn iċ-ċirkostanzi jkunu hekk jeħtieġu, l-għoti ta' kumpens lill-konsumaturi milqutin.

(2) Meta d-Direttur iqis li jkun hekk adatt, huwa jista' jordna l-pubblikazzjoni ta' dik il-garanzija minn ta' l-inqas f'żewġ gazzetti ta' kuljum, u l-ispejjeż relattivi għal dan għandhom jitħallsu mill-kummerċjant.

(3) Id-Direttur għandu jżomm reġistru għall-garanziji magħmula taħt dan l-artikolu, liema reġistru għandu jinżamm fl-uffiċċju prinċipali tad-Dipartiment u kull persuna tkun tista' tara r-reġistru matul dawk il-ħinijiet li jkunu stabbiliti mid-Direttur.

(4) Kummerċjant/a li jikser/tikser garanzija magħmula skond dan l-artikolu ikun, mingħajr preġudizzju għal xi responsabbiltà li titnissel minn din il-liġi jew xi liġi oħra, ħati/ja ta' ksur kontra dan l-artikolu, u f'kull każ jibqa'/tibqa' marbut/a bil-garanzija għaż-żmien li jifdal mill-perijodu tagħha.

Poter li jagħmel investigazzjonijiet.
*Miżjud:*
*II. 2008.12.*

**12A.** Sabiex jiżgura l-osservanza tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolament magħmul taħtu, id-Direttur għandu/ha jkollu/ha l-poter li jagħmel/tagħmel investigazzjonijiet minn jeddu/ha jew fuq allegazzjoni raġonevoli bil-miktub ta' ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolament magħmul taħtu.

Proċeduri kriminali.
*Emendat:*
*XXVI. 2000.8;*
*II. 2008.13.*

**13.** (1) Meta investigazzjonijiet skond l-artikolu 12A ikunu marbuta ma' reat taħt dan l-Att jew xi regolament magħmul taħtu, proċeduri kriminali jistgħu jiġu istitwiti fuq talba tad-Direttur biss.

(2) F'kull proċediment imsemmi fis-subartikolu (1), id-Direttur, jew uffiċjal tad-Dipartiment li jkun debitament awtorizzat li jaġixxi minfloku, jista', minkejja kull disposizzjoni ta' kull liġi oħra, imexxi l-prosekuzzjoni fil-Qorti tal-Maġistrati.

(3) Fil-każ li tkun tenħtieġ ix-xhieda tad-Direttur jew l-uffiċjal prosekutur bħala parti mill-każ għall-prosekuzzjoni, huwa għandu jinstama' qabel kull xhud ieħor, sakemm il-ħtieġa li jagħti x-xiehda tiegħu ma tokkorrix fi stadju ulterjuri tal-proċedimenti.

**14.** (1) Fuq talba wkoll verbali ta' konsumatur aggravat jew ta' l-uffiċjal prosekutur f'ismu, il-qorti għandha meta l-akkużat jinsab ħati ta' reat kontra xi disposizzjoni ta' l-Att u xi regolament magħmul taħt l-artikolu 7, toħroġ ordni ta' kumpens li bih il-misjub ħati għandu jkun ordnat iħallas lill-konsumatur aggravat bħala kumpens sħiħ jew parzjali -

Ordnijiet ta' kumpens. *Emendat: A.L. 425 ta' l-2007; II. 2008.14.*

(*a*) ammont li ma jkunx iktar minn ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (582.34) għal kull telf ta' flus, u

(*b*) ammont li ma jkunx inqas minn erbgħa u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (34.94) u mhux iktar minn ħames mitt euro (500) bħala danni morali għal kull uġiegħ, għali, ansjetà u inkonvenjenza,

għal danni mġarrba mill-konsumatur aggravat b'riżultat tar-reat jew b'konsegwenza tiegħu.

(2) Kull kumpens ordnat taħt is-subartikolu (1)(*a*) għandu jitnaqqas minn kull ammont li jista' jingħata b'sentenza ta' qorti jew tribunal ta' ġurisdizzjoni ċivili dwar l-istess kwistjoni.

(3) Ma għandhiex issir talba għall-ħruġ ta' ordni ta' kumpens meta dawk id-danni jkun sar ftehim dwarhom mal-kummerċjant jew meta l-konsumatur aggravat ikun għamel talba quddiem qorti jew tribunal ta' ġurisdizzjoni ċivili kontra l-akkużat dwar l-istess kwistjoni.

(4) Ordni ta' kumpens maħruġ taħt dan l-artikolu għandu jkun magħmul mingħajr preġudizzju għall-jedd li għandu l-konsumatur aggravat li jibda azzjoni ċivili għat-teħid ta' kull ammont dovut lilu bħala danni b'dan illi l-ammont li jkun issemma' fl-ordni ta' kumpens għandu jitnaqqas mill-ammont kollu dovut mill-akkużat bħala danni.

(5) Jista' jsir appell mill-akkużat dwar ordni ta' kumpens magħmul taħt dan l-artikolu bl-istess mod kif isir appell minn sentenza.

(6) Meta s-sentenza li jkun fiha l-ordni ta' kumpens tgħaddi f'ġudikat, l-ordni ta' kumpens imsemmi għandu jitqies li jikkostitwixxi titolu esekuttiv għall-finijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u għandu jkun eżegwibbli bl-istess mod bħallikieku kien sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (f'kull każ fil-ġurisdizzjoni ċivili inferjuri tagħha) tal-ġżira fejn tkun tinsab il-qorti li toħroġ l-ordni ta' kumpens.

Kap. 12.

**14A.** (1) Mal-bidu ta' l-investigazzjonijiet skond l-artikolu 12A li jikkonċerna allegat ksur ta' xi disposizzjoni ta' dan l-Att jew ta' regolamenti magħmula taħtu, id-Direttur għandu/ha jikteb/tikteb lill-persuna investigata u jinfurmaha/tinfurmaha bin-natura ta' l-allegat ksur u jagħti lill-persuna kkonċernata perjodu ta' mhux inqas minn ħmistax-il ġurnata bħal ma d-Direttur jista' jiddeċiedi li huwa approprjat fiċ-ċirkostanzi. Waqt l-imsemmi perjodu, l-persuna kkonċernata tista' tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha lid-Direttur:

Proċeduri amministrattivi. *Miżjud: II. 2008.15. Emendat: XIV. 2009.2.*

Iżda d-Direttur jista':

(*a*) jeħtieġ li l-persuna involuta ġġib prova ta' l-eżattezza tal-pretensjonijiet fattwali fir-rigward ta' xi prattika kummerċjali jekk, meta jitqies l-interess leġittimu tal-persuna involuta u ta' kull parti oħra fil-proċeduri, dik il-ħtieġa tkun tidher ġustifikata fuq il-bażi taċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari; u

(*b*) jikkunsidra l-pretensjonijiet fattwali bħala mhux eżatti jekk ma tinġiebx il-prova meħtieġa skond il-paragrafu (*a*) ta' dan il-proviso jew din titqies bħala waħda insuffiċjenti mid-Direttur.

(2) Fejn, mal-konklużjoni ta' investigazzjoni, wara li jiġu kkunsidrati s-sottomissjonijiet, jekk ikunu saru, lilu taħt is-subartikolu (1), jirriżulta lid-Direttur li seħħ ksur ta' disposizzjoni ta' dan l-Att jew ta' kull regolament magħmul taħtu, hu/hija għandu/għandha joħroġ/toħroġ deċiżjoni fejn isib/issib ksur u jagħti/tagħti r-raġunijiet tiegħu/tagħha:

Iżda, minflok deċiżjoni fejn jsib ksur, id-Direttur jista'/tista' jitlob/titlob garanzija mingħand kummerċjant/a skond l-artikolu 12.

(3) Kopja tad-deċiżjoni maħruġa taħt is-subartikolu (2) għandha tiġi notifikata lill-persuna li kontra tagħha ttieħdet id-deċiżjoni.

Miżuri intermedji.
*Miżjud: II. 2008.15.*

**14B.** (1) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 14A, f'każijiet ta' urġenza minħabba ir-riskju ta' ħsara immedjata u serja lill-interessi kollettivi tal-konsumaturi, id-Direttur jista'/tista', qabel il-konklużjoni ta' l-investigazzjoni, fuq il-bażi ta' sejbiet *prima facie* ta' ksur, jordna/tordna miżuri intermedji sabiex jirrimedja/tirrimedja s-sitwazzjoni qabel ma tintlaħaq deċiżjoni finali, u jagħti/tagħti r-raġunijiet tiegħu/tagħha:

Iżda l-persuna li kontra tagħha tali miżuri huma maħsuba, għandha tingħata opportunità raġonevoli sabiex tagħti l-opinjoni tagħha u tipproponi xi rimedji.

(2) Miżuri meħuda taħt is-subartikolu (1) għandu jkollhom effett immedjat u għandhom jibqgħu fis-seħħ għall-perjodu ta' żmien stipulat fihom, sakemm ma jiġux revokati qabel mid-Direttur jew sakemm il-fatt li huwa taħt investigazzjoni ġie deċiż mid-Direttur qabel l-imsemmi perjodu, u jista' jiġġedded sakemm huwa meħtieġ u approprjat.

(3) Ordnijiet għal miżuri intermedji skond dan l-artikolu għandhom ikunu notifikati lill-persuna li qegħda tiġi investigata.

(4) Kull persuna li taġixxi kontra miżura intermedja maħruġa mid-Direttur tkun ħatja ta' ksur kontra dan l-artikolu.

(5) Persuna li ġiet notifikata b'miżura intermedja tista', fi żmien ħmistax-il ġurnata min-notifika tal-miżura, tappella mill-imsemmija miżura permezz ta' rikors quddiem il-Bord ta' l-Appell:

Iżda tali appell ma jkollux l-effett li jissospendi l-miżuri intermedji.

(6) Ir-rikors ta' l-appell għandu jiġi notifikat lid-Direttur, li

mhux aktar tard minn ħmistax il-ġurnata minn tali notifika jippreżenta r-risposta tiegħu.

(7) Il-Bord ta’ l-Appell jista’ jikkonferma jew jirrevoka l-miżuri intermedji jew jibdilhom fir-rigward ta’ kliem u kondizzjonijiet li l-Bord jista’ jikkunsidra xierqa.

Il-Prim Ministru jista’ jestendi t-tħaddim ta’ l-artikoli 10, 12, 12A, 13, 14, 14A u 14B u t-Taqsimiet X, XI u XII għal-liġijiet oħra.
*Emendat: II. 2008.16.*

**15.** (1) Il-Prim Ministru jista’ b’ordni fil-Gazzetta jordna li d-disposizzjonijiet ta’ l-artikoli 10, 12, 12A, 13, 14, 14A u 14B u t-Taqsima X, XI u XII għandhom japplikaw ukoll għal kull reat u, jew ksur ta’ kull liġi oħra li tiġi amministrata mid-Direttur, jew li jiksru kull liġi li biha jiġu stabbiliti l-ogħla prezzijiet għal oġġetti jew servizzi, jew li biha jiġu stabbiliti l-inqas livelli għal oġġetti jew servizzi.

(2) IId-disposizzjonijiet ta’ l-artikoli 10, 12, 12A, 13, 14, 14A u 14B u t-Taqsimiet X, XI u XII għandhom japplikaw għal reati u, jew ksur taħt il-liġijiet imsemmija fl-artikolu 111.

TAQSIMA III

**Tribunal għal Talbiet ta’ Konsumaturi**

Twaqqif ta’ Tribunali.

**16.** (1) Ikun hemm żewġ Tribunali li jkunu magħrufin bħala "Tribunal għal Talbiet ta’ Konsumaturi (Malta)" u "Tribunal għal Talbiet ta’ Konsumaturi (Għawdex)" rispettivament.

(2) It-Tribunal għal Talbiet ta’ Konsumaturi (Malta) ikollu, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), ġurisdizzjoni jisma’ u jaqta’ dwar talbiet li jsiru minn konsumaturi meta n-negozju li dwaru tkun tirreferi t-talba jkun sar f’Malta, u għandu jagħmel is-seduti tiegħu f’dak il-post jew dawk il-postijiet f’Malta hekk kif il-Ministru jista’ jistabbilixxi b’ordni fil-Gazzetta.

(3) It-Tribunal għal Talbiet ta’ Konsumaturi (Għawdex) ikollu ġurisdizzjoni jisma’ u jaqta’ dwar talbiet li jsiru mill-konsumaturi meta n-negozju li dwaru tkun tirreferi t-talba jkun sar fil-Gżejjer ta’ Għawdex jew ta’ Kemmuna, u għandu jagħmel is-seduti tiegħu f’dak il-post fil-Gżejjer ta’ Għawdex u ta’ Kemmuna hekk kif il-Ministru wara li jikkonsulta lill-Ministru responsabbli għall-Affarijiet ta’ Għawdex jista’ jistabbilixxi b’ordni fil-Gazzetta.

(4) Għall-finijiet tas-subartikoli (2) u (3) negozju jitqies li jkun seħħ -

(*a*) fil-każ ta’ bejgħ jew ta’ servizz li jkun sar jew ingħata fil-fond tal-kummerċjant, fil-gżira fejn ikun jinsab dak il-fond;

(*b*) fil-każ ta’ bejgħ jew ta’ servizz li jkun sar jew ingħata barra mill-fond tal-kummerċjant -

(i) meta l-bejgħ jew is-servizz ikun ġie kuntrattat telefonikament, bil-*facsim*il*e*, bil-korrispondenza jew b’kull mezz ta’ komunikazzjoni mekkaniku jew elettroniku u l-kummerċjant innifsu ma jkunx resaq lejn il-konsumatur u offra l-bejgħ ta’ l-oġġetti jew l-għoti tas-servizz, il-gżira fejn ikun jinsab il-fond

tal-kummerċjant;

(ii) fil-każijiet l-oħra fil-gżira fejn tkun saret il-konsenja ta' l-oġġetti jew fejn ikunu ingħataw is-servizzi; b'dan illi meta l-prodott ikun ġie konsenjat jew is-servizz ikun ġie provdut fil-Gżira ta' Malta u parti fil-Gżira ta' Għawdex jew fil-Gżira ta' Kemmuna, jew ikun ġie konsenjat jew provdut waqt vjaġġ bejn il-Gżira ta' Malta u l-Gżira ta' Għawdex jew il-Gżira ta' Kemmuna, iż-żewġ tribunali jkollhom ġurisdizzjoni.

(5) Meta skond id-disposizzjonijiet magħmulin fis- subartikolu (4), jew skond ir-regoli magħmulin skond l-artikolu 27, ma jkunx jista' jiġi determinat liema tribunal ikollu ġurisdizzjoni, għandhom japplikaw *mutatis mutandis* dawk id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jiddeterminaw il-konflitt ta' ġurisdizzjoni bejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-ġurisdizzjoni ċivili tagħha u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-ġurisdizzjoni ċivili inferjuri tagħha.

Kap. 12.

Arbitri.
*Emendat: II. 2008.17.*

**17.** (1) Jippresjedi fuq kull tribunal, arbitru waħdu:

Iżda iktar minn arbitru wieħed jistgħu jinħatru biex jippresjedu xi wieħed mit-tribunali msemmija, iżda għal kull każ ikun hemm arbitru wieħed biss.

(2) L-arbitri jinħatru mill-Prim Ministru. Ħadd ma jkun kwalifikat jinħatar arbitru ħlief jekk -

(*a*) ikun ċittadin ta' Malta li jkun għalaq it-tletin sena; u

(*b*) ikollu *warrant* u jkun ipprattika bħala avukat għal mill-inqas ħames snin.

(3) Persuna tkun skwalifikata milli tinħatar arbitru jekk -

(*a*) tkun membru tal-Kamra tad-Deputati; jew

(*b*) tkun membru ta' Kunsill Lokali; jew

(*ċ*) tkun kummerċjant; jew

(*d*) tkun instabet ħatja ta' xi offiża jew xi ksur imsemmi fl-artikolu 4(7)(*d*)(v).

(4) L-arbitri jirċevu dik ir-rimunerazzjoni li l-Prim Ministru jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u dawn ma għandhomx jitwaqqfu mill-prattika tal-professjoni tagħhom.

(5) L-arbitri jinħatru għal perijodu ta' tliet snin u jkunu jistgħu jerġgħu jinħatru għal perijodu ieħor jew perijodi oħra ta' tliet snin kull wieħed.

(6) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att, arbitru ma jkun jaqa' taħt ebda kontroll jew ordni ta' xi persuna jew awtorità oħra u ma jistax jitneħħa mill-kariga jekk mhux mill-Qorti ta' l-Appell fuq talba għal dak l-għan mill-Prim Ministru imsejsa fuq imġieba ħażina jew inkapaċità li jwettaq dmirijietu minħabba f'inabilità fiżika jew debilità mentali.

(7) Ir-rimunerazzjoni dovuta lill-arbitri u l-ispejjeż meħtieġa

għall-amministrazzjoni tat-tribunali għandhom jitħallsu mill-Fond Konsolidat mingħajr il-ħtieġa ta' xi approprjazzjoni oħra.

Astensjoni jew rikuża ta' arbitri.

**18.** Arbitru għandu jastjeni u jista' jiġi rikużat fl-istess ċirkostanzi li jokkorru fil-każ ta' mħallef tal-qrati superjuri.

Ġurament li jittieħed minn arbitru.

**19.** Kull min jinħatar bħala arbitru ma għandux jibda jwettaq id-dmirijiet tal-kariga tiegħu sakemm ma jkunx ħa quddiem l-Avukat Ġenerali ġurament biex jeżamina u jaqta' l-każijiet li jinġiebu quddiemu mingħajr dewmien, b'mod imparzjali u b'ekwità skond il-liġi.

Ġurisdizzjoni tat-Tribunal.
*Emendat: XXVI. 2000.9; A.L. 425 ta' l-2007.*

**20.** (1) Tribunal ikollu ġurisdizzjoni li jisma' u jaqta' talbiet magħmula minn konsumaturi kontra kummerċjanti meta l-valur tat-talba, minbarra l-imgħax u l-ispejjeż, ma jkunx aktar minn tliet elef u erba' mija u erbgħa u disgħin euro u sitt ċenteżmi (3,494.06), u meta t-talba jkollha x'taqsam ma', toħroġ minn jew tkun dwar, sew direttament sew indirettament -

(*a*) ix-xiri jew kiri minn konsumatur ta' oġġetti mingħand kummerċjant;

(*b*) l-għoti ta' servizzi minn kummerċjant lil konsumatur.

(2) Il-ġurisdizzjoni ta' tribunal ma għandhiex tkun waħda esklussiva, u l-għażla tkun f'idejn il-konsumatur dwar jekk għandux iġib azzjoni kontra kummerċjant quddiem tribunal jew quddiem il-qrati ordinarji, b'dan illi -

(*a*) meta tkun inġiebet azzjoni quddiem it-Tribunal minn konsumatur, dak il-konsumatur ma jkollux jedd jerġa' wkoll iġib azzjoni li toħroġ mill-istess talba quddiem il-qorti ordinarja; u

(*b*) meta tkun inġiebet azzjoni quddiem il-qrati ordinarji minn konsumatur, jew f'każ miġjub minn kummerċjant kontra konsumatur u l-konsumatur jagħmel kontro-talba, il-partijiet kollha fil-kawża jkunu jistgħu, jekk it-talba u l-kontro-talba li jista' jkun hemm ikunu jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' tribunal, permezz ta' nota konġuntiva li tiġi preżentata fl-atti tal-kawża jitolbu lil dik il-qorti tittrasferixxi l-każ lit-Tribunal. Malli jiġri dan il-qorti ordinarja għandha permezz tar-Reġistratur tittrasferixxi kopja ta' l-atti ta' dik il-kawża lit-Tribunal u tieqaf milli tkompli tisma' dak il-każ. Id-drittijiet tar-reġistru għar-rigward tal-każ quddiem il-qrati ordinarji għandhom f'kull każ jiġu kanċellati, u sakemm il-partijiet ma jiftehmux xort'oħra fin-nota imsemmija, l-ispejjeż jiġu kanċellati bl-istess mod bħallikieku l-każ ikun ġie ċedut mill-attur:

Iżda każ ma għandux jiġi trasferit għal tribunal meta l-valur tat-talba jew kontro-talba stabbilit skond ma hemm provdut fis-subartikolu (1) ikun iktar minn tliet elef u erba' mija u erbgħa u disgħin euro u sitt ċenteżmi (3,494.06); u

(*ċ*) kummerċjant ikun jista' jagħmel kontro-talba kontra

konsumatur li toħroġ minn kwistjoni msemmija fis-subartikolu (1) quddiem it-Tribunal f'azzjoni miġjuba kontrih minn konsumatur.

Kif jinqatgħu l-kwistjonijiet quddiem it-Tribunal. *Emendat: A.L. 425 ta' l-2007.*

**21.** (1) Tribunal jaqta' l-kwistjonijiet f'talba jew kontro-talba preżentati quddiemu skond kull meritu u ġustizzja sostantiva tal-każ, u skond l-ekwità:

Iżda kull kwistjoni li jista' jkun hemm dwar il-preskrizzjoni għandha tinqata' skond il-liġi.

(2) Tribunal jista', meta jaqta' l-kwistjonijiet f'talba jew kontro-talba preżentati quddiemu, jordna lill-kummerċjant iħallas lill-konsumatur ammont li ma jkunx inqas minn erbgħa u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (34.94) u mhux iktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) bħala danni morali għal kull ħsara, deni, ansejtà u inkonvenjenza.

Appelli. *Emendat: XXVI. 2000.10.; VI. 2001. 26; II. 2008.18.*

**22.** (1) Appell isir minn deċiżjoni ta' Tribunal permezz ta' rikors li jiġi preżentat fi żmien għoxrin jum mid-data tad-deċiżjoni -

(*a*) fil-każ ta' appell mit-Tribunal tal-Konsumaturi (Malta) lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) li joqgħod f'Malta; u

(*b*) fil-każ ta' appell mit-Tribunal tal-Konsumaturi (Għawdex) lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) li joqgħod f'Għawdex.

(2) Indipendentement mill-ammont tat-talba, jista' dejjem isir appell fil-każijiet li ġejjin:

(*a*) fuq kull ħaġa li jkollha x'taqsam mal-ġurisdizzjoni tat-Tribunal; jew

(*b*) fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni; jew

(*ċ*) meta t-tribunal ikun mar kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella.

(3) Ikun hemm ukoll dritt ta' appell fil-każijiet kollha fejn l-ammont fil-kwistjoni, kalkolat skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 20(1), jaqbeż l-elf u mitejn euro.

(4) Meta l-Qorti ta' l-Appell taqta' li l-appell ikun fondat u ġustifikat, din għandha tħassar id-deċiżjoni tat-Tribunal u għandha hi stess taqta' t-talba u l-kontro-talba oriġinali skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 21.

(5) Il-Qorti ta' l-Appell tista', jekk tikkunsidra r-rikors frivolu jew vessatorju, tiċħad l-appell u tordna lill-appellant biex iħallas penali li m'għandhiex tkun inqas minn mitejn u tletin euro u li ma tkunx iżjed minn elf, mija u sebgħin euro.

(6) L-ammont tal-penali għandu jkun dovut u għandu jitħallas lill-Gvern bħala dejn ċivili, likwidu u ċert, u jista' jiġi miġbur mir-Reġistratur. L-ordni msemmija fis-subartikolu (5) għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv skond u għall-finijiet tat-Titolu VII tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

(7) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti taħt dan is-subartikolu jistabbilixxi d-drittijiet li għandhom jitħallsu fir-reġistru tal-qorti għar-rigward tal-preżentata ta' atti bil-miktub f'konnessjoni ma' appell taħt dan l-artikolu:

Iżda meta ma jkunu ġew hekk stabbiliti ebda drittijiet bħal dawk, għandhom japplikaw id-drittijiet li hemm fl-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

(8) Il-Bord imwaqqaf taħt l-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jista' jagħmel regoli li jkunu jirregolaw l-appelli li jsiru taħt dan l-artikolu. Kap. 12.

**23.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' kull regola magħmula skond l-artikolu 27 u skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), arbitru jirregola l-proċedimenti quddiem tribunal bil-mod li jaħseb li jkun l-aktar xieraq għall-finijiet li tintagħmel ġustizzja, skond id-dettami tal-ġustizzja naturali. Proċedura. *Emendat: XXVI. 2000.11.*

(2) Bla ħsara għal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), arbitru -

(*a*) għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun b'mod raġonevoli possibbli, jinqata' fl-istess jum tas-smigħ tiegħu;

(*b*) għandu jitgħarraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-aħjar prova jew dwar xiehda fuq kliem ħaddieħor jekk ikun sodisfatt li x-xiehda li jkollu quddiemu tkun biżżejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqta' l-każ li jkun qed jittratta;

(*ċ*) għandu jiddeżisti kemm jista' jkun milli jqabbad periti tekniċi sabiex jagħtu l-parir espert tagħhom, u jekk jinħatru tali periti huwa għandu jifformula elenku ta' dettalji li l-perit ikollu jirrelata dwarhom;

(*d*) ma għandux joqgħod jagħti motivi imtawwlin dwar kif ikun wasal għad-deċiżjonijiet tiegħu, iżda jkun biżżejjed li jelenka d-dettalji ewlenin li jkun sejjes id-deċiżjoni tiegħu fuqhom;

(*e*) jkollu l-istess setgħa daqs maġistrat li joqgħod fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-kompetenza ċivili tagħha jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza ċivili inferjuri tagħha u b'mod partikolari jkun jista' jħarrek ix-xhieda u jamministralhom il-ġurament; u

(*f*) għandu jiżgura li x-xiehda quddiem it-Tribunal għandha f'kull każ tingħata bil-ġurament.

(3) Ebda proċediment quddiem tribunal ma jkun invalidu minħabba f'nuqqas ta' tħaris ta' xi formalità sakemm wieħed ikun mexa b'mod konformi kemm jista' jkun mar-regoli.

(4) (*a*) Qabel ma talba tiġi preżentata quddiem tribunal, dik il-parti li tkun ser tagħmel it-talba għandha l-ewwel tirreferi t-talba lid-Direttur jew lil xi għaqda ta' konsumaturi reġistrata li għandhom jippruvaw jwasslu lill-partijiet fi ftehim dwar il-kwistjonijiet li jkun

hemm.

(*b*) Jekk ma jkunx intlaħaq ftehim dwar il-kwistjonijiet kollha fi żmien ħmistax-il jum ta' xogħol minn meta l-parti tkun irriferiet it-talba tagħha lid-Direttur jew lill-għaqda ta' konsumaturi reġistrata, skond il-każ, dik il-parti tista' mbagħad tressaq it-talba tagħha quddiem it-Tribunal.

Kap. 108.

(5) Ix-xhieda għandhom jitħallsu d-drittijiet skond l-Ordinanza dwar id-Drittijiet tax-Xhieda.

Kap. 189.

(6) Id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar Proċeduri Ġudizzjarji (Użu ta' l-Ilsien Ingliż) għandhom japplikaw għat-Tribunal.

Kif toħodd din it-Taqsima.

**24.** (1) Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima jgħoddu għal talbiet li joħorġu minn xi bejgħ magħmul jew servizz mogħti wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu, u tkun kundizzjoni ta' kull bejgħ jew servizz mogħti wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu li d-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom ikunu jgħoddu għal kull talba li toħroġ minnhom:

Iżda konsumatur u kummerċjant ikunu jistgħu jaqblu li din it-Taqsima tkun tgħodd ukoll għal bejgħ li jkun sar, jew servizz li jkun ġie provdut, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu.

(2) Il-partijiet fi transazzjoni li għalihom jirreferi s-subartikolu (1), ma jistgħux jiċħdu jew inaqqsu xi wieħed mill-jeddijiet mogħtija lil konsumatur taħt din it-Taqsima.

Spejjeż u esekuzzjoni. *Emendat: XXVI. 2000.12; A.L. 425 ta' l-2007.*

**25.** (1) F'kull deċiżjoni li jagħti l-arbitru għandu jiddeċiedi dwar l-ispejjeż li xi waħda mill-partijiet ikollha tħallas lill-parti l-oħra u sakemm ma jkunx hemm xi ċirkostanzi speċjali, il-parti li titlef il-każ għandha tiġi ordnata tħallas l-ispejjeż tal-parti l-oħra li favur tagħha jkun inqata' l-każ:

Iżda meta l-arbitru jkun sodisfatt li talba ppreżentata quddiem it-Tribunal jew id-difiża għar-rigward tagħha tkun waħda vessatorja jew frivola, huwa jista' jordna lill-parti li tagħmel it-talba jew lill-intimat, skond il-każ, biex tħallas lill-parti l-oħra penali ta' mhux iktar minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47). Kull ordni bħal dik għandha tkun motivata u esegwibbli bl-istess mod bħallikieku kienet deċiżjoni tat-Tribunal.

(2) L-ispejjeż ikunu limitati biss għal nefqiet li jkunu saru b'mod dirett dwar il-każ mill-parti li favur tagħha jkun ġie deċiż li jitħallsulha l-ispejjeż:

Iżda f'ebda każ ma għandu jiġi deċiż dwar spejjeż li jkollhom x'jaqsmu ma' nefqiet li jkunu jikkonsistu fi drittijiet legali jew kull dritt ieħor b'kull isem li jkunu mħallsa minn xi parti li tkun lil avukati, prokuraturi legali jew kull persuna oħra li tassisti lill-partijiet quddiem it-Tribunal.

(3) Deċiżjoni ta' tribunal li tkun għaddiet f'ġudikat tista' tkun eżegwibbli mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-każ ta' deċiżjoni tat-Tribunal għal Talbiet ta' Konsumaturi (Malta) u mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza ċivili inferjuri tagħha fil-każ tat-Tribunal għal Talbiet ta' Konsumaturi (Għawdex) bl-istess mod

bħallikieku d-deċiżjoni kienet sentenza ta’ qorti jew oħra.

**25A.** Kull persuna li tonqos milli twettaq deċiżjoni tat-tribunal, jew tal-Qorti ta’ l-Appell, minkejja li jkunu għaddew aktar minn tliet xhur minn meta tali deċiżjoni tkun għaddiet f’ġudikat, tkun ħatja kontra dan l-Att; u tista, meta tinsab ħatja, teħel multa ta’ mhux aktar minn ħames mitt euro:

Meta ma tiġix eżegwita deċiżjoni f’ġudikat. *Miżjud: II. 2008.19.*

Iżda prosekuzzjoni għal offiża taħt dan l-artikolu tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligazzjoni ta’ l-akkużat li jwettaq id-deċiżjoni tat-Tribunal jew tal-Qorti ta’ l-Appell.

**26.** (1) Kull tribunal ikollu r-Reġistru tiegħu.

Reġistru, Segretarju u Deputat Segretarju.

(2) Ir-*records* ta’ kull tribunal għandhom ikunu aċċessibbli għal kulħadd, u għandhom jingħataw kopji relattivi mal-ħlas tad-dritt preskritt lil kull persuna li titlobhom.

(3) L-atti u *records* ta’ tribunal għandhom jiġu depożitati u miżmuma fil-post kif il-Ministru jista’ jistabbilixxi, bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, b’ordni fil-Gazzetta.

(4) Il-Ministru jaħtar Segretarju għal kull tribunal minn fost uffiċjali pubbliċi fid-Dipartiment.

(5) Bla ħsara għal dawk ir-regoli li jistgħu jsiru taħt din it-Taqsima, is-segretarju jkollu l-istess funzjonijiet għar-rigward tat-tribunal l-istess bħalma għandhom ir-Reġistratur tal-Qrati u l-Arkivist tal-Qrati għar-rigward tal-qrati superjuri.

(6) Il-Ministru jaħtar ukoll deputati segretarji minn fost uffiċjali pubbliċi fid-Dipartiment li, bla ħsara għal regoli magħmula kif imsemmi qabel, ikollhom dawk id-dmirijiet li jingħatawlhom b’mod ġenerali mis-Segretarju u b’mod partikolari hekk kif jitwettqu minn deputati reġistraturi fil-qrati superjuri.

(7) Qabel ma jibdew iwettqu l-funzjonijiet tal-kariga tagħhom, segretarju u deputat segretarju għandhom jieħdu u jiffirmaw ġurament quddiem Kummissjunarju għall-Ġuramenti li jkunu se jwettqu dmirijiethom b’mod ġust u imparzjali skond il-liġi.

**27.** Il-Ministru jista’, bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, jagħmel regolamenti għall-ħdim aħjar tat-tribunali imwaqqfin b’din it-Taqsima u jista’ mingħajr preġudizzju għall-mod ġeneriku ta’ dan il-paragrafu jagħmel regoli li:

Regoli.

(*a*) jifformulaw il-proċedura ta’ quddiem it-tribunali jew ta’ l-appelli li jsiru minn deċiżjonijiet tat-tribunali;

(*b*) jistabbilixxu kif għandhom isiru l-proċedimenti quddiem it-tribunali jew f’appelli mit-tribunali;

(*ċ*) jistabbilixxu r-rati ta’ l-ispejjeż fi proċedimenti li jsiru quddiem it-tribunali;

(*d*) jistabbilixxu d-drittijiet li jistgħu ikunu dovuti lir-reġistru tat-tribunal;

(*e*) jifformulaw id-dmirijiet tas-segretarji u deputati segretarji; u

(*f*) jippreskrivu kull ħaġa oħra li tista’ jew għandha tkun

hemm preskritta skond din it-Taqsima.

TAQSIMA IV

**Għaqdiet ta' Konsumaturi**

Ħtiġiet għal reġistrazzjonijiet. *Emendat: XXVI. 2000.13.*

**28.** Għaqda ta' konsumaturi reġistrata hija għaqda ta' konsumaturi li tissodisfa l-Kunsill li tkun qiegħda tikkonforma ruħha ma' dawn il-ħtiġiet li ġejjin:

(*a*) li l-għaqda jkollha għadd ta' membri regolari ta' mill-inqas mitt membru maġġorenni li jkunu ċittadini maltin jew residenti permanenti f'Malta;

(*b*) li l-istatut ta' l-għaqda jistabbilixxi l-prinċipju li l-għan ewlieni tas-soċjetà huwa l-promozzjoni ta' protezzjoni tal-konsumatur, u li din tmexxi, tgħarraf u teduka lill-konsumaturi;

(*ċ*) li l-istatut ikun jipprovdi li l-għaqda titmexxa minn persuni li jiġu eletti b'mod ħieles mill-membri ta' l-għaqda f'elezzjoni li ssir mill-inqas darba kull sena kalendarja;

(*d*) li l-għaqda ma jkollhiex bħala wieħed mill-għanijiet tagħha li tagħmel xi qligħ; u

(*e*) li l-għaqda tkun indipendenti minn kull għaqda, organizzazzjoni jew gruppi oħra li l-għan ewlieni tagħhom ma jkunx dak li jipproteġu l-konsumaturi.

Kif tapplika għal għarfien.

**29.** (1) Kull għaqda ta' konsumaturi li tkun tixtieq tiġi rikonoxxuta bħala għaqda ta' konsumaturi reġistrata għandha tissottometti lill-Kunsill dan li ġej:

(*a*) applikazzjoni fuq il-formula adatta maħruġa taħt l-awtorità tal-Kunsill;

(*b*) kopja sħiħa aġġornata ta' l-istatut tagħha debitament ċertifikat mill-persuna li jkollha l-ogħla kariga esekuttiva ma' l-għaqda;

(*ċ*) lista tal-membri ta' l-għaqda inklużi l-indirizzi rispettivi tagħhom u numri tal-karta ta' l-identità; u

(*d*) l-indirizz uffiċjali ta' l-għaqda.

(2) Il-Kunsill għandu ma' l-ewwel opportunità li jkollu jeżamina u jivverifika jekk l-għaqda tkunx tissodisfa l-ħtiġiet stipulati fl-artikolu 28. Meta dawn il-ħtiġiet ikunu twettqu, il-Kunsill jirreġistra lil min japplika bħala għaqda ta' konsumaturi reġistrata, u joħroġ ċertifikat lill-għaqda li bih jikkonferma r-reġistrazzjoni ta' l-imsemmija għaqda u d-data ta' dik ir-reġistrazzjoni.

(3) Meta l-Kunsill jaqtagħha li għaqda ma tissodisfax il-ħtiġiet għar-reġistrazzjoni, dan għandu fi żmien erbatax-il jum mid-data tad-deċiżjoni tiegħu jinnotifika b'dan bil-miktub lil min ikun applika filwaqt li jsemmi kif wasal għal dik id-deċiżjoni.

(4) Il-Kunsill jista' jirrifjuta li jirreġistra għaqda ta'

konsumaturi taħt isem jew tismija li jikkunsidra offensivi jew inkella mhux mixtieqa.

(5) Ċertifikat maħruġ mill-Kunsill li jfisser li għaqda ta' konsumaturi partikolari hija għaqda ta' konsumaturi reġistrata konformi mal-ħtiġiet kollha stipulati taħt is-subartikolu (1), ikun prova valida u konklusiva ta' dan il-fatt għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

(6) Ebda dritt ma għandu jitħallas dwar ir-reġistrazzjoni ta' għaqda ta' konsumaturi mal-Kunsill.

Reġistru ta' għaqdiet ta' konsumaturi.

**30.** (1) Il-Kunsill iżomm reġistru ta' l-għaqdiet ta' konsumaturi kollha, fejn jissemmew isimhom, id-dati tar-reġistrazzjoni, l-għadd ta' membri u kull partikolarità oħra li l-Kunsill jista' jqis xierqa.

(2) Ir-reġistru jkun aċċessibbli għall-ispezzjon ta' kulħadd bla ebda ħlas f'kull ħin u mkien hekk kif jista' jiġi stabbilit mill-Kunsill:

Iżda l-identità tal-membri ta' għaqda ta' konsumaturi reġistrata ma għandiex tkun aċċessibbli għal skrutinju pubbliku.

Obbligu li jinżamm dettalji dwar il-membri.

**31.** Kull għaqda ta' konsumaturi reġistrata għandha żżomm dettalji għal kollox aġġornati ta' l-ismijiet, indirizzi u numri tal-karti ta' l-identità tal-membri tagħha.

Obbligu li jingħata tagħrif lill-Kunsill.

**32.** (1) Għaqda ta' konsumaturi reġistrata għandha tissottometti lill-Kunsill kull rapport u tagħrif dwar il-membri komponenti u l-attivitajiet tagħha hekk kif jistgħu minn żmien għal żmien jenħtieġu. Mingħajr preġudizzju għal dak imsemmi qabel, kull għaqda ta' konsumaturi reġistrata għandha f'kull sena kalendarja mhux iktar tard mill-aħħar ta' Marzu tippreżenta għand il-Kunsill rapport dwar il-membri komponenti tagħha fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel.

(2) Għaqda ta' konsumaturi reġistrata għandha tipprovdi lill-Kunsill b'kopja ta' l-emendi ta' l-istatut tagħha, liema kopja għandha tkun debitament ċertifikata mill-persuna li jkollha l-ogħla kariga esekuttiva fl-għaqda. Kull emenda bħal dik għandha tiġi notifikata lill-Kunsill fi żmien erbatax-il jum minn meta tiġi approvata mill-għaqda msemmija.

Il-Kunsill għandu jippubblika lista ta' kull sena.

**33.** Kemm jista' jkun malajr wara li tgħaddi kull sena kalendarja waħda wara l-oħra iżda mhux aktar tard minn tmiem Mejju ta' kull sena, il-Kunsill għandu jippubblika b'tagħrif ġenerali fil-Gazzetta lista ta' l-għaqdiet ta' konsumaturi reġistrati li jkunu debitament reġistrati miegħu fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel.

Stqarrijiet foloz jew mhux veritieri, eċċ.
*Emendat: A.L. 425 ta' l-2007.*

**34.** Kull min xjentement jew bi traskuraġni jagħmel stqarrija jew dikjarazzjoni falza jew mhux veritiera jew mod ieħor jagħti tagħrif falz jew mhux veritier lill-Kunsill taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima jeħel, meta jinsab ħati, multa sa elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew priġunerija għal mhux iżjed minn sitt xhur, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.

Eżenzjonijiet u privileġġi.

**35.** Għaqda ta' konsumaturi reġistrata għandha jkollha l-jeddijiet, benefiċċji, privileġġi u eżenzjonijiet mogħtija b'din it-Taqsima għal daqstant żmien kemm iddum hekk reġistrata u tkompli tikkonforma ruħha mal-ħtiġiet ta' din it-Taqsima.

Eżenzjoni mir-responsabbiltà. *Emendat: II. 2008.20.*

**36.** (1) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, għaqda ta' konsumaturi reġistrata u kull wieħed mill-uffiċjali tagħha fil-qadi ta' dmirijietu f'isimha jkun eżenti minn kull responsabbiltà kemm ċivili jew kriminali, dwar kull pubblikazzjoni, stqarrija jew komunikazzjoni jew attività oħra, li jkunu saru *bona fide* li jkunu maħsubin unikament għall-aħjar tagħrif jew edukazzjoni jew protezzjoni tal-konsumaturi. Din l-eżenzjoni tapplika għall-persuni kollha li jippubblikaw, jistampaw, jirreġistraw, ixandru jew jikkomunikaw din l-informazzjoni b'xi mod li jkun.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1), pubblikazzjoni, stqarrija, komunikazzjoni jew attività titqies li tkun *bona fide* meta din ma ssirx jew ma tintgħamilx bi traskuraġni jew dolożament, meta din tkun issegwi l-prinċipji tas-sewwa u ta' l-oġġettività, u ma tkunx bi ksur ta' xi regoli ta' prattika magħmula skond l-artikolu 7(1)(*b*).

(3) Kull min jallega *male fide* minn għaqda ta' konsumaturi reġistrata jkun jinkombi fuqu li jipprova dawk l-allegazzjonijiet.

Għaqdiet ta' Konsumaturi Reġistrati u prosekuzzjonijiet.

**37.** (1) Għaqda ta' konsumaturi reġistrata tista' f'isimha tagħmel rapporti jew ilmenti lill-awtorità kompetenti fuq kull ksur ta' dan l-Att, ta' kull liġi amministrata mid-Direttur jew ta' kull liġi jew regolament li l-Prim Ministru jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi b'avviż li jiġi pubblikat fil-Gazzetta.

(2) F'kull prosekuzzjoni li ssir mill-awtorità kompetenti wara xi rapport jew ilment bis-saħħa tas-subartikolu (1), għandu jissejjaħ rappreżentant ta' l-għaqda biex jixhed dwar il-fatti li l-għaqda tkun taf bihom dwar l-ilment jew ir-rapport u biex jindika lill-qorti kull xiehda dwar l-akkuża li jista' jkun jaf biha.

(3) Filwaqt li jkunu qegħdin isiru il-proċedimenti kriminali mibnijin fuq ilment jew rapport li jsiru mill-għaqda, uffiċjal li jkun debitament awtorizzat mill-għaqda għal dan l-għan ikollu jedd jieħu sehem u jassisti fil-prosekuzzjoni tar-reati msemmija.

Eżenzjoni mit-taxxa fuq l-*income*.

**38.** Għaqda ta' konsumaturi reġistrata tkun eżenti mill-ħlas ta' taxxa fuq l-*income*.

Għajnuna lil għaqdiet ta' konsumaturi reġistrati.

**39.** Il-Ministru jista', fuq il-parir tal-Kunsill, jagħti lil kull għaqda ta' konsumaturi reġistrata dik l-għajnuna u dawk il-faċilitajiet li jista' minn żmien għal żmien iqis xierqa sabiex għaqda tkun tista' twettaq dmirijietha.

Konsultazzjoni u inizjattivi ma' għaqdiet ta' konsumaturi reġistrati.

**40.** (1) Kull meta jqis li jkun hekk meħtieġ, il-Kunsill jista' jikkonsulta ruħu ma' għaqdiet ta' konsumaturi reġistrati dwar kull ħaġa li għandha x'taqsam jew li toħroġ mill-provvista ta' oġġetti u servizzi lill-konsumaturi.

(2) Il-Kunsill jista' wkoll jieħu inizjattivi jew jipparteċipa f'kampannji ma' għaqdiet ta' konsumaturi reġistrati kif jidhirlu xieraq minn żmien għal żmien.

**41.** Il-Kunsill għandu jħassar ir-reġistrazzjoni ta' għaqda ta' konsumaturi reġistrata f'wieħed minn dawn il-każijiet meta - Tħassir ta' reġistrazzjoni. *Emendat: II. 2008.21.*

(*a*) issir talba għal tħassir mill-għaqda stess;

(*b*) ikun sodisfatt li l-għaqda ma tkunx iktar konformi mal-ħtiġiet stipulati fl-artikolu 28;

(*ċ*) għal kull raġuni li tkun, l-istatut li jirregola l-għaqda ma jkunx konformi mad-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima;

(*d*) ikun sodisfatt li l-għaqda tkun temmet teżisti jew taħdem;

(*e*) ikun sodisfatt li hemm prova biżżejjed li r-reġistrazzjoni ta' għaqda kienet inkisbet bi frodi, negliġenza jew żball serju;

(*f*) l-għaqda tinstab, jew kull min jaġixxi f'isimha jinstab, ħati ta' reat taħt l-artikolu 34; jew

(*g*) l-għaqda tkun għal diversi drabi aġixxiet bi ksur tar-regoli ta' prattika magħmula taħt l-artikolu 7(1)(*b*), jew li tkun f'xi ħaġa serja aġixxiet, ukoll jekk darba waħda biss, bi ksur ta' dawk ir-regoli.

**42.** Ebda ħaġa f'din it-Taqsima ma għandha titqies bħala li tostakola jew tillimita l-jedd ta' persuni li jwaqqfu għaqdiet għall-protezzjoni u l-promozzjoni ta' interessi tal-konsumaturi mingħajr ma jkunu jikkwalifikaw skond l-artikolu 28. F'każ bħal dan għaqda mhux reġistrata ma jkollha ebda dritt li tiġi konsultata, tingħata għajnuna jew tingħaraf mill-Kunsill, jew għal kull dritt, privileġġ jew eżenzjoni oħrajn mogħtija b'din it-Taqsima lil għaqdiet ta' konsumaturi reġistrati. Għaqdiet oħra ta' konsumaturi.

TAQSIMA V

*Miżjuda: XXVI. 2000.15.*

**Dikjarazzjoni ta' prinċipji**

**43.** (1) Il-prinċipji dikjarati fis-subartikolu (2) ma għandhomx ikunu direttament esegwibbli f'xi qorti jew tribunal, iżda għandhom jinżammu fl-interpretazzjoni u l-implementazzjoni ta' dan l-Att u tar-regolamenti kollha magħmula taħtu. Drittijiet favur il-konsumatur. *Miżjud: XXVI. 2000.15.*

(2) Il-konsumaturi jkollhom dritt -

(*a*) għal aċċess adegwat għal oġġetti u servizzi essenzjali bażiċi bi prezzijiet raġonevoli u li jkunu jistgħu jagħżlu minn firxa wiesgħa ta' oġġetti u servizzi;

(*b*) li jkunu protetti minn oġġetti, proċessi ta' produzzjoni u servizzi li jagħmlu ħsara lis-saħħa;

(*ċ*) għal aċċess adegwat għal informazzjoni dwar oġġetti jew servizzi li tkun ċara, korretta u ma tqarraqx;

(*d*) li jikkomponu u jingħaqdu ma' għaqdiet favur il-konsumatur u li kull interess favur il-konsumatur jiġi rappreżentat fl-għemil u l-eżekuzzjoni ta' *policy* governattiva, u fl-iżvilupp ta' oġġetti u servizzi;

(*e*) għal protezzjoni minn kull prattika ta' kummerċ mhux

legali jew mhux ġust;

(*f*) li talbiet ġustifikati jiġu rranġati b'mod ġust inkluż il-kumpens adegwat għal rappreżentazzjoni ħażina, oġġetti diżutli jew servizzi mhux sodisfaċenti; u

(*g*) għal rimedju effettiv, imgħaġġel u bi spejjeż baxxi fit-tilwim li jista' jkollhom mal-kummerċjanti.

(3) Konsumatur ma jista jwarrab ebda dritt stabbilit favurih minn jew taħt dan l-Att.

*Miżjuda: XXVI. 2000.15. Emendat: II. 2008.22.*

TAQSIMA VI

**Klawżoli mhux ġusti f'kuntratti**

Espressjonijiet projbiti. *Miżjud: XXVI. 2000.15. Emendat: XIV. 2009.3.*

**44.** (1) Ma jistgħux jintużaw f'kuntratti li jsiru mal-konsumatur espressjonijiet mhux ġusti, jew espressjonijiet jew kombinazzjoni ta' espressjonijiet li jkunu mhux ġusti f'illi jkollhom bħala skop jew effett xi wieħed mill-iskopijiet u effetti msemmija fis-subartikolu (2), u kull espressjoni pprojbita kif hawn aktar qabel imsemmi li tiddaħħal f'xi kuntratt li jsir mal-konsumatur għandha titqies bħallikieku qatt ma tkun hekk iddaħħlet.

(2) L-espressjonijiet imsemmija fis-subartikolu (1) jinkludu espressjonijiet li jkollhom l-iskop jew l-effett li -

(*a*) jeskludu jew jillimitaw ir-responsabbiltà ta' kummerċjant minħabba fil-frodi jew in-negliġenza gravi tiegħu nnifsu jew dik ta' l-impjegati jew l-aġenti tiegħu, jew minħabba f'xi nuqqas li jwettaq xi obbligazzjoni li tkun tikkostitwixxi xi wieħed mill-elementi fundamentali tal-kuntratt;

(*b*) jistabbilixxu perjodu, li jkun b'mod xejn raġonevoli wieħed qasir, li fih il-kummerċjant ikun jista' jiġi avżat b'xi difetti;

(*ċ*) jeskludu jew jillimitaw id-drittijiet legali ta' konsumatur kontra l-kummerċjant fil-każ ta' nuqqas totali jew parzjali ta' twettiq jew ta' twettiq inadegwat mill-kummerċjant ta' xi waħda mill-obbligazzjonijiet kontrattwali tiegħu;

(*d*) jipprojbixxu lill-konsumatur mit-tpaċija ta' xi dejn dovut lill-kummerċjant dwar xi talba li l-konsumatur jista' jkollu kontra l-istess kummerċjant;

(*e*) jagħmlu xi ftehim li jkun jorbot lill-konsumatur filwaqt li l-provdiment ta' servizzi jew oġġetti mill-kummerċjant jkun suġġett għal xi kondizzjoni li r-realizzazzjoni tagħha tkun tiddependi biss mir-rieda tal-kummerċjant;

(*f*) jippermettu lill-kummerċjant li jżomm ammonti mħallsa mill-konsumatur jekk il-konsumatur jiddeċiedi li ma għandux jikkonkludi jew iwettaq il-kuntratt, mingħajr ma jiġi pprovdut għall-konsumatur li jirċievi kumpens f'ammont ekwivalenti mingħand il-

kummerċjant meta l-kummerċjant ikun dik il-parti li tkun qegħda tħassar il-kuntratt;

(*g*) jeħtieġu lil konsumatur li jkun naqas milli jwettaq l-obbligazzjoni tiegħu, li jħallas b'kumpens lill-kummerċjant ammont li jkun sproporzjonatament għoli ħdejn il-valur ta' l-oġġetti jew is-servizzi mixtrijin jew mikrijin;

(*h*) jistabbilixxu l-kumpens li għandu jitħallas minn konsumatur li jkun naqas li jwettaq l-obbligazzjonijiet tiegħu, mingħajr ma jipprovdu għal kumpens daqsinsew mill-kummerċjant li jkun naqas mill-istess ħaġa;

(*i*) jillimitaw il-mezzi ta' provi li l-konsumatur jista' jġib;

(*j*) jġiegħlu lill-konsumatur iwarrab xi raġuni għal xi talba kontra l-kummerċjant f'każ ta' tilwima;

(*k*) jipprojbixxu lill-konsumatur milli jikseb it-tħassir tal-kuntratt jekk il-kummerċjant jonqos milli jwettaq l-obbligazzjonijiet tiegħu;

(*l*) jirrestrinġu d-dritt tal-konsumatur li jħassar il-kuntratt jekk il-kummerċjant, f'dak li għandu x'jaqsam ma' kull garanzija mogħtija, ma jwettaqx l-obbligazzjoni tiegħu jew jonqos milli hekk jagħmel f'perjodu raġonevoli;

(*m*) ikunu irrevokabilment jorbtu lill-konsumatur b'pattijiet li ma kellu ebda opportunità reali li jifhem sew qabel ma jagħmel il-kuntratt;

(*n*) bihom il-kummerċjant ikun jista' jibdel il-pattijiet ta' kuntratt unilateralment, mingħajr ebda raġuni valida li tkun speċifikata fil-kuntratt;

(*o*) bihom il-kummerċjant ikun jista' jibdel unilateralment, mingħajr ebda raġuni valida, il-karatteristiċi tal-prodott jew tas-servizz li jkun se jiġi pprovdut;

(*p*) jipprovdu għall-prezz ta' l-oġġetti li jiġi stabbilit fil-waqt tal-kunsinna mill-kummerċjant jew li jkunu jippermettulu li jżid il-prezz mingħajr f'kull każ ma jagħti lill-konsumatur id-dritt korrispondenti li jħassar il-kuntratt jekk il-prezz finali jkun daqstant għoli kif imqabbel mal-prezz miftiehem meta jkun sar il-kuntratt;

(*q*) jagħtu lok li l-prezz jinbidel minħabba f'fatturi li jkunu jiddependu biss mir-rieda tal-kummerċjant;

(*r*) jagħtu lill-kummerċjant id-dritt li jistabbilixxi unilateralment jekk l-oġġetti jew is-servizzi mogħtija jkunux konformi mal-kuntratt;

(*s*) jagħtu lill-kummerċjant id-dritt eskluživ li jinterpretaw xi frażi mill-kuntratt;

(*t*) jillimitaw jew jeliminaw l-obbligazzjoni tal-kummerċjant li jirrispetta rabtiet li jkunu għamlu l-

aġenti jew l-impjegati tiegħu;

(*u*) jobbligaw lill-konsumatur li jwettaq l-obbligazzjonijiet tiegħu fejn il-kummerċjant ma jwettaqx tiegħu;

(*v*) jippermettu lill-kummerċjant il-possibilt? li jittrasferixxi d-drittijiet u l-obbligazzjonijiet kollha tiegħu taħt il-kuntratt fejn dan jista' jservi biex inaqqas kull garanzija li l-konsumatur ikollu, mingħajr il-kunsens tal-konsumatur;

(*w*) jipprovdu dwar li jkun hemm xi rabta immedjata u finali mill-konsumatur malli jiffirma l-kuntratt, filwaqt li l-kummerċjant jidħol fil-kuntratt kif suġġett għal xi kondizzjoni li t-twettiq tagħha jkun jiddependi biss mir-rieda tal-kummerċjant;

(*x*) jippermettu lill-kummerċjant li jistabbilixxi jew ibiddel unilateralment iż-żmien li fih jikkunsinna oġġetti jew jipprovdi xi servizz;

(*y*) jeskludu jew jillimitaw ir-responsabbiltà legali ta' kummerċjant jew fornitur fil-każ li konsumatur imut jew ikorri, liema mewt jew korriment jirriżulta minn att jew omissjoni ta' dak il-kummerċjant jew fornitur;

(*z*) jawtorizzaw lill-kummerċjant jew lill-fornitur ixolji l-kuntratt fuq bażi diskrezzjonali meta l-istess faċilità ma tingħatax lill-konsumatur, jew jippermettu lill-kummerċjant jew lill-fornitur li jżomm is-somom imħallsa għal servizzi li jkunu għadhom ma ġewx ipprovduti minnu fil-każ li jkun il-kummerċjant jew il-fornitur innifsu li jxolji l-kuntratt;

(*aa*) jawtorizzaw lill-kummerċjant jew lill-fornitur li jtemm kuntratt ta' tul ta' żmien mhux stabbilit mingħajr ma tingħata twissija raġonevoli ħlief meta jkun hemm raġunijiet serji sabiex dan isir;

(*bb*) jestendu awtomatikament kuntratt għal tul ta' żmien fiss meta l-konsumatur ma jindikax mod ieħor, meta l-iskadenza ffissata għall-konsumatur sabiex jesprimi din ix-xewqa tiegħu li ma jestendix il-kuntratt issir fi żmien qabel li ma jkunx wieħed raġonevoli;

(*ċċ*) jeskludu jew ifixklu d-dritt li għandu l-konsumatur li jieħu azzjoni legali jew li jeżerċita xi rimedju legali ieħor, b'mod partikolari billi jeħtieġu lill-konsumatur li jieħu xi kwistjoni għal arbitraġġ li ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni tal-liġi, biex b'hekk jirrestrinġu l-evidenza li jkollu f'idejh jew jimponu fuqu l-oneru tal-prova li, skond il-liġi li tkun tapplika, għandu jinkombi fuq il-parti l-oħra fil-kuntratt.

(3) Il-Ministru jista', wara li jikkonsulta lill-Kunsill, b'regolamenti jemenda, jissostitwixxi jew jirrevoka xi waħda mill-espressjonijiet elenkati fis-subartikolu (2).

(4) L-elenku ta' espressjonijiet stipulati fis-subartikolu (2) mhix lista eżawrjenti, u għaldaqstant ebda ħaġa li tinsab fis-

subartikolu (1) u (2) ma għandha tiftiehem bħala li tillimita jew xort'oħra tippreġudika l-ġeneralità tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 45.

(5) F'din it-Taqsima, l-espressjoni "oġġetti" għandha tinkludi proprjetà immobbli.

Tifsira ta' att mhux ġust. *Miżjud: XXVI. 2000.15. Emendat: II. 2008.23.*

**45.** (1) Espressjoni mhux ġusta tfisser espressjoni f'kuntratt li jsir mal-konsumatur, li sew waħidha sew f'rabta ma xi espressjoni waħda jew iktar, oħra -

(*a*) toħloq żbilanċ sinjifikanti bejn id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tal-partijiet fil-kuntratt b'detriment tal-konsumatur; jew

(*b*) tikkaġuna li t-twettiq tal-kuntratt ikun, b'mod mhux dovut, detrimentali għall-konsumatur; jew

(*ċ*) tikkaġuna li t-twettiq tal-kuntratt ikun, b'mod sinjifikanti, differenti minn dak li l-konsumatur jista' raġonevolment jistennih li jkun; jew

(*d*) tkun inkompatibbli ma' kull ħtieġa ta' bonafidi.

(2) Il-grad ta' kemm espressjoni ma tkunx waħda ġusta għandu jitqies skond kif ġej:

(*a*) ix-xorta ta' l-oġġetti jew tas-servizzi li dwarhom ikun sar il-kuntratt;

(*b*) iż-żmien meta jkun sar il-kuntratt; u

(*ċ*) iċ-ċirkostanzi kollha li jakkumpanjaw l-għemil tal-kuntratt u l-espressjonijiet l-oħra kollha tal-kuntratt jew ta' kuntratt ieħor li jkun jiddependi fuqu. Dawk iċ-ċirkostanzi jistgħu wkoll jinkludu:

(i) kemm kull parti tkun taf tinnegozja;

(ii) jekk konsumatur kienx assoġġettat għal xi pressjoni mhux dovuta; u

(iii) jekk in-nuqqas ta' konoxxenza jew sengħa tal-konsumatur kienux ta' vantaġġ mhux dovut kontrih:

Iżda safejn hi miktuba b'lingwa kif ordinarjament mitkellma u intelliġibli li tista' tiftiehem, l-evalwazzjoni jekk espressjoni hijiex ġusta ma għandhiex tkun relatata -

(*a*) mat-tifsira ta' l-oġġett prinċipali tal-kuntratt, jew

(*b*) ma' l-adegwatezza tal-prezz jew rinumerazzjoni, meta mqabbla ma' l-oġġetti jew is-servizzi pprovduti għaliha.

(3) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 44 sa 47 għandhom ikunu japplikaw għal kuntratti magħmula jew esegwiti wara l-bidu fis-seħħ ta' dawn l-artikoli.

X'jiġri meta tiddaħħal espressjoni mhux ġusta jew projbita. *Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**46.** Kuntratt li jsir mal-konsumatur li jkun jinkludi xi espressjonijiet projbiti jew mhux ġusti ma jkunx jorbot lill-konsumatur kemm-il darba l-kuntratt ma jkunx jista' jibqa' jeżisti mingħajr dik l-espressjoni mhux ġusta.

Użu ta' lingwaġġ mitkellem f'kuntratt li jsir mal-konsumatur. *Miżjud: XXVI. 2000.15. Emendat: XIV. 2009.4.*

**47.** (1) F'kuntratt li jsir mal-konsumatur, fejn l-espressjonijiet kollha jew x'uħud minnhom li jkunu offruti minn kummerċjant lil konsumatur jkunu bil-miktub, dawk l-espressjonijiet għandhom jinkitbu b'lingwa kif ordinarjament mitkellma u intelliġibbli li tista' tiftiehem mill-konsumaturi li l-kuntratt ikun indirizzat lejhom.

(2) Meta xi espressjoni tkun ambivalenti jew ikun hemm xi dubbju dwar it-tifsira ta' xi espressjoni, għandha tipprevalixxi t-tifsira l-iktar favorevoli għall-konsumatur:

Iżda dan is-subartikolu ma għandux japplika għall-proċeduri miġjuba taħt l-artikolu 94.

Protezzjoni fil-każ ta' espressjoni li tapplika liġi ta' pajjiż li mhuwiex Membru. *Miżjud: II. 2008.24.*

**47A.** Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom japplikaw minkejja kull espressjoni f'kuntratt mal-konsumatur li tapplika jew tallega li tapplika l-liġi ta' Stat li mhux Membru, jekk il-kuntratt għandu rabta mill-qrib mat-territorju ta' xi Stat Membru.

Applikabbiltà fuq liġijiet oħra. *Miżjud: II. 2008.24.* Kap. 16. Kap. 13.

**47B.** Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jipprevalu fuq kull disposizzjoni kuntrarja li fihom il-Kodiċi Ċivili u l-Kodiċi tal-Kummerċ.

L-għan ta' din it-Taqsima. *Miżjud: II. 2008.24.*

**47Ċ.** L-għan ta' din it-Taqsima huwa dak li jimplimenta d-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13 tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur u d-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jiġu applikati u interpretati b'dan il-mod.

*Miżjud: II. 2008.25.*

## TAQSIMA VII

## **Prattiċi kummerċjali mhux ġusti u skemi illeċiti**

### Titolu I

### Prattiċi kummerċjali mhux ġusti

Riklami qarrieqa. *Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**48.** (*Mħassar bl-Att II. 2008.27*).

Tifsira ta' reklamar komparattiv. *Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**49.** (*Mħassar bl-Att II. 2008.27*).

Reklamar komparattiv permess. *Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**50.** (*Mħassar bl-Att II. 2008.27*).

**51.** (*Mħassar bl-Att II. 2008.27*).

L-offerta ta' rigali u premjijiet. *Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**51A.** F'dan it-Titolu, sakemm il-kuntest ma jitlobx mod ieħor:

Interpretazzjoni. *Miżjud: II. 2008.28.*

"deċiżjoni transazzjonali" tfisser kwalunkwe deċiżjoni meħuda minn konsumatur dwar jekk, kif u taħt liema kondizzjonijiet:

(i) jixtri prodott, jew

(ii) iħallas il-prezz sħiħ jew parti mill-prezz ta' prodott, jew

(iii) iżomm jew jiddisponi minn prodott, jew

(iv) jeżerita xi dritt kontrattwali fir-rigward tal-prodott, kemm jekk il-konsumatur jiddeċiedi li jieħu jew ma jieħux xi azzjoni;

"diliġenza professjonali" tfisser l-istandard ta' sengħa u kura li kummerċjant huwa raġonevolment mistenni li jeżerċita fir-rigward ta' konsumaturi, proporzjonat ma' prattika onesta fis-suq u, jew mal-prinċipju ġenerali tal-bona fede fil-qasam ta' attività tal-kummerċjant;

"disposizzjonijiet amministrattivi" tfisser kull disposizzjoni f'miżura maħruġa minn kull Ministeru tal-Gvern jew dipartiment, awtorità lokali jew kull korp pubbliku li jorbot lin-nies li jindirizza, inkluż kull ordni liċenza, permess, *warrant* jew deċiżjoni;

"il-ħolqien ta' distorsjoni sostanzjali fl-imġieba ekonomika ta' konsumaturi" tfisser l-użu ta' prattika kummerċjali sabiex tiġi mfixkla b'mod apprezzabbli l-kapaċità tal-konsumatur li jagħmel deċiżjoni infurmata, jew imġiegħel jieħu deċijoni transazzjonali li ma kienx jieħu f'ċirkostanzi oħra;

"influwenza mhux xierqa" tfisser l-isfruttament ta' pożizzjoni ta' poter fil-konfront tal-konsumatur sabiex tiġi applikata pressjoni fuqu, ukoll mingħajr l-użu jew it-theddid ta' l-użu tal-forza fiżika, b'mod li jillimita sostanzjalment il-kapaċità tal-konsumatur li jieħu deċiżjoni informata;

"kodiċi ta' kondotta" tfisser kull ftehim jew sett ta' regoli mhux imposti b'liġi, regolament jew disposizzjoni amministrattiva li jfissru l-imġieba ta' kummerċjanti li jassumu l-obbligu li josservaw il-kodiċi fejn għandhom x'jaqsmu waħda jew iktar prattiċi kummerċjali partikolari jew setturi ta' negozju;

"prattiċi kummerċjali" tfisser kwalunkwe att, omissjoni, imġieba jew rappreżentazzjoni, komunikazzjoni kummerċjali inklużi reklamar u kummerċjalizzazzjoni, minn kummerċjant, konnessi direttament mal-promozzjoni jew bejgħ jew fornitura ta' xi prodott lill-konsumaturi kemm jekk iseħħ qabel, waqt jew wara t-transazzjoni kummerċjali in relazzjoni mal-prodott;

"prodott" tfisser kull merkanzija jew servizz inkluża proprjetà immobbli, drittijiet u obbligi;

"professjoni regolata u attività professjonali regolata" għandha l-istess tifsira bħal dik mogħtija fl-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki; Kap. 451.

"sid ta' kodiċi" tfisser kwalunkwe entità, inkluż kummerċjant jew grupp ta' kummerċjanti, responsabbli mit-tfassil u r-reviżjoni ta' kodiċi ta' kondotta u, jew mill-monitoraġġ tal-konformità mal-kodiċi minn dawk li assumew l-obbligu li josservawh;

"stedina għax-xiri" tfisser komunikazzjoni kummerċjali li tindika karatteristiċi tal-prodott u l-prezz f'mod adegwat għall-mezzi ta' komunikazzjoni kummerċjali li ntużaw, li hija tali li twassal lil konsumatur li jagħmel ix-xiri.

Prattiċi kummerċjali mhux ġusti.
*Miżjud: II. 2008.28.*

**51B.** (1) Il-prattiċi kummerċjali mhux ġusti għandhom ikunu projbiti.

(2) Prattika kummerċjali tkun mhux ġusta jekk:

(*a*) tmur kontra l-ħtiġiet tad-diliġenza professjonali, u

(*b*) toħloq distorsjoni sostanzjali jew tista' toħloq distorsjoni sostanzjali fl-imġieba ekonomika, fir-rigward tal-prodott, tal-konsumatur medju li tilħaq jew li lilu tkun indirizzata, jew tal-membru medju tal-grupp meta xi prattika kummerċjali tkun diretta lejn grupp partikolari ta' konsumaturi:

Iżda, barra minn prattiċi ta' reklamar ta' stqarrijiet eżaġerati jew stqarrijiet li mhumiex intiżi sabiex jittieħdu litteralment, prattiċi kummerċjali li x'aktarx joħolqu distorsjoni sostanzjali fl-imġieba ekonomika biss ta' grupp identifikabbli b'mod ċar ta' konsumaturi li huma partikolarment vulnerabbli għall-prattika jew għall-prodott li għalih din tirreferi minħabba fil-mard mentali jew fiżiku, l-età jew il-kredulità tagħhom b'mod li l-kummerċjant jista' raġonevolment ikun mistenni li jipprevedi, għandhom jiġu eżaminati mill-perspettiva ta' membru medju ta' dak il-grupp.

(3) B'mod partikolari, tkun mhux ġusta, prattika kummerċjali li tqarraq kif stabbilit fl-artikoli 51Ċ u 51D, jew aggressiva skond it-termini ta' l-artikolu 51E.

(4) Dawk il-prattiċi kummerċjali imniżżla fl-Ewwel Skeda għandhom f'kull ċirkostanza jitqiesu bħala mhux ġusti.

Azzjonijiet qarrieqa.
*Miżjud: II. 2008.28.*

**51Ċ.** Prattika kummerċjali għandha titqies bħala qarrieqa jekk:

(*a*) ikun fiha tagħrif falz; jew

(*b*) b'xi mod, ukoll bil-preżentazzjoni totali tagħha, tqarraq bil-konsumatur medju, ukoll jekk it-tagħrif ikun korrett fattwalment, fir-rigward ta' wieħed jew iktar mill-elementi li ġejjin, u li f'kull każ iġġiegħlu jew x'aktarx iġġiegħlu jieħu deċiżjoni transazzjonali li ma kienx jieħu f'ċirkostanzi oħra:

(i) l-eżistenza jew in-natura tal-prodott;

(ii) il-karatteristiċi ewlenin tal-prodott, bħad-disponibbiltà, il-benefiċċji, ir-riskji, l-eżekuzzjoni, il-kompożizzjoni, l-aċċessorji, l-assistenza ta' wara l-bejgħ għall-konsumatur u t-trattament ta' ilmenti, il-metodi u d-data ta'

manifattura jew tal-provvista, il-kunsinna, l-idoneità għall-għan, l-użu, il-kwantità, l-ispeċifikazzjoni, l-oriġini ġeografika jew kummerċjali jew ir-riżultati li wieħed jistenna mill-użu tiegħu, jew ir-riżultati u l-karatteristiċi importanti ta' eżamijiet jew kontrolli magħmula tal-prodott;

(iii) il-firxa ta' l-impenji min-naħa tal-kummerċjant/a, l-għanijiet għall-prattika kummerċjali u n-natura tal-proċess tal-bejgħ, kwalunkwe stqarrija jew simbolu fir-rigward ta' sponsorizzazzjoni diretta jew indiretta jew approvazzjoni tal-kummerċjant/a jew tal-prodott;

(iv) il-prezz jew il-mod kif il-prezz huwa kalkolat, jew l-eżistenza ta' vantaġġ speċifiku fil-prezz;

(v) il-bżonn ta' servizz, parti, sostituzzjoni jew tiswija;

(vi) in-natura, l-attributi u d-drittijiet tal-kummerċjant jew ta' l-aġent tiegħu, bħall-identità u l-assi tiegħu, il-kwalifiki, l-istatus, l-approvazzjoni, l-affiljazzjoni jew il-konnessjonijiet tiegħu u d-drittijiet tiegħu fuq proprjetà industrijali, kummerċjali jew intellettwali jew il-premji li ngħata u r-rikonoxximenti mogħtija lilu;

(vii) id-drittijiet tal-konsumatur, inkluż id-dritt ta' tiswija tibdil jew rimborż skond it-Taqsima IX ta' l-Att, jew ir-riskji li jista' jiffaċċa; jew

(*ċ*) fil-kuntest fattwali tagħha, meta jitqiesu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi kollha tagħha, hija tikkawża jew x'aktarx tikkawża li l-konsumatur medju jieħu deċiżjoni transazzjonali li ma kienx jieħu f'ċirkostanzi oħra, u tinvolvi:

(i) kwalunkwe kummerċjalizzazzjoni ta' prodott, inkluż reklamar komparattiv, li joħloq konfużjoni bejn kwalunkwe prodotti, *trade marks*, ismijiet kummerċjali u marki oħrajn distintivi ta' kompetitur; jew

(ii) nuqqas ta' konformità mill-kummerċjant ma' l-impenji kontenuti f'dawk il-kodiċijiet ta' kondotta li fuqhom il-kummerċjant impenja ruħu li jirregola lilu nnifsu, fejn -

(*a*) l-impenn mhux wieħed li jaspira iżda huwa sod u li jista' jiġi verifikat, u

(*b*) il-kummerċjant jindika fi prattika kummerċjali li huwa marbut mill-kodiċi.

Ommissjonijiet qarrieqa. *Miżjud: II. 2008.28.*

**51D.** (1) Prattika kummerċjali għandha titqies bħala qarrieqa jekk:

(*a*) fil-kuntest fattwali tagħha, meta jitqiesu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi kollha tagħha u l-limitazzjonijiet tal-

mezz ta' komunikazzjoni, tħalli barra tagħrif importanti li l-konsumatur medju għandu bżonn, skond il-kuntest, sabiex jieħu deċiżjoni transazzjonali informata u għaldaqstant tikkawża li l-konsumatur medju jieħu deċiżjoni transazzjonali li ma kienx jieħu f'ċirkostanzi oħra; jew

(*b*) ikkunsidrati l-fatti deskritti fil-paragrafu (*a*), kummerċjant jaħbi jew jipprovdi b'manjiera mhux ċara, mhux intelliġibbli, ambigwa u, jew mhux f'waqtha, dak it-tagħrif importanti msemmi f'dak il-paragrafu, jew jonqos milli jidentifika l-intenzjoni kummerċjali wara l-prattika kummerċjali jekk din ma tkunx diġà apparenti mill-kuntest u fejn, f'kull każ din tikkawża jew x'aktarx tikkawża li lkonsumatur medju jieġu deċiżjoni transazzjonali li ma kienx jieħu f'ċirkostanzi oħra.

(2) Fejn il-mezz użat sabiex tiġi kkomunikata l-prattika kummerċjali jimponi limitazzjonijiet ta' spazju jew ta' żmien, għandu jittieħed kont ta' dawn il-limitazzjonijiet u ta' kull miżura meħuda mill-kummerċjant sabiex jagħmel it-tagħrif disponibbli għall-konsumaturi permezz ta' mezzi oħra meta jiġi deċiż jekk xi tagħrif tħalliex barra.

(3) F'każ ta' stedina għax-xiri, it-tagħrif li ġej għandu jitqies bħala importanti, jekk ma jkunx diġà apparenti mill-kuntest:

(*a*) il-karatteristiċi ewlenin tal-prodott, safejn xieraq għall-mezz u l-prodott;

(*b*) l-indirizz ġeografiku u l-identità tal-kummerċjant/a, bħall-isem kummerċjali tiegħu/tagħha u, fejn ikun applikabbli, l-indirizz ġeografiku u l-identità tal-kummerċjant/a li f'ismu qiegħed jaġixxi;

(*ċ*) il-prezz inklużi t-taxxi, jew fejn in-natura tal-prodott tfisser li l-prezz ma jistax b'mod raġonevoli jiġi kalkolat minn qabel, il-mod li bih il-prezz hu kalkolat, kif ukoll, fejn ikun xieraq, kull ammont ta' ħlas addizzjonali għat-trasport ta' merkanzija, ħlas ta' kunsinna jew ħlas postali jew, fejn dawn l-ammonti ta' ħlas ma jistgħux jiġu raġonevolment kalkolati minn qabel, il-fatt li tali ammonti ta' ħlas addizzjonali jistgħu jkunu dovuti;

(*d*) l-arranġamenti għall-ħlas, il-kunsinna, l-eżekuzzjoni u għat-trattament ta' l-ilmenti, jekk dawn ma jikkonformawx mal-ħtiġiet tad-diliġenza professjonali;

(*e*) għal prodotti u transazzjonijiet li jinvolvu d-dritt ta' rtirar jew ta' kanċellazzjoni, l-eżistenza ta' dan id-dritt.

(4) Il-ħtiġiet ta' tagħrif stabbiliti mill-liġi fir-rigward ta' komunikazzjonijiet kummerċjali inklużi r-reklamar jew il-kummerċjalizzazzjoni jitqiesu bħala importanti.

Prattiċi kummerċjali aggressivi.
*Miżjud: II. 2008.28.*

**51E.** (1) Prattika kummerċjali għandha titqies bħala aggressiva jekk, fil-kuntest fattwali tagħha, mrta jitqiesu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi kollha tagħha, permezz ta' fastidju, kostrizzjoni, inkluż l-użu tal-forza fiżika, jew ta' influwenza mhux xierqa, tfixkel b'mod sinifikanti jew x'aktarx tfixkel konsiderevolment il-libertà ta' l-għażla jew l-imġieba tal-konsumatur medju fir-rigward tal-prodott u b'hekk tikkawża jew x'aktarx tikkawża li huwa jieħu deċiżjoni transazzjonali li ma kienx jieħu f'ċirkostanzi oħra.

(2) Fid-determinazzjoni jekk prattika kummerċjali tużax il-fastidju, il-kostrizzjoni, inklu l-użu tal-forza fiżika, jew l-influwenza mhux xierqa, għandhom jitqiesu dawn li ġejjin:

(*a*) iż-żmien, il-lok, in-natura u l-persistenza tagħha;

(*b*) l-użu tal-lingwaġġ użat jew l-imġieba ta' theddid jew abbużiv;

(*ċ*) l-isfruttament mill-kummerċjant ta' kwalunkwe sfortuna jew ċirkostanza speċifika ta' tali gravità li tfixkel il-ġudizzju tal-konsumatur, li biha l-kummerċjant ikun jaf, sabiex jinfluwenza d-deċijoni tal-konsumatur fir-rigward tal-prodott;

(*d*) kwalunkwe ostakli mhux kontrattwali, onerużi jew sproporzjonati imposti mill-kummerċjant fejn konsumatur ikun jixtieq jeżerċita xi drittijiet mogħtija fil-kuntratt, inklużi d-drittijiet tat-tħassir tal-kuntratt jew tal-bidla għal prodott ieħor jew għal kummerċjant ieħor;

(*e*) kwalunkwe theddida li tittieħed jew kull azzjoni li legalment ma tistax tittieħed.

Ksur.
*Miżjud: II. 2008.28.*

**51F.** Persuna li tagħmel prattiċi kummerċjali mhux ġusti skond l-artikoli 51B, 51Ċ, 51D u 51E, tkun ħatja ta' ksur kontra dan l-Att.

Kontroll mis-sidien ta' kodiċijiet.
*Miżjud: II. 2008.28.*

**51G.** (1) Id-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu ma jipprekludux kontroll ta' prattiċi kummerċjali mhux ġusti mis-sidien ta' kodiċijiet permezz ta' kodiċijiet ta' kondotta.

(2) Appell lis-sidien tal-kodiċijiet sabiex jiżguraw qbil ma' dawn il-kodiċijiet ta' kondotta ma għandux jippreġudika xi forma oħra ta' rimedju li jeżisti taħt dan l-Att jew xi liġi oħra.

Esklużjoni.
*Miżjud: II. 2008.28.*

**51H.** Id-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu ma għandhomx japplikaw għal xi liġi oħra li tirrelata maċ-ċertifikazzjoni u l-indikazzjoni ta' l-istandard ta' finezza ta' artikli ta' metall prezzjuż.

Skop.
*Miżjud: II. 2008.28.*

**51I.** Id-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu huma mingħajr preġudizzju għal:

(*a*) kull disposizzjoni taħt il-liġi Maltija li tirregola kuntratti b'mod partikolari dawk li jirregolaw il-validità, il-formazzjoni jew l-effett tagħhom;

(*b*) kull regola konnessa ma' aspetti ta' saħħa u sigurtà ta' prodotti;

(*ċ*) kull disposizzjoni taħt il-liġi Maltija li timplimenta

Direttiva Komunitarja jew kull disposizzjoni taħt il-liġi Komunitarja li tirregola aspetti speċifiċi ta' prattii kummerċjali inġusti, safejn dawk l-aspetti speċifiċi huma kkonċernati;

(*d*) kull kondizzjoni ta' stabbiliment jew reġimi ta' awtorizzazzjoni, jew għall-kodiċi deontoloġiku ta' kondotta jew regoli speċifiċi oħra li jiggvernaw professjonijiet regolati sabiex jinżammu livelli għolja ta' integrità min-naħa tal-professjonisti;

(*e*) kull rekwiżit ta' xi liġi oħra fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u tal-proprjetà immobbli, li huma iktar restrittivi jew preskrittivi mir-rekwiżiti imposti mid-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu.

Għan ta' dan it-Titolu. *Miżjud: II. 2008.28.*

**51J.** L-għan ta' dan it-Titolu huwa dak li jimplimenta d-Direttiva 2005/29 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern u d-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom jiġu applikati u interpretati bl-istess mod.

*Miżjud: II. 2008.29.*

Titolu II

Skemi illeċiti

Skemi ta' bejgħ piramidali. *Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**52.** (*Mħassar bl-Att II. 2008.30*).

Skemi ta' *chain letters*. *Miżjud: II. 2008.31.*

**52A.** (1) Kull skema ta' tip simili għal skema ta' *chain letter*, li mhix marbuta ma' provvista ta' oġġetti jew servizzi, li tkun waħda mhux ġusta għal bosta mill-parteċipanti fl-iskema għandha tkun projbita.

(2) Skema tkun inġusta jekk:

(i) il-premjijiet finanzjarji tal-maġġoranza tal-parteċipanti huma dipendenti fuq l-ingaġġ ta' parteċipanti addizzjonali; u

(ii) l-għadd ta' parteċipanti addizzjonali fl-iskema li jkollhom jiġu ingaġġati biex jipproduċu premjijiet finanzjarji raġonevoli għall-parteċipanti fl-iskema ma jintlaħaqx jew x'aktarx li ma jintlaħaqx minn bosta mill-parteċipanti fl-iskema.

(3) Min jistabbilixxi, iħaddem jew iġib 'il quddiem xi skema skond dan l-artikolu jkun ħati ta' ksur kontra dan l-artikolu.

Dikjarazzjonijiet qarrieqa dwar ċerti skemi jew attivitajiet. *Miżjud: XXVI. 2000.15. Emendat: II. 2008.32.*

**53.** (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tat-Titolu 1 ta' din it-Taqsima, persuna li tagħmel xi dikjarazzjoni li tkun falza jew qarrieqa fi grad rilevanti li tikkonċerna l-profitt jew ir-riskju jew xi aspett materjali jew kwalunkwe skema ta' xogħol mid-dar jew kwalunkwe skema simili jew attività indipendentement minn kif inhi deskritta, u jirrappreżenta dik l-iskema bħala waħda li tista' ssir, jew li tista' ssir f'ċertu qies sostanzjali, mill-post ta' residenza ta' xi ħadd, tkun ħatja ta' ksur kontra din it-Taqsima ta' dan l-Att.

(2) Min jistieden, sew b'riklam sew xort'oħra, lil xi ħadd biex jaħdem jew jipparteċipa, jew biex joffri jew japplika li jaħdem jew jipparteċipa, fi skemi jew attivitajiet bħal dawk imsemmija fis-subartikolu (1) li jkunu jeħtieġu -

(*a*) l-għemil minn min ikun involut ta' xogħlijiet; jew

(*b*) l-investiment ta' flus mill-persuni involuti u l-għemil minnhom ta' xogħol assoċjat ma' l-investiment,

u jagħmel, għar-rigward tal-profittabilità jew ir-riskju jew xi aspett materjali ieħor ta' l-attività kummerċjali, xi rappreżentazzjoni li tkun falza jew qarrieqa fi grad rilevanti għandu jkun ħati ta' ksur kontra din it-Taqsima ta' dan l-Att.

**54.** (*Mħassar bl-Att II. 2008.33*).

Reati. *Miżjud: XXVI. 2000.15. Emendat: A.L. 425 ta' l-2007.*

**55.** Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jipprevalixxu fuq kull ħaġa li tmur kuntrarju għalih u li tinsab fil-Kodiċi tal-Kummerċ u fl-Att dwar Deskrizzjonijiet Kummerċjali.

Applikabbilità fuq kull liġi oħra. *Miżjud: XXVI. 2000.15. Emendat: II. 2008.34.* Kap. 13. Kap. 313.

**55A.** (1) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 48 sa 53 kif kienu qabel it-12 ta' Diċembru 2007 jitqiesu li baqgħu fis-seħħ għall-fini ta' kwalunkwe prosekuzzjoni li bdiet skond it-termini ta' l-imsemmija disposizzjonijiet qabel l-imsemmija data.

Disposizzjoni transitorja. *Miżjud: II. 2008.35.*

(2) Fejn att li jikser l-artikoli 48 sa 53 kif kienu qabel it-12 ta' Diċembru 2007 sar qabel l-imsemmija data imma ma inbdiet l-ebda prosekuzzjoni sa l-imsemmija data, id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima hekk kif fis-seħħ mit-12 ta' Diċembru 2007 għandhom japplikaw, daqs li kieku dan il-fatt seħħ wara l-imsemmija data.

## TAQSIMA VIII

*Miżjuda: XXVI. 2000.15; Emendata: II. 2008.25.*

### Responsabbiltà għal prodotti difettużi

**56.** F'din it-Taqsima, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

Tifsir. *Miżjud: XXVI. 2000.15. Emendat: XV. 2006.6; II. 2008.36.*

"ħsara personali" tinkludi kull marda u kull tħassir tal-kondizzjoni fiżika jew mentali ta' persuna;

"prodott" tfisser kull ħaġa mobbli u tinkludi:

(a) kull ħaġa mobbli inkorporata fi prodott ieħor jew f'ħaġa immobbli,

(*b*) l-elettriku,

(*ċ*) il-gass, u

(*d*) prodotti agrikoli primarji;

"prodotti agrikoli primarji" tfisser kull prodott li tagħti l-art, ta' annimali f'razzett u li jiġi mis-sajd u l-kaċċa;

"produttur" tfisser -

(*a*) il-manifattur ta' prodott mitmum jew ipproċessat, jew

(*b*) il-manifattur ta' parti komponenti, jew

(*ċ*) il-produttur ta' xi materja prima, jew

(*d*) il-produttur ta' xi prodotti li tagħti l-art, ta' annimali f'razzett u li jiġu mis-sajd u l-kaċċa, jew

(*e*) kull min, għax iqiegħed ismu, t-trade mark jew xi dettall distintiv ieħor fuq il-prodott, jippreżenta lilu nnifsu bħala l-produttur tiegħu, jew

(*f*) meta prodott jiġi manifatturat jew prodott barra minn Stat Membru, kull minn jimporta ġewwa Stat Membru prodott għall-bejgħ, kiri, self jew kull għamla oħra ta' distribuzzjoni.

Responsabbiltà tal-produttur. *Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**57.** Il-produttur ikun responsabbli għall-ħsara għalkollox jew f'parti kaġunata b'xi difett fil-prodott tiegħu.

Prova dwar ħsara u difett. *Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**58.** Il-parti aggravata jkollha biss il-piż li ġġib prova dwar il-ħsara, id-difett u r-relazzjoni kawżali bejn id-difett u l-ħsara u ma jkollhiex il-piż li ġġib prova dwar il-ħtija tal-produttur.

Responsabbiltà tal-fornitur tal-prodott. *Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**59.** (1) Il-fornitur tal-prodott għandu jitqies bħala l-produttur jekk -

(*a*) il-produttur ma jkunx jista' jiġi identifikat u l-parti aggravata tkun talbet lill-fornitur biex jipprovdilha l-identità u l-indirizz sħiħ tal-produttur jew tal-persuna li tkun forniet lill-fornitur bil-prodott, jew

(*b*) fil-każ ta' prodott importat meta l-importatur ma jkunx jista' jiġi identifikat ukoll jekk isem il-produttur ikun indikat u l-parti aggravata tkun talbet lill-fornitur biex jipprovdilha l-identità u l-indirizz sħiħ ta' l-importatur jew tal-persuna li tkun forniet lill-fornitur bil-prodott,

u l-fornitur jonqos milli jagħmel dan fi żmien tletin jum minn meta tkun saritlu t-talba.

(2) Talba taħt is-subartikolu (1) għandha -

(*a*) ssir bil-miktub u tintbagħat bil-posta reġistrata jew b'ittra uffiċjali fil-post tan-negozju jew tal-kummerċ tal-fornitur; u

(*b*) tindika l-prodott li jkun ikkaġuna l-ħsara, il-post minn fejn u, jekk ikun possibbli d-data approssimattiva, meta l-prodott ikun ġie akkwistat.

(3) Il-fornitur ikollu l-piż li jġib prova li jkun ipprovda lill-parti aggravata bl-informazzjoni meħtieġa taħt is-subartikolu (1) fiż-żmien hemm indikat.

Prodott difettuż. *Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**60.** (1) Prodott ikun difettuż jekk dan jonqos milli jipprovdi dik is-sigurezza li persuna jkollha jedd li tistenna minnu fil-qies taċ-ċirkostanzi kollha, inklużi:

(*a*) il-preżentazzjoni tal-prodott, kif ikun tmexxa fis-suq, u kull direzzjoni u twissija li jkunu ġew ipprovduti,

(*b*) liema użu jista’ jkun raġonevolment mistenni mill-prodott, u

(*ċ*) iż-żmien meta l-prodott ikun tqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni.

(2) Prodott ma jitqiesx bħala wieħed difettiż biss għaliex prodott aħjar sussegwentement jitqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni.

(3) Prodott jitqies difettuż jekk dan ma jkunx jipprovdi għas-sigurezza li soltu jiġi provdut dwarha b’mudelli oħra ta’ l-istess tip.

Danni li jistgħu jiġu rkuprati.
*Miżjud: XXVI. 2000.15. Emendat: A.L. 425 ta’ l-2007.*

**61.** Id-danni li jistgħu jiġu rkuprati taħt din it-Taqsima huma:

(*a*) danni kaġunati bil-mewt jew ħsara fil-persuna; jew

(*b*) telfien, ħsara, jew qirda ta’ xi oġġett ta’ proprjetà minbarra l-prodott difettuż innifsu, b’valur ta’ mill-anqas erba’ mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87), jew dak il-valur ieħor hekk kif il-Ministru jista’ jippreskrivi:

Iżda -

(i) l-oġġett ta’ proprjetà jkun ta’ tip soltu maħsub għall-użu jew il-konsum privat, u

(ii) l-oġġett ta’ proprjet? kien użat mill-parti aggravata prinċipalment għall-użu jew il-konsum privat tagħha nnifisha.

X’difiża produttur jista’ jġib.
*Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**62.** Il-produttur ma jġorr ebda responsabbiltà taħt din it-Taqsima jekk iġib prova -

(*a*) li huwa ma qiegħedx il-prodott fiċ-ċirkolazzjoni, jew

(*b*) li, fil-qies taċ-ċirkostanzi, jkun probabbli li d-difett li jkun ikkaġuna l-ħsara ma kienx jeżisti fiż-żmien meta l-prodott ikun tqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni minnu jew li dak id-difett beda jseħħ wara, jew

(*ċ*) li l-prodott la ġie manifatturat minnu għall-bejgħ jew għal xi xorta ta’ distribuzzjoni b’għan ekonomiku lanqas ma ġie manifatturat jew imqassam minnu filwaqt tal-kummerċ jew negozju tiegħu, jew

(*d*) li d-difett involut ikun dovut minħabba fit-tħaris ta’ xi ħtieġa mandatorja imposta b’liġi jew minn xi awtorità pubblika, jew

(*e*) li l-istat ta’ konoxxenza xjentifika u teknika filwaqt li huwa kien qiegħed il-prodott fiċ-ċirkolazzjoni ma kienetx daqstant li b’hekk setgħet ġiet skoperta l-eżistenza tad-difett, jew

(*f*) fil-każ ta’ manifattur ta’ komponent jew il-produttur ta’ materja prima, li d-difett ikun attribwibbli għad-disinn tal-prodott li fih ikun twaħħal il-komponent jew ġiet inkorporata l-materja prima jew għall-istruzzjoni mogħtija mill-manifattur tal-prodott.

Hlas provviżorju ta' perit.
*Miżjud: XXVI. 2000.15.*
Kap. 12.

**63.** Il-Qorti tista, minkejja kull disposizzjoni tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tordna li d-drittijiet ta' perit għandhom provviżorjament jitħallsu jew jiġu depożitati mill-produttur jekk ikun hemm provi *prima facie* li l-ħsara tkun ġiet kaġunata minn difett fil-prodott.

Solidarjetà.
*Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**64.** Meta taħt din it-Taqsima, żewġ persuni jew aktar jkunu responsabbli għall-istess ħsara, l-obbligazzjoni tagħhom tkun waħda solidali.

Kontribuzzjoni għall-ħsara mill-persuna aggravata.
*Miżjud: XXVI. 2000.15.*
Kap. 16.

**65.** L-artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkun japplika sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-produttur meta d-dannu jkun kaġunat sew minn xi difett fil-prodott sew bi ħtija tal-persuna aggravata jew minn xi ħadd li l-persuna aggravata tkun responsabbli għalih.

Responsabbiltà jekk ikun hemm att jew ommissjoni ta' terzi.
*Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**66.** Ir-responsabbiltà tal-produttur ma għandhiex titnaqqas meta l-ħsara tkun kaġunata sew b'difett fil-prodott sew b'xi att jew ommissjoni ta' terzi.

Limitazzjoni ta' azzjoni.
*Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**67.** (1) L-azzjoni għal danni taħt din it-Taqsima għandha tiġi preskritta meta jgħaddu tliet snin mill-ġurnata meta l-parti aggravata saret taf, jew imissha raġonevolment saret taf, bil-ħsara, bid-difett u bl-identità tal-produttur.

(2) Minkejja s-subartikolu (1), l-azzjoni għad-danni taħt din it-Taqsima għandha f'kull każ tispiċċa mal-mogħdija tal-perjodu ta' għaxar snin mid-data meta l-produttur ikun qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni l-prodott attwali li jkun ikkaġuna l-ħsara kemm-il darba l-parti aggravata ma tkunx sadattant bdiet proċedimenti legali kontra l-produttur.

Kap. 16.

(3) Is-Sub-titoli I, II u III at-Titolu XXV tal-Kodiċi Ċivili li jirrigwardaw il-kawżi li jimpedixxu, jissospendu u jiksru l-preskrizzjoni għandhom ikunu japplikaw għal azzjonijiet li jsiru taħt din it-Taqsima.

(4) Ikun jinkombi fuq il-produttur il-piż tal-prova dwar meta l-prodott attwali li kkaġuna d-dannu jkun tqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni.

Projbizzjoni ta' esklużjoni ta' responsabbiltà.
*Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**68.** Ir-responsabbiltà ta' produttur taħt din it-Taqsima ma tistax tiġi limitata jew eskluża sew b'xi patt f'kuntratt, b'xi avviż jew b'kull mod ieħor li jista' jkun.

Drittijiet oħra ta' azzjoni mhumiex preklużi.
*Miżjud: XXVI. 2000.15.*
Kap. 16.

**69.** Id-disposizzjonijiet taħt din it-Taqsima ma għandhomx jeskludu jew jillimitaw xi drittijiet jew rimedji li l-persuna aggravata jkollha taħt il-Kodiċi Ċivili jew xi liġi oħra.

Danni emerġenti minn aċċidenti nukleari.
*Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**70.** Id-disposizzjonijiet taħt din it-Taqsima ma għandhomx japplikaw għal xi feriment jew ħsara li jiġġarbu minn aċċidenti nukleari li jkunu regolati b'xi ftehim internazzjonali li Malta tkun imsieħba fih.

**71.** Din it-Taqsima għandha tapplika għal prodotti li jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni f'xi Stat Membru mill-1 ta' Mejju, 2004.

Kif tapplika din it-Taqsima.
*Miżjud: XXVI. 2000.15. Sostitwit: XV. 2006.7. Emendat: II. 2008.37.*

**71A.** L-għan ta' din it-Taqsima huwa biex jiġu implimentati d-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 85/374 KEE tal-25 ta' Lulju, 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-responsabbiltà għal prodotti difettużi, kif emendata bid-Direttiva 1999/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Mejju, 1999, u din it-Taqsima għandha tiġi applikata u interpretata skond hekk.

Għan ta' din it-Taqsima.
*Miżjud: XV. 2006.8.*

## TAQSIMA IX

*Miżjuda: XXVI. 2000.15. Emendata: II. 2008.25.*

### Bejgħ ta' oġġetti lil konsumaturi

**72.** (1) F'din it-Taqsima kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

Tifsir.
*Miżjud: XXVI. 2000.15. Emendat: II. 2008.38.*

"bla ebda ħlas" tirreferi għall-esklużjoni ta' l-ispejjeż li jsiru biex iġibu l-oġġetti konformi mal-kuntratt ta' bejgħ, partikolarment man-nefqa tal-pustaġġ, xogħol u materjal, liema spejjeż għandhom skond hekk jitħallsu mill-kummerċjant;

"garanti" tfisser min ikun responsabbli lejn il-konsumatur għall-eżekuzzjoni ta' garanzija kummerċjali u tinkludi lil kull persuna oħra li tkun qed taġixxi għall-garanti jew f'ismu;

"garanzija kummerċjali" tfisser kull rappreżentazzjoni jew rabta tkun kif tkun deskritta jew mogħtija minn kummerċjant jew produttur lil konsumatur, irrispettivament minn jekk din tingħatax b'xi ħlas iktar jew mingħajru, li jintradd lura l-prezz imħallas jew li jiġu rimpjazzati, imsewwija jew ittrattati oġġetti b'kull mod li jkun, jekk dawn ma jkunux skond l-ispeċifikazzjonijiet stipulati fid-dikjarazzjoni ta' garanzija jew fir-reklamar rilevanti;

"oġġetti" tfisser kull biċċa proprjetà mobbli li tkun tanġibbli;

"produttur" tfisser il-manifattur ta' oġġetti magħmula għall-konsumatur, l-importatur ta' oġġetti magħmula għall-konsumatur ġewwa Stat Membru jew ġo xi pajjiż ieħor jew grupp ta' pajjiżi oħra kif jistgħu, minn żmien għal żmien, jissemmew għal dan l-għan mill-Ministru b'avviż fil-Gazzetta, jew minn kull min jagħmilha ta' produttur billi jqiegħed ismu, t-*trade mark* jew sinjal distintiv ieħor tiegħu fuq l-oġġetti;

"tiswija" tfisser fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, il-proċess li bih oġġetti jinġiebu konformi mal-kuntratt ta' bejgħ.

(2) Kuntratti għall-provvista ta' oġġetti magħmula għall-konsumatur li għad iridu jiġu manifatturati jew prodotti għandhom ukoll jitqiesu bħala kuntratti ta' bejgħ għall-għanijiet ta' din it-Taqsima.

(3) Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom ikunu japplikaw għal kuntratti ta' bejgħ ta' oġġetti lil konsumaturi

magħmula jew esegwiti wara l-bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima.

Konformità mal-kuntratt.
*Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**73.** (1) Il-kummerċjanti għandhom l-obbligu jikkunsinnaw lill-konsumaturi oġġetti li jkunu konformi mad-deskrizzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet fil-kuntratt tal-bejgħ, u skond hekk ikollhom l-obbligu li jiżguraw li l-oġġetti -

(*a*) jkunu konformi mad-deskrizzjoni mogħtija mill-kummerċjant u jkollhom il-karatteristiċi, l-fattizzi u l-kwalitajiet ta' l-oġġetti li l-kummerċjant jkun wiegħed jew ikun wera jew xort'oħra ppreżenta lill-konsumatur bħala kampjun jew mudell;

(*b*) jkunu adattati għall-iskop partikolari li għalih il-konsumatur ikun jeħtieġhom u li jkun għarraf bihom lill-kummerċjant meta kien qed jagħmel il-kuntratt;

(*ċ*) jkunu adattati għall-iskop li għalih oġġetti ta' l-istess tip normalment jintużaw; u

(*d*) juru l-kwalità u l-kapaċità li huma normali f'oġġetti ta' l-istess tip u li l-konsumatur jista' raġonevolment jistenna, fil-qies tax-xorta ta' l-oġġetti u meta jitqiesu d-dikjarazzjonijiet pubbliċi dwar il-karatteristiċi speċifiċi ta' l-oġġetti li jsiru dwarhom sew mill-kummerċjant, mill-produttur jew mir-rappreżentant tiegħu, partikolarment fl-irreklamar jew fuq it-tikketti.

(2) L-obbligazzjoni tal-kummerċjant taħt is-subartikolu (1) meta jkun sar il-kuntratt, għandha tiskadi u tintemm f'dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(*a*) meta l-konsumatur kien jaf, jew ma setax raġonevolment ma jkunx jaf, bin-nuqqas ta' konformità, jew

(*b*) meta n-nuqqas ta' konformità jkollha l-oriġini tagħha f'materjal fornit mill-konsumatur.

(3) Il-kummerċjant ikun marbut b'dikjarazzjonijiet pubbliċi msemmija fis-subartikolu (1)(*d*) kemm-il darba huwa -

(*a*) ma jurix li ma kienx jaf, u li ma setax raġonevolment ikun jaf, bid-dikjarazzjoni involuta, jew

(*b*) ma jurix li saż-żmien meta jkun sar il-kuntratt id-dikjarazzjoni tkun ġiet korretta, jew

(*ċ*) ma jurix li d-deċiżjoni li jinxtraw l-oġġetti ma setgħetx kienet influwenzata bid-dikjarazzjoni.

(4) Kull nuqqas ta' konformità li tirriżulta mill-istallazzjoni mhux tajba ta' l-oġġetti għandha titqies daqslikieku kient nuqqas ta' konformità ta' l-oġġetti jekk l-istallazzjoni tkun parti mill-kuntratt tal-bejgħ ta' l-oġġetti u l-oġġetti kienu installati mill-kummerċjant jew taħt ir-responsabbiltà tiegħu. Dan għandu japplika wkoll jekk il-prodott, li jkun maħsub li jiġi installat mill-konsumatur, jiġi installat mill-konsumatur u l-installazzjoni mhux korretta tkun dovuta għal xi difett fl-istruzzjonijiet dwar l-istallazzjoni.

**74.** (1) Il-kummerċjant ikun responsabbli li jipprovdi rimedju skond dan l-artikolu lill-konsumatur għal kull nuqqas ta' konformità fl-oġġetti li kienet teżisti meta l-oġġetti ġew ikkunsinnati mill-kummerċjant lill-konsumatur. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' din it-Taqsima, għandu jkun il-konsumatur li jiddeċiedi x'rimedju għandu jitlob.

X'rimedji għandu l-konsumatur. *Miżjud: XXVI. 2000.15.*

(2) Fil-każ ta' tali nuqqas ta' konformità, il-konsumatur ikollu jedd jew -

(*a*) li l-oġġetti jinġiebu konformi bla ebda ħlas billi jissewwew jew jiġu rimpjazzati, skond l-artikolu 75(1), jew

(*b*) li jirċievi ħlas lura ta' tnaqqis fil-prezz adattat jew li ssir ir-rexxissjoni tal-kuntratt għar-rigward ta' dawk l-oġġetti, skond l-artikolu 76(1) jew (2).

**75.** (1) Sakemm ma jkunx impossibbli jew sproporzjonat, il-konsumatur jista', fl-ewwel lok, jeħtieġ lill-kummerċjant isewwi l-oġġetti jew inkella jirrimpjazzjhom, f'kull każ bla ebda ħlas.

Tiswija jew rimpjazzament ta' l-oġġetti. *Miżjud: XXVI. 2000.15.*

(2) Rimedju jitqies li jkun sproporzjonat jekk ikun jimponi spejjeż fuq il-kummerċjant li, b'paragun mar-rimedji alternattivi li jeżistu taħt din it-Taqsima, ma jkunux raġonevoli, meta jitqiesu -

(*a*) il-valur ta' l-oġġetti li kieku ma kienx hemm nuqqas ta' konformità,

(*b*) xi jkun ifisser dak in-nuqqas ta' konformità, u

(*ċ*) jekk ir-rimedju alternattiv ikunx jista' jitlesta għalkollox mingħajr ebda inkonvenjenza sinjifikanti għall-konsumatur.

(3) Kull tiswija jew rimpjazzament għandhom jitlestew, kemm ikun prattikament malajr, fi żmien raġonevoli u mingħajr ebda inkonvenjenza sinjifikanti għall-konsumatur, meta titqies ix-xorta ta' l-oġġetti u l-iskop li għalih il-konsumatur jkun ħtieġ dawk l-oġġetti.

**76.** (1) Il-konsumatur jista' jeħtieġ riduzzjoni adattata fil-prezz jew li ssir ir-rexxissjoni tal-kuntratt -

Tnaqqis tal-prezz mar-rexxissjoni tal-kuntratt. *Miżjud: XXVI. 2000.15.*

(*a*) meta l-konsumatur ma jkun jista' jikseb la r-rimedju ta' tiswija lanqas dak ta' rimpjazzar, jew

(*b*) jekk il-kummerċjant ma jkunx spiċċa r-rimedju ta' tiswija jew ta' rimpjazzar fi żmien raġonevoli, jew

(*ċ*) jekk il-kummerċjant jkun jista' biss jipprovdi jew jispiċċa r-rimedju ta' tiswija jew rimpjazzar b'inkonvenjenza sinjifikanti għall-konsumatur.

(2) Il-konsumatur ma jkollux jedd għar-rexxissjoni tal-kuntratt jekk in-nuqqas ta' konformità miegħu jkun wieħed minuri u insinjifikanti.

Dritt għal rimedju li għandu l-aħħar bejjiegħ.
*Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**77.** Meta l-kummerċjant bħala l-aħħar bejjiegħ ta' l-oġġetti jkun responsabbli lejn il-konsumatur minħabba f'nuqqas ta' konformità li tirriżulta minn xi att jew ommissjoni tal-produttur, tal-bejjiegħ ta' qabel fl-istess rabta ta' kuntratti jew ta' kull intermedjarju ieħor, l-aħħar bejjiegħ ikollu jedd li jikseb ir-rimedji kontra l-persuna jew persuni responsabbli fir-rabta kontrattwali.

Preskrizzjoni.
*Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**78.** Il-kummerċjant għandu jkun responsabbli taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 73 u 74 meta l-konsumatur jinduna bin-nuqqas ta' konformità fi żmien sentejn mill-kunsinna ta' l-oġġetti. Dan il-perjodu ta' preskrizzjoni għandu jiġi sospiż sakemm idumu għaddejin in-negozjati bejn il-kummerċjant u l-konsumatur bil-għan li jintlaħaq ftehim amikevoli.

Avviż li jingħata lill-kummerċjant.
*Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**79.** (1) Sabiex ikun jista' jikseb benefiċċju mir-rimedji disponibbli taħt din it-Taqsima, konsumatur għandu javża lill-kummerċjant bil-miktub b'kull nuqqas ta' konformità fi żmien xahrejn mid-data meta l-konsumatur ikun intebaħ b'dak n-nuqqas ta' konformità.

(2) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu, għandu jitqies bħala prova suffiċjenti li jkun ingħata avviż jekk in-notifika ssir b'att ġudizzjarju fiż-żmien preskritt, jew jekk il-konsumatur juri li l-ittra tkun intbagħtet bil-posta reġistrata fiż-żmien preskritt.

Preżunzjoni li jkun hemm nuqqas ta' konformità.
*Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**80.** Sakemm ma jiġix ippruvat xort'oħra, kull nuqqas ta' konformità li wieħed jista' jinduna bih fi żmien sitt xhur mill-kunsinna ta' l-oġġetti għandu jitqies bħala li jkun eżista filwaqt tal-kunsinna, meta din il-presunzjoni tkun fil-biċċa l-kbira kompatibbli max-xorta ta' l-oġġetti jew max-xorta ta' nuqqas ta' konformità.

Ma jorbtux dawk il-klawżoli fil-kuntratt li jwarrbu jew jirrestrinġu xi drittijiet.
*Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**81.** Ebda klawżola kuntrattwali jew ftehim magħmul mill-konsumatur mal-kummerċjant qabel ma n-nuqqas ta' konformità jiġi mgħarraf lill-kummerċjant ma jkunu jorbtu lill-konsumatur jekk dawk il-klawżoli jew ftehim b'mod sew dirett sew mhux dirett ikunu jwarrbu jew jirrestrinġu d-drittijiet disponibbli taħt din it-Taqsima.

Il-garanzija kummerċjali għandha tkun aktar vantaġġuża.
*Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**82.** Garanzija kummerċjali hija garanzija addizzjonali li tqiegħed lill-benefiċjarju ta' dik il-garanzija f'pożizzjoni iktar vantaġġuża min dik stabbilita bil-liġi. Garanzija kummerċjali ma għandhiex tkun tolqot ħażin rimedji oħra li jkunu disponibbli taħt kull liġi oħra li tkun tirregola r-responsabbiltà li toħroġ minn kuntratt jew delitt.

Htiġiet għal garanziji kummerċjali.
*Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**83.** (1) Garanzija kummerċjali għandha tiġi abbozzata f'forma bil-miktub b'mod ċar u leġibbli, f'lingwaġġ li jiftiehem u għandha tkun konformi ma' dan li ġej:

(*a*) li tkun formulata f'mill-inqas waħda mil-lingwi uffiċjali ta' Malta;

(*b*) li tkun tagħti l-isem u l-indirizz tal-garanti, u tkun tiddikjara biċ-ċar x'ikun l-indirizz permanenti tal-post tal-kummerċ jew tan-negozju u isem il-persuna li tkun qegħda tipprovdi lill-konsumatur bil-garanzija kummerċjali;

(*ċ*) li tkun tiddikjara biċ-ċar x'ikun il-kontenut tal-

garanzija inkluża l-firxa territorjali tagħha jekk din tkun waħda limitata kif ukoll iż-żmien li matulu din il-garanzija tibqa’ valida mid-data tax-xiri u jistgħu jiġu stipulati perjodi differenti għal komponenti differenti ta’ l-oġġetti;

(*d*) li tkun tispeċifika b’mod ċar il-mod kif konsumatur għandu jipproċedi biex jagħmel talba u jikseb l-esekuzzjoni tal-garanzija kummerċjali, il-persuna li tkun awtorizzata tesegwixxi l-garanzija kummerċjali u indirizz f’Malta fejn jistgħu jintbagħtu t-talbiet. Jekk persuna li tkun qed tipprovdi garanzija kummerċjali tonqos milli tipprovdi lill-konsumatur bl-informazzjoni meħtieġa taħt dan il-paragrafu, hija mbagħad tkun responsabbli għall-esekuzzjoni tal-garanzija kummerċjali bi spejjeż tagħha;

(*e*) li tkun tiddikjara b’mod ċar jekk il-garanzija kummerċjali tkunx tista’ tiġi trasferita lil oħrajn. Kemm-il darba ma jiġix stipulat xort’oħra l-garanzija kummerċjali tista’ wkoll tkun disponibbli għal sidien sussegwenti ta’ dawk l-oġġetti li l-garanzija kummerċjali tkun tirreferi għalihom:

Iżda kemm-il darba l-garanzija kummerċjali ma tiddikjarax speċifikatament xort’oħra, għandu jiftiehem li fil-każ ta’ oġġetti, il-garanzija kummerċjali tkun tkopri kull difett li jista’ jirriżulta matul il-perjodu ta’ garanzija;

(*f*) li tipprovdi deskrizzjoni ċara ta’ l-oġġetti jew is-servizzi koperti mill-garanzija kummerċjali;

(*g*) li tistipula b’mod ċar dak li l-garanti jkun qed jintrabat li jagħmel jekk ikun hemm difett fl-oġġetti koperti bil-garanzija kummerċjali jew jekk is-servizzi koperti mill-garanzija ma jitwettqux kif dovut; u

(*h*) li tiddikjara b’mod ċar li l-konsumatur ikun igawdi ċerti drittijiet li tagħtih il-liġi għar-rigward tal-bejgħ ta’ oġġetti lil konsumaturi u li dawk id-drittijiet ma jintlaqtux ħażin mill-garanzija.

(2) Fuq talba tal-konsumatur, il-kummerċjant għandu jagħmel disponibbli lill-konsumatur il-garanzija kummerċjali bil-miktub jew b’xi mezz ieħor li ma jitħassarx li jkun aċċessibbli u disponibbli għall-konsumatur.

(3) Meta garanzija kummerċjali ma tkunx tħares il-ħtiġiet stipulati f’dan l-artikolu, il-validità tal-garanzija ma għandhiex tintlaqat u l-konsumatur għandu jibqa’ jkollu l-jedd li jagħmel kull talba bis-saħħa tagħha u jesiġi li tiġi onorata.

Responsabbiltà taħt garanzija kummerċjali. *Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**84.** Meta kummerċjant jew xi ħadd ieħor jagħti garanzija kummerċjali lil konsumatur, irrispettivament meta jew kif din tingħata, għaldaqshekk dak il-kummerċjant jew xi ħadd ieħor ikun responsabbli lejn il-konsumatur għall-osservanza tal-pattijiet u l-eżekuzzjoni tal-garanzija kummerċjali bħallikieku kien il-garanti, kemm-il darba il-kummerċjant jew xi ħadd ieħor, skond il-każ, ma

jġibx prova li huwa kien b'mod espress u ċar għarraf lill-konsumatur xort'oħra filwaqt tal-kunsinna ta' l-oġġetti jew it-twettiq tas-servizz.

Garanzija kummerċjali ma għandhiex teskludi drittijiet taħt liġijiet oħra.
*Miżjud: XXVI. 2000.15. Emendat: II. 2008.39.*

**85.** Garanzija kummerċjali u kull dritt mogħti lil konsumatur taħt il-garanzija ma għandhom b'ebda mod, sew dirett sew indirett, jeskludu jew jillimitaw id-drittijiet ta' konsumatur taħt dan l-Att jew taħt kull liġi oħra. Kull esklużjoni jew limitazzjoni simili li jiġu stipulati bi ksur ta' din il-projbizzjoni għandhom ikunu nulli u ineffettivi.

Il-garanti jista' biss jitlob dawk il-ħlasijiet stipulati.
*Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**86.** Garanti ma jistax, meta jkun qed iwettaq jew jesegwixxi garanzija kummerċjali, jitlob lil xi konsumatur biex iħallsu xi dritt jew ħlas, ikun kif ikun magħruf, kemm-il darba dan ma jkunx ġie stipulat b'mod espress u ċar fil-garanzija kummerċjali.

Spejjeż tal-ġarr.
*Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**87.** Il-garanti għandu jieħu fuqu l-ispiża ta' kull ġarr li jrid isir f'dak li għandu x'jaqsam mat-twettiq ta' garanzija kummerċjali kemm-il darba ma jiġix stipulat xort'oħra fil-garanzija kummerċjali.

Estensjoni ta' garanzija kummerċjali.
*Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**88.** It-tul ta' żmien ta' garanzija kummerċjali għandu jittawwal awtomatikament għal żmien daqsinsew dak li matulu l-garanti kellu l-oġġetti jew parti mill-oġġetti fil-pussess tiegħu sabiex iwettaq jew jesegwixxi l-garanzija kummerċjali jew bħala riżultat tar-rikjam ta' l-oġġetti jew parti minnhom mill-manifattur.

Garanzija minn terzi.
*Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**89.** It-tismija mill-garanti ta' terzi biex jesegwixxu garanzija kummerċjali ma teħlisx lill-garanti mill-obbligazzjoni li jkollu lejn il-konsumatur skond il-garanzija kummerċjali mogħtija lill-konsumatur.

Garanzija kummerċjali dikjarata fir-reklam.
*Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**90.** Garanzija kummerċjali sew dwar oġġetti sew dwar servizzi li tissemma f'dikjarazzjoni jew riklam minn xi persuna għandha tkun torbot lil dik il-persuna ukoll jekk dik il-garanzija kummerċjali ma tkunx speċifikatament imsemmija fil-kuntratt tal-bejgħ.

Jedd ta' azzjoni taħt garanzija kummerċjali.
*Miżjud: XXVI. 2000.15. Emendat: A.L. 425 ta' l-2007.*

**91.** (1) Mingħajr preġudizzju għal kull rimedju ieħor li tagħti l-liġi, konsumatur jista' jibda proċedimenti ċivili kontra garanti li jonqos milli josserva xi wieħed mill-pattijiet jew rabtiet stipulati f'garanzija kummerċjali.

(2) Il-qorti tista' fi proċedimenti ċivili li jsiru taħt din it-Taqsima -

(*a*) tordna lill-garanti li jieħu dik l-azzjoni rimedjali li tista' tkun meħtieġa biex josserva il-pattijiet tal-garanzija, jew

(*b*) tordna lill-garanti li jwettaq l-obbligazzjonijiet tiegħu taħt il-garanzija kummerċjali b'sodisfazzjon tagħha f'dak iż-żmien li l-qorti tista' tistabbilixxi. Meta tkun qed tagħmel dan il-qorti tista' tordna lill-garanti jħallas lill-konsumatur ammont li ma jkunx ta' iktar minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) għal kull ġurnata ta' nuqqas fil-każ ta' non-osservanza wara l-iskadenza tal-perjodu stabbilit mill-qorti.

**92.** Id-disposizzjonijiet ta’ din it-Taqsima, meta dawn ikunu iktar jaqblu għall-konsumatur, għandhom jipprevalixxu fuq id-disposizzjonijiet ta’ kull liġi oħra.

Disposizzjonijiet jipprevalixxu fuq liġijiet oħra. *Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**93.** (1) Jekk l-oġġetti li jkunu s-suġġett ta’ kuntratt ta’ bejgħ lil konsumatur, ikunu ta’ xorta li tista’ teħtieġ manutenzjoni, jew possibilment ir-rimpjazzar ta’ *parts,* għaldaqshekk sew il-*parts* għar-rimpjazzar sew is-servizz ta’ tiswija adattat għandhom ikunu disponibbli għal żmien raġonevoli mid-data tal-kunsinna ta’ l-oġġetti mill-kummerċjant lill-konsumatur.

Rimpjazzar ta’ *parts*, servizz ta’ tiswija meta l-oġġetti jeħtieġu manutenzjoni. *Miżjud: XXVI. 2000.15.*

(2) Il-kummerċjant jew il-produttur jista’ jirrilaxxa lilu nnifsu minn din l-obbligazzjoni billi jwissi b’mod speċifiku u espress lill-konsumatur bil-miktub, qabel ma jsir il-kuntratt, li huwa ma jkunx jipprovdi l-*parts* għar-rimpjazzar jew is-servizz ta’ tiswija.

**93A.** Id-disposizzjonijiet ta’ din it-Taqsima għandhom japplikaw minkejja kull klawżola f’kuntratt ta’ bejgħ ta’ oġġetti lill-konsumatur li japplika jew jallega li japplika l-liġi ta’ Stat li m’huwiex Membru, jekk il-kuntratt intlaħaq jew għandu konnessjonijiet mill-qrib mat-territorju ta’ Stat Membru jew tali pajjiż ieħor jew grupp ta’ pajjiżi bħal ma l-Ministru jista’ minn żmien għall-ieħor jagħżel għal l-għan ta’ din id-disposizzjoni permezz ta’ nota ppubblikata fil-Gazzetta.

Protezzjoni fil-każ ta’ kuntratt li japplika l-liġi ta’ Stat li m’huwiex Membru. *Miżjud: II. 2008.40.*

**93B.** L-għan ta’ din it-Taqsima huwa dak li jimplimenta d-disposizzjonijiet tad-Direttiva 1999/44/EC dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta’ oġġetti tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom u d-disposizzjonijiet ta’ din it-Taqsima għandhom ikunu applikati u interpretati b’dan il-mod.

Għan ta’ din it-Taqsima. *Miżjud: II. 2008.40.*

## TAQSIMA X

### Ordnijiet ta’ tħaris

*Miżjuda: XXVI. 2000.15. Emendata: II. 2008.25.*

**94.** (1) Meta jkun hekk jaħseb li jkun raġonevolment adattat jew meħtieġ fl-interess pubbliku, id-Direttur jista’, sew jekk ikunx jew le fl-istess żmien ma’ deċiżjoni li ssib ksur taħt l-artikolu 14A, b’inizjattiva tiegħu nnifsu jew wara li ssirlu talba bil-miktub minn korp kwalifikanti, joħroġ ordni ta’ tħaris -

Ħruġ ta’ ordnijiet ta’ tħaris. *Miżjud: XXVI. 2000.15. Emendat: II. 2008.41.*

(*a*) lil xi persuna fejn jeħtieġ -

(i) it-tħassir jew it-tibdil ta’ pattijiet f’kuntratt li jsir mal-konsumatur li d-Direttur ikun iqis li ma jkunx wieħed ġust għall-konsumaturi skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ dan l-Att; u

(ii) l-inkorporazzjoni ta’ pattijiet f’kuntratt li jsir mal-konsumatur li d-Direttur ikun iqis li jkunu meħtieġa għall-aħjar tagħrif tal-konsumaturi, jew sabiex jipprevjeni żbilanċ konsiderevoli bejn l-obbligazzjonijiet u d-drittijiet tal-partijiet, u dan għall-benefiċċju tal-konsumaturi;

(*b*) fejn jeħtieġ lil xi persuna involuta jew tipproponi li tinvolvi ruħha fi kwalunkwe prattika kummerċjali li mhux ġusta biex ma tkomplix għaddejja jew tieqaf

minn dik il-prattika u, jew li tieħu kwalunkwe miżura speċifikata fl-ordni ta' tħaris, inkluża dikjarazzjoni korrettiva fiż-żmien speċifikat fih sabiex jiġi żgurat li d-disposizzjonijiet tat-Taqsima VII ta' dan l-Att jiġu osservati;

(*ċ*) fejn jeħtieġ lil xi persuna li tieħu dawk il-miżuri speċifikati fl-ordni ta' tħaris, inkluża dikjarazzjoni korrettiva, fiż-żmien speċifikat fl-ordni ta' tħaris sabiex jiġi żgurat li dan l-Att jew regolamenti magħmulin taħtu jew kull liġi oħra li tittratta dwar id-drittijiet u l-protezzjoni tal-konsumatur li tista' tiġi hekk imsemmija b'Ordni fil-Gazzetta mill-Ministru wara li jikkonsulta lill-Kunsill, jiġu mħarsa; u

(*d*) fejn jeħtieġ lil xi persuna li tieqaf jew tiddeżisti milli twettaq xi reat jew ksur kontra dan l-Att jew regolamenti magħmulin taħtu jew kull liġi oħra li tittratta dwar id-drittijiet u l-protezzjoni tal-konsumatur li tista' tiġi hekk imsemmija b'Ordni fil-Gazzetta mill-Ministru wara li jikkonsulta lill-Kunsill.

(2) L-entità kwalifikata li titlob ordni ta' tħaris skond is-subartikolu (1) trid tissodisfa d-Direttur li ipprovat tikseb it-tmiem tal-ksur b'konsultazzjoni jew mal-konvenut waħdu jew mal-konvenut u entità kwalifikata oħra u li t-tmiem ma nkisibx fi żmien ġimgħatejn mit-talba għat-tmiem.

(3) Fejn entità kwalifikata hija minn Stat Membru ieħor, id-Direttur għandu jittratta l-lista ta' entitajiet kwalifikati ppubblikata mill-Kummissjoni Ewropea bħala evidenza konklussiva tal-kapaċità legali ta' l-entità legali li tippreżenta tali applikazzjoni bil-miktub f'Malta.

(4) Fejn l-entità kwalifikata hija minn Malta u tali entità mhix inkluża fil-lista ta' entitajiet kwalifikati ppubblikati mill-Kummissjoni Ewropea, id-Direttur fuq talba ta' l-entità kwalifikata kkonċernata, għandu jikkomunika lill-Kummissjoni Ewropea l-isem u l-oġġetti ta' tali entità u li tali entità kwalifikata għandha tiżdied mal-lista ta' entitajiet kwalifikati sabiex jiffaċilita r-rimedju ta' ksur intrakomunitarji.

(5) Id-Direttur għandu, meta jkun qed joħroġ ordni ta' tħaris taħt dan l-artikolu -

(*a*) jinnotifika kopja ta' l-ordni ta' tħaris lil kull persuna li l-ordni tkun inħarġet kontriha;

(*b*) jinkludi flimkien ma' l-ordni ta' tħaris, informazzjoni rigward id-dritt li jiġi ppreżentat rikors quddiem il-Bord ta' l-Appell skond l-artikolu 97; u

(*ċ*) jiddikjara fil-qosor ir-raġunijiet tiegħu għall-ħrug ta' dik l-ordni ta' tħaris, liema raġunijiet għandhom jiġu notifikati lil kull persuna li kontriha tinħareġ l-ordni ta' tħaris u, jekk ikun hemm, lill-entità kwalifikata li fuq applikazzjoni tiegħu tinħareg l-ordni ta' tħaris;

(*d*) jinnotifika l-persuna, kontra min sar l-ordni, nuqqas ta' osservanza ta' l-ordni jista' jwassal għall-

impożizzjoni ta’ multa amministrattiva.

(6) Ebda mandat kawtelatorju jew xi ordni ieħor taħt xi liġi oħra ma għandhom jinħarġu minn xi qorti jew tribunal li jkun iżomm jew jirrestrinġi lid-Direttur milli joħroġ ordni ta’ tħaris taħt dan l-Att.

(7) Entità kwalifikata, meta dan ikun qed jagħmel applikazzjoni taħt din it-Taqsima, ma jkunx meħtieġ li jkollu jew li jġib prova dwar xi interess fi, jew jintlaqat mill-kwistjoni jew azzjoni involuta.

(8) Kull persuna li tonqos milli tobdi ordni ta’ tħaris maħruġ mid-Direttur għandu jkun ħati ta’ ksur kontra dan l-artikolu.

Diskrezzjoni tad-Direttur fil-ħruġ ta’ ordni ta’ tħaris. *Miżjud: XXVI. 2000.15. Emendat: II. 2008.42.*

**95.** (1) Ikun fid-diskrezzjoni tad-Direttur dwar jekk joħroġx ordni ta’ tħaris jew le wara li tkun saritlu talba bil-miktub minn entità kwalifikata skond l-artikolu 94.

(2) Jekk id-Direttur jiddeċiedi li ma għandux joħroġ ordni ta’ tħaris wara li tkun saritlu applikazzjoni minn entità kwalifikata, huwa għandu, fi żmien sebat ijiem mid-data tad-deċiżjoni tiegħu, javża bil-miktub lill-entità kwalifikata u lill-persuni li kontrihom ikun qed jintalab l-ordni ta’ tħaris bid-deċiżjoni tiegħu filwaqt li jiddikjara r-raġunijiet tiegħu għaldaqstant.

(3) Entità kwalifikata tista’ fi żmien ħmistax il-ġurnata minn meta tiġi notifkata bid-deċiżjoni tad-Direttur li ma joħroġx ordni ta’ tħaris, tippreżenta rikors quddiem il-Bord ta’ l-Appell għall-ħruġ ta’ ordni li tkun teħtieġ lid-Direttur li joħroġ ordni ta’ tħaris taħt l-artikolu 94. Dawk il-persuni li kontrihom tkun qed tintalab li ssir ordni ta’ tħaris għandhom ikunu partijiet fil-kawża, u jkun id-dmir tal-korp kwalifikanti li jinnotifika lil dawk il-persuni skond hekk.

(4) Fit-twettiq tal-funzjonijiet u setgħat tiegħu taħt din it-Taqsima d-Direttur għandu f’kull każ jaġixxi b’mod kemm jista’ jkun speditiv. Fil-każ ta’ applikazzjoni minn entità kwalifikata, id-Direttur għandu jagħti d-deċiżjoni tiegħu fi żmien ħmistax il-ġurnata minn meta jkun irċieva l-applikazzjoni.

Ordni ta’ tħaris għandu jkollha seħħ immedjat. *Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**96.** Ordni ta’ tħaris għandha tibda sseħħ b’effett immedjat.

Applikazzjoni għal revoka ta’ ordni ta’ tħaris. *Miżjud: XXVI. 2000.15. Emendat: II. 2008.43.*

**97.** (1) Persuna li kontriha tkun saret ordni ta’ tħaris tista’, fi żmien ħmistax-il ġurnata minn notifika ta’ l-ordni ta’ tħaris, tappella mill-imsemmi ordni permezz ta’ rikors preżentat quddiem il-Bord ta’ l-Appell għar-revoka jew emenda ta’ l-ordni ta’ tħaris. Kawża bħal dik tista’ ssir biss għal dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

(*a*) fuq xi punt ta’ liġi materjali; jew

(*b*) jekk l-għemil ta’ ordni ta’ tħaris ikun gravement irraġonevoli jew mhux ġustifikat.

(2) Il-Bord ta’ l-Appell jista’ jikkonferma, jew iħassar l-ordni ta’ tħaris b’kull terminu jew kondizzjoni li l-Bord jqis xieraq.

(3) Meta appell jiġi ppreżentat taħt is-subartikolu (1), l-ordni ta' tħaris għandha titwaqqaf sakemm ikun magħruf kif spiċċat il-kawża. Id-Direttur jista' madankollu. jekk huwa jqis li jkun adattat jew meħtieġ fl-interess pubbliku, jitlob lill-Bord ta' l-Appell li jagħmel ordni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa ordni temporanja ta' tħaris, li tkun tordna li l-ordni ta' tħaris tista' bla ħsara għal dawk il-modifiki li l-Bord ta' l-Appell jista' fl-ordni temporanja ta' tħaris jistabbilixxi, tkompli fis-seħħ sakemm il-kawża mibdija skond is-subartikolu (1) tiġi finalment deċiża. Ordni temporanja ta' tħaris għandha tiskadi malli l-kawża tiġi finalment deċiża.

(4) Persuna li kontriha tkun inħarġet ordni ta' tħaris tista' ma tippreżentax appell quddiem il-Bord ta' l-Apell skond dan is-subartikolu jekk hija tkun qabel iddaħħlet fil-kawża skond l-artikolu 95.

L-appelli jinstemgħu u jiġu deċiżi b'urġenza.
*Miżjud: XXVI. 2000.15. Sostitwit: II. 2008.44.*

**98.** Appelli ppreżentati taħt l-artikolu 95 u 97 għandhom jinstemgħu u jiġu deċiżi mill-Bord ta' l-Appell b'urġenza u bl-iktar mod spedittiv possibbli.

Ebda ħtieġa li jiġi ppruvat it-telfien attwali.
*Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**99.** Id-Direttur, meta jkun qed joħroġ ordni ta' tħaris taħt l-artikolu 94, ma jkunx meħtieġ li jġib prova dwar -

(*a*) it-telfien jew il-ħsara attwali, jew

(*b*) it-traskuraġni, negliġenza jew ħtija daparti tal-persuna li kontriha ssir l-ordni.

Id-Direttur jipprova jikseb konformità volontarja.
*Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**100.** Id-Direttur għandu, kull meta jqis li jkun possibbli u raġonevoli li hekk jagħmel, jipprova l-ewwel jikseb konformità volontarja mill-persuna jew il-persuni involuti, ma' dan l-Att jew ma' regolamenti magħmulin taħtu jew ma' kull liġi oħra li tkun tittratta mad-drittijiet u l-protezzjoni tal-konsumatur hekk kif jista' jiġi stabbilit mill-Ministru wara li jikkonsulta lill-Kunsill b'Ordni fil-Gazzetta, qabel ma jgħaddi għall-ħruġ ta' ordni ta' tħaris taħt l-artikolu 94.

Id-Direttur jista' jeħtieġ il-pubblikazzjoni.
*Miżjud: XXVI. 2000.15. Sostitwit: II. 2008.45.*

**101.** (1) Id-Direttur jista', sabiex jelimina jew inaqqas l-effetti kontinwi ta' non-konformità ma' xi disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ma' regolamenti magħmulin taħtu jew ma' kull liġi oħra li tittratta dwar id-drittijiet u l-protezzjoni tal-konsumatur hekk kif jista' jiġi msemmi mill-Ministru wara li jikkonsulta lill-Kunsill b'Ordni fil-Gazzetta, jista' b'avviż bil-miktub jitlob lil xi persuna -

(*a*) li tippubblika kopja ta' l-ordni ta' tħaris magħmula taħt l-artikolu 94 kontra persuna tali, kollha kemm hi jew f'parti minnha u f'dik l-għamla li jqis li jkun adatt u adegwat u, jew

(*b*) li tippubblika dikjarazzjoni korrettiva kif mitlub mill-ordni ta' tħaris għar-rigward ta' kull ksur ta' dan l-Att, kontra regolamenti magħmulin taħtu, jew kontra kull liġi oħra li tittratta d-drittijiet u l-protezzjoni tal-konsumatur hekk kif jista' jiġi msemmi mill-Ministru wara li jikkonsulta mal-Kunsill b'Ordni fil-Gazzetta.

(2) Il-pubblikazzjoni għandha ssir f'mill-inqas żewġ gazzetti ta' kuljum u jekk xieraq f'xi mezz ieħor ta' komunikazzjoni fi żmien sebat ijiem minn meta l-persuna tirċievi l-avviż u din għandha ssir bi spejjeż tal-persuna li tkun ġiet notifikata b'dak l-avviż. Meta dik il-pubblikazzjoni ma ssirx kif hawn aktar qabel imsemmi, id-Direttur jista' jgħaddi biex jagħmel dik il-pubblikazzjoni huwa nnifsu, f'liema każ ikollu d-dritt li jirkupra mingħand il-persuna li jkun lilha ġie notifikat l-avviż, l-ispejjeż kollha magħmula, bħala dejn ċivili.

## TAQSIMA XI

*Miżjuda: XXVI. 2000.15. Emendata: II. 2008.25.*

### Infurzar

Produzzjoni ta' awtorizzazzjoni bil-miktub. *Miżjud: XXVI. 2000.15. Emendat: XV. 2006.9; II. 2008.5, 46.*

**102.** (1) Id-Direttur jista' jawtorizza bil-miktub jawtorizza uffiċjal pubbliku, jew bil-kunsens tal-Ministru, kull persuna impjegata minn korp inkorporat stabbilit mil-liġi, sabiex jaqdi kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet tiegħu jew jeżerċita kwalunkwe poter mogħti lilu taħt dan l-Att. Kull uffiċjal jew persuna tali għandu, meta jkun hekk meħtieġ li jagħmel, jipproduċi l-awtorizzazzjoni bil-miktub iffirmata mid-Direttur.

(2) Meta jsir skambju ta' uffiċjali minn awtoritajiet kompetenti skond ir-Regolament dwar il-Koperazzjoni u l-Protezzjoni tal-Konsumatur, id-Direttur jista' jawtorizza bil-miktub lil dawn l-uffiċjali biex jaqdu, għalkollox jew biss f'parti, kull funzjoni jew jeżerċitaw xi poter mogħti lilu taħt din it-Taqsima.

Dħul bi skop ta' spezzjon. *Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**103.** (1) Bil-għan li jkun jista' jwettaq il-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att, id-Direttur jista' -

(*a*) jidħol u jfittex f'kull fond minbarra xi fond użat esklużivament bħala post ta' residenza;

(*b*) jagħmel kull spezzjon, imexxi kull *test* u wara li jħallas jew jagħmel sejħa għal offerti, jieħu oġġetti; u

(*ċ*) jieħu kull ktieb, dokument jew *record* ikun kif ikun li jinżamm jew jinħażen.

Ebda dħul u tfittxija ma għandha ssir bejn is-sebgħa ta' filgħaxija u s-sebgħa ta' filgħodu, kemm-il darba d-Direttur ma jkollux għaliex jaħseb li xi dewmien jista' joħloq it-telf ta' xi informazzjoni meħtieġa.

(2) Meta d-Direttur jieħu xi ktieb, dokument jew *record* taħt dan l-artikolu, huwa jista' jżomm dak il-ktieb, dokument jew *record* -

(*a*) għal daqskemm ikun meħtieġ sabiex dan ikun jistqa' jiġi spezzjonat u jsiru jew jittieħdu kopji ta' estratti minnu, jew

(*b*) jekk dan ikun meħtieġ biex jinġieb bi prova fi proċedimenti għal reat taħt dan l-Att jew regolamenti magħmulin taħtu.

(3) Id-Direttur għandu jagħti lill-persuna li mingħandha tkun ittieħdet xi ħaġa, riċevuta għal dak li jkun ittieħed.

(4) Jekk id-Direttur iżomm l-oriġinal ta' xi ktieb, dokument jew *record*, huwa għandu jippermetti lil sidu li jkollu aċċess raġonevoli għalih jew għal kopja tiegħu kemm jista' jkun malajr.

Kap. 9.

(5) Ebda ħaġa f'din it-Taqsima ma għandha titqies li tnaqqas mis-setgħat tal-Pulizija taħt il-Kodiċi Kriminali jew taħt xi liġi oħra.

(6) Fil-kors ta' kull dħul u tfittxija taħt din it-Taqsima, id-Direttur jista' jitlob l-għajnuna tal-Pulizija.

Ksib ta' informazzjoni. *Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**104.** (1) Id-Direttur jista', bil-għan li jwettaq il-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att, jeħtieġ lil kull persuna sabiex tipprovdi informazzjoni b'kull mod, inkluż -

(*a*) billi twieġeb għal kull mistoqsija sew bil-fomm sew bil-miktub; jew

(*b*) billi tipproduċi kull ktieb, dokument jew *record* ieħor hekk kif id-Direttur jista' jqis li jkun meħtieġ.

(2) Persuna ma għandhiex tenħtieġ twieġeb għal xi mistoqsija jekk ir-risposta tista' tinkriminaha.

Assistenza reċiproka ma' awtoritajiet oħra. *Miżjud: XV. 2006.10. Emendat: II. 2008.5.*

Kap. 440.

**104A.** (1) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, id-Direttur jista', biex ikun jista' jaqdi l-funzjoni tiegħu bħala awtorità kompetenti taħt ir-Regolament dwar il-Koperazzjoni u l-Protezzjoni tal-Konsumatur, jitlob, jirċievi, jikxef u jiskambja informazzjoni fi kwistjonijiet li jirrigwardaw l-assistenza reċiproka ma' awtoritajiet kompetenti oħra skond ir-Regolament dwar il-Koperazzjoni u l-Protezzjoni tal-Konsumatur u l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*.

(2) Minkejja id-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, id-direttur jista' jipproduċi bħala prova quddiem qorti jew tribunal kull informazzjoni, inklużi dokumenti, riżultanzi, stqarrijiet, kopji veri u awtentikati jew tagħrif ieħor li tiġi riċevuta mingħand awtoritajiet kompetenti skond is-subartikolu (1).

Tfixkil tad-Direttur. *Miżjud: XXVI. 2000.15. Emendat: II. 2008.47.*

**105.** Kull min -

(*a*) xjentement ifixkel, iħebb għal, jhedded, jirreżisti jew jindaħal lid-Direttur jew lil xi uffiċjal pubbliku jew lil xi persuna awtorizzata fl-eżerċizzju ta' dmirijietu taħt din it-Taqsima, jew jittanta jagħmel dan; jew

(*b*) juża lingwaġġ ta' theddid, abbużiv jew insolenti mad-Direttur jew ma' uffiċjal pubbliku jew ma' persuna awtorizzata filwaqt li jkun qed iwettaq dmirijietu taħt din it-Taqsima; jew

(*ċ*) jirrifjuta jew jonqos milli jagħti informazzjoni kif mitlub taħt din it-taqsima jew inkella jipprovdi informazzjoni falza jew qarrieqa,

għandu, meta jinsab ħati, jkun ħati ta' reat taħt dan l-Att.

**106.** Persuna li tkun ħatja ta' reat taħt dan l-Att jew xi regolament magħmul taħtu għandha, kemm-il darba ma tiġix preskritta piena oħra għaliha, meta tinsab hekk ħatja teħel multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) u mhux iktar minn sitta u erbgħin elf, ħames mija u sebgħa u tmenin euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€46,587.47).

Reati.
*Miżjud: XXVI. 2000.15. Emendat: A.L. 425 ta' l-2007; II. 2008.48.*

**106A.** (1) Id-Direttur jista'/tista' jimponi/timponi multa amministrattiva fuq persuna li d-Direttur, wara investigazzjoni taħt l-artikolu 14A, jsib/issib ħatja ta' ksur ta' disposizzjoni ta' dan l-Att jew ta' kwalunkwe regolament magħmul taħtu.

Multi amministrattivi.
*Miżjud: II. 2008.49.*

(2) Multa amministrattiva imposta għal ksur taħt is-subartikolu (1) għandha tkun ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) u mhux iktar minn sitta u erbgħin elf, ħames mija u sebgħa u tmenin euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€46,587.47):

Iżda fil-każ fejn ordni ta' tħaris ma jiġix obdut id-Direttur jista'/tista jimponi/timponi wkoll multa ta' mhux anqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) u mhux aktar minn miejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) kull jum, għal kull ġurnata li fiha ma jiġix obdut.

(3) Sabiex jiġi deċiż l-ammont tal-multa amministrattiva fir-rigward tal-ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, id-Direttur għandu/ha jsegwi/ssegwi r-regoli tat-Tieni Skeda, u fir-rigward ta' ksur tar-regolamenti magħmula taħt dan l-Att u ksur tad-disposizzjonijiet ta' liġijiet oħra amministrati mid-Direttur, id-Direttur għandu jsegwi/ssegwi r-regoli rispettivi li jiddeterminaw l-ammont tal-multa amministrattiva preskritti fihom.

(4) Id-Direttur jista'/tista', flimkien mal-Ministru, minn żmien għall-żmien jemenda/temenda, jew jibdel it-Tieni Skeda.

(5) Qabel ma tiġi imposta l-multa amministrattiva taħt dan l-artikolu, id-Direttur għandu/ha jikteb/tikteb lill-persuna kkonċernata, javżaha li multa amministrattiva tista' tiġi imposta u jinformaha bl-ammont tal-multa li tista' tiġi imposta u r-raġunijiet speċifiċi li għalihom qed tiġi imposta u jagħti/tagħti lill-persuna kkonċernata perjodu ta' mhux inqas minn ħmistax il-ġurnata bħal ma d-Direttur jista' jiddetermina li huwa approprjat fiċ-ċirkostanzi, waqt liema perjodu l-persuna kkonċernata tista' tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha lid-Direttur:

Iżda meta d-Direttur juża/tuża' l-proċedura pprovduta fl-artikolu 14A, il-perjodu mogħti għas-sottomissjonijiet fl-imsemmi artikolu u f'dan l-artikolu jistgħu jingħataw flimkien.

(6) Qabel ma jiddeċiedi/tiddeċiedi dwar jekk tiġix imposta l-multa amministrattiva, id-Direttur għandu jikkunsidra/tikkunsidra s-sottomissjonijiet, jekk hemm, magħmula taħt is-subartikolu (5).

(7) Jekk wara li jgħaddi l-perjodu li waqtu is-sottomissjonijiet jistgħu isiru skond is-subartikolu (5), id-Direttur jikkunsidra/tikkunsidra li l-persuna kkonċernata ma tagħtix evidenza valida jew raġuni li turi li l-multa amministrattiva imsemmija fis-subartikolu (5) m'għandux jiġi impost, id-Direttur għandu/ha jimponi/timponi

multa amministrattiva skond dan l-Att u għandu/ha jinnotifika/tinnotifika bil-miktub lill-persuna kkonċernata fejn tispeċifika n-natura tal-ksur u l-ammont tal-multa amministrattiva dovuta:

Iżda fejn id-Direttur uża/użat l-proċedura pprovduta taħt l-artikolu 14A, l-imsemmija notifika tista' tingħata fid-deċiżjoni, li ssib il-ksur, maħruġa taħt l-artikolu 14A.

(8) L-avviż imsemmi fis-subartikolu (7) għandu, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' appell taħt l-artikolu 110Ċ, man-notifika tal-kopja permezz ta' att ġudizzjarju fuq il-persuna indikata fl-avviż, jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-effetti u l-finijet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

Kap. 12. (9) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 256(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, it-titolu eżekuttiv imsemmi fis-subartikolu (8) m'għandux jiġi infurzat qabel ma jgħaddu ħmistax-il ġurnata min-notifika ta' l-att ġudizzjarju imsemmi fih:

Iżda fejn appell kontra multa amministrattiva jiġi ppreżentat skond l-artikolu 110Ċ, id-disposizzjonijiet ta' l-istess artikolu għandhom japplikaw.

Ordni ta-qorti. *Miżjud: XXVI. 2000.15.*

**107.** Meta l-qorti jirriżultalha li persuna tkun għamlet reat taħt dan l-Att jew regolamenti magħmulin taħtu, il-qorti tista', mingħajr preġudizzju għal kull ordni oħra li tista' tagħmel taħt kull liġi oħra -

(*a*) tordna r-restituzzjoni ta' kull flus, proprjetà jew korrispettiv ieħor li jkun ingħata mill-konsumatur;

(*b*) tagħmel ordni ta' twettiq speċifiku kontra dik il-persuna; u

(*ċ*) tagħmel kull ordni oħra li l-qorti tqis li tkun adattata.

Ordni mid-Direttur. *Miżjud: II. 2008.50.*

**107A.** Fejn id-Direttur jiddeċiedi/tiddeċiedi li hemm ksur taħt l-artikolu 14A, hu/hi jista'/tista', mingħajr preġudizzju għal kull rimedju ieħor pprovdut taħt dan l-Att, jordna r-restituzzjoni ta' kwalunkwe flus jew proprjetà mogħtija mill-konsumatur.

Rifużjoni tal-flejjes imħallsa. *Miżjud: II. 2008.50.*

**107B.** Parteċipanti, għajr dawk li jistabbilixxu, iħaddmu jew iġibu 'l quddiem skema ta' *chain letter* skond l-artikolu 52A u skemi ta' bejgħ piramidali skond ir-regola 14 ta' l-Ewwel Skeda għandu jkollhom d-dritt li mhux aktar tard minn sentejn mid-data li fiha għamlu l-aħħar pagament li jibdew azzjoni quddiem il-qrati ordinarji sabiex jitolbu rifużjoni sħiħa ta' l-ammonti kollha mħallsa minnhom lill-iskema.

Preskrizzjoni ta' reati u ksur amministrattiv. *Miżjud: XXVI. 2000.15. Sostitwit: II. 2008.51.*

**108.** Sakemm mhux preskritt terminu differenti għaliha, il-prosekuzzjoni ta' reat jew il-bidu ta' proċeduri amministrattivi taħt dan l-Att jew regolamenti magħmula taħtu, għandu jkun preskritt bl-iskadenza ta' tliet snin minn meta r-reat jew l-ksur jiġi allegat li jkun sar.

**109.** Id-Direttur jew uffiċjal pubbliku jew persuna awtorizzata li jkun qed jaġixxi taħt id-direzzjoni jew il-kontroll tiegħu jew membru tal-Kunsill filwaqt li jkunu qed iwettqu l-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att, jew regolamenti magħmulin taħtu, ma għandhomx ikunu responsabbli għal xi telf jew ħsara mġarrba minn xi persuna minħabba f'xi ħaġa magħmula jew li titħalla milli ssir bonafidi fil-kors ta' l-amministrazzjoni ta' dan l-Att jew ta' xi regolament magħmul taħtu.

Eżenzjoni minn responsabbiltà
*Miżjud: XXVI. 2000.15. Emendat: II. 2008.52.*

**110.** (1) Meta deċiżjoni, ordni, miżura jew avviż ikunu meħtieġa jew awtorizzati li jiġu notifikati taħt dan l-Att, dawn għandhom jiġu notifikati f'xi wieħed minn dawn il-modi li ġejjin:

Notifika ta' ordnijiet jew avviżi magħmulin taħt dan l-Att.
*Miżjud: XXVI. 2000.15. Emendat: II. 2008.53.*

(*a*) billi ssir il-kunsinna tagħhom, jew billi jintbagħtu bil-posta reġistrata lil min ikollhom jiġu notifikati fil-post ta' residenza, uffiċċju jew post tax-xogħol relattiv; jew

(*b*) fil-każ ta' korp magħqud jew korp ieħor ta' persuni, bil-kunsinna tagħhom lil xi uffiċjal jew impjegat relattiv fl-uffiċċju reġistrat jew f'xi post ieħor tal-kummerċ, jew billi jintbagħtu permezz ta' ittra reġistrata indirizzata f'xi uffiċċju bħal dak.

(2) F'kull każ meta ma jkunx raġonevolment possibbli li ssir notifika b'xi mod bħal dak imsemmi fis-subartikolu (1), id-Direttur jista' jagħmel in-notifika billi jippubblika dak l-avviż fil-qosor fil-Gazzetta u f'żewġ gazzetti ta' kuljum.

## TAQSIMA XII

*Miżjuda: II. 2008.54.*

### Il-Bord ta' l-Appell għall-Affarijiet tal-Konsumatur

**110A.** (1) Ikun hemm Bord ta' l-Appelli magħruf bħala l-Bord ta' l-Appell għall-Affarijiet tal-Konsumatur li għandu jkollu l-ġurisdizzjoni li jisma' u jiddeċiedi appelli minn deċiżjonijiet, ordnijiet jew miżuri tad-Direttur kif ipprovdut f'dan l-Att.

Il-Bord ta' l-Appell għall-Affarijiet tal-Konsumatur.
*Miżjud: II. 2008.54.*

(2) Il-Bord ta' l-Appell għall-Affarijiet tal-Konsumatur għandu jkun appuntat mill-Prim Ministru u għandu jkun magħmul minn:

(*a*) *Chairperson* li jkun/tkun avukat/avukatessa b'ta' lanqas seba' snin prattika; u

(*b*) żewġ membri oħra li minħabba fl-esperjenza, il-kwalifiki jew l-attivitajiet tagħhom huma kkunsidrati mill-Prim Ministru bħala kapaċi li jqisu l-korrettezza jew le tal-prattiċi kummerċjali mill-perspettiva ta' konsumatur u ta' kummerċjant.

(3) Iċ-*Chairperson* u l-membri l-oħra tal-Bord ta' l-Appell għandhom jiġu appuntati għal terminu ta' tliet snin u jkunu eliġibbli li jiġu appuntati mill-ġdid.

(4) Il-Bord ta' l-Appell għandu ikun indipendenti fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu.

(5) Iċ-*Chairperson* u l-membri l-oħra tal-Bord ta' l-Appell jistgħu jiġu rikużati jew jastjenu għal kull raġuni li għaliha mħallef jista' jiġi rikużat jew jastjeni skond il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. F'tali każ il-Prim Ministru għandu jappunta persuna li għandha l-kwalifiki taċ-*Chairperson* jew tal-membru rikużat jew li astjena sabiex joqgħod minfloku.

Kap. 12.

(6) Membru tal-Kamra tad-Deputati jew tal-Parlament Ewopew jew ta' Kunsill Lokali huwa/hija skwalifikat/a milli jiġi/tiġi appuntat/a jew li jkompli/tkompli jkun/tkun *Chairperson* jew membru tal-Bord ta' l-Appell sakemm hu jżomm dik il-kariga.

(7) Iċ-*Chairperson* jew membru tal-Bord ta' l-Appell jista' jitneħħa/titneħħa mill-uffiċċju tiegħu/tagħha biss mill-Prim Ministru minħabba f'negliġenza kbira, kunflitt ta' interess, inkompetenza, jew atti, jew ommissjonijiet li ma jixirqux lil membru tal-Bord ta' l-Appell. Meta jkun qed jagħmel dan, il-Prim Ministru għandu jpoġġi quddiem il-Kamra tad-Deputati stqarrija fejn jagħti r-raġunijiet għat-tneħħija ta' l-imsemmi membru.

(8) Il-Prim Ministru għandu jagħżel persuna li taqdi l-funzjonijiet ta' segretarju tal-Bord ta' l-Appell u din il-persuna għandha taqdi l-funzjonijiet f'tali kapaċità skond l-i*standards* etiċi approprjati mal-pożizzjoni tiegħu/tagħha.

Appell mid-deċiżjonijiet, ordnijiet jew miżuri minbarra mill-impożizzjoni mid-Direttur ta' multa amministrattiva. *Miżjud: II. 2008.54.*

**110B.** (1) Għandu jkun hemm appell lill-Bord ta' l-Appell mid-deċiżjonijiet, ordnijiet jew miżuri tad-Direttur magħmula taħt dan l-Att.

(2) Kull persuna aggravata minn deċiżjoni, ordni jew miżura għandha dritt ta' appell quddiem il-Bord ta' l-Appell:

Iżda f'kull każ, persuna li tagħmel appell lill-Bord ta' l-Appell għandha tispjega wkoll l-interess ġuridiku tagħha f'dik d-deċiżjoni, ordni jew miżura li minnu qed tappella.

(3) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 110Ċ -

(*a*) appell minn deċiżjoni, ordni jew miżura tad-Direttur għandu jsir permezz ta' talba u għandu jiġi ppreżentat lis-segretarju tal-Bord ta' l-Appell fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data li fiha l-imsemmija deċiżjoni, ordni jew miżura ġiet notifikata lill-persuna li qed tappella; u

(*b*) it-talba ta' appell għandha tiġi notifikata lid-Direttur, li mhux aktar tard minn ħmistax il-ġurnata minn din in-notifika għandu jippreżenta/tippreżenta r-risposta tiegħu/tagħha għaliha, mas-segretarju tal-Bord ta' l-Appell.

Appell kontra multa amministrattiva imposta mid-Direttur. *Miżjud: II. 2008.54.*

**110Ċ.** (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima, il-proċedura li trid tiġi segwita fir-rigward ta' appelli minn multi amministrattivi imposti mid-Direttur għandha tkun regolata mid-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

(2) Persuna li hija notifikata b'att ġudizzjarju msemmi fl-artikolu 106A(8) tista' fi żmien ħmistax il-ġurnata mid-data ta' tali

notifika tippreżenta appell quddiem il-Bord ta' l-Appell fejn tikkontesta l-multa amministrattiva hekk iffissata.

(3) Il-Bord ta' l-Appell m'għandux iħassar il-multa amministrattiva kif iffissata sakemm tali multa ma tistax *ex lege* tiġi imposta fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jew ma tistax *ex lege* tiġi ffissata fl-ammont stabbilit mid-Direttur wara li jiġi kkunsidrat kif xieraq il-prinċipju ta' proporzjonalità.

(4) Il-Bord ta' l-Appell għandu mingħajr dewmien jipprepara l-appell sabiex jinstema' f'data kmieni, liema data f'kull każ m'għandiex tkun aktar tard minn tletin ġurnata mid-data tan-notifika ta' l-appell lid-Direttur.

(5) L-appell u n-notifika tad-data stabbilita għas-smigħ għandha tiġi notifikata lid-Direttur mingħajr dewmien, u d-Direttur għandu jippreżenta r-risposta tiegħu fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data tan-notifika ta' l-appell.

(6) Id-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell, fuq appell imsemmi fis-subartikolu (2) li tikkonferma l-imposizzjoni ta' multa stabbilita mid-Direttur jew tnaqqas tali multa, kif issir *res judicata* titqies bħala deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell ekwivalenti għal deċiżjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili li tordna ħlas mill-appellant ta' multa amministrattiva kif konfermata jew imnaqqsa.

(7) Għandu jkun hemm dritt ta' appell lill-Qorti ta' l-Appell għall-partijiet kollha fil-proċedura quddiem il-Bord ta' l-Appell skond l-artikolu 110F.

Deċiżjonijiet tal-Bord ta' l-Appell. *Miżjud: II. 2008.54.*

**110D.** (1) Meta l-Bord ta' l-Appell jiddeċiedi appell għandu jikkunsidra l-merti ta' l-appell, jikkonferma jew jħassar id-deċiżjoni, ordni jew miżura appellata parzjalment jew bis-sħiħ, u jagħti bil-miktub ir-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu. Tali deċiżjoni għandha tkun pubblika u tiġi kkomunikata lill-partijiet fl-appell.

(2) Suġġetti għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 110F, id-deċiżjonijiet tal-Bord ta' l-Appell huma finali u jorbtu.

(3) Meta l-Bord ta' l-Appell iqis li wara li ġiet ikkunsidrata d-deċiżjoni tiegħu ta' l-appell u l-fatti rilevanti kollha hemm biżżejjed raġunijiet li jagħmlu ekwu li jsir hekk, hu jista' jew *ex officio* jew permezz ta' rikors mill-konsumatur li huwa parti fl-appell, jordna li l-ispejjeż, jew kollha jew parti minnhom, ta' parti li qiegħda tidher quddiem il-Bord ta' l-Appell li jirrelataw ma' t-tqabbid ta' avukat u, jew konsulent tekniku għandhom jitħallsu lill-konsumatur ikkonċernat mill-parti l-oħra fl-appell fl-ordni ta' l-ismijiet kif imsemmija.

Proedura tal-Bord ta' l-Appell. *Miżjud: II. 2008.54.*

**110E.** (1) Fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu, il-Bord ta' l-Appell jista' jħarrek kull persuna sabiex tidher quddiemu u tixhed u tipproduċi dokumenti, u ċ-*Chairperson* tal-Bord ta' l-Appell għandu/għandha jkollu/ha l-poter li jamministralhom/tamministralhom il-ġurament.

(2) Il-Bord ta' l-Appell għandu jipprova jiddeċiedi appell fi żmien sittin ġurnata minn meta jgħaddi l-perjodu li minnu d-Direttur jista'/tista' jippreżenta/tippreżenta risposta għall-appell

imsemmi aktar 'il fuq u f'kull każ għandu jagħti d-deċiżjoni finali tiegħu mhux aktar tard minn tletin ġurnata minn meta l-partijiet jiddikjaraw li kkonkludew ll-provi u għamlu s-sottomissjonijiet finali.

(3) Sabiex jassistuh fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu l-Bord ta' l-Appell jista' jappunta esperti indipendenti u imparzjali sabiex jagħtuh pariri fuq kull fatt li jista' jkun rilevanti għal kull appell ippreżentat quddiemu. F'dawn il-każijiet il-Bord ta' l-Appell għandu jkollu d-dritt li jagħti ordnijiet kemm proviżorji kif ukoll finali fir-rispett tal-ħlas ta' l-ispejjeż u drittijiet ta' dawn l-esperti minn kull waħda mill-partijiet fl-appell.

(4) Il-Bord ta' l-Appell fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu għandu jkollu l-istess poteri li jikkompetu skond il-liġi lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.

(5) Il-Ministru jista' suġġett għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, permezz ta' regolamenti jippreskrivi l-proċedura li għandha tiġi osservata quddiem il-Bord ta' l-Appell, u filwaqt li suġġett għalihom u għal kull disposizzjoni oħra taħt dan l-Att, il-Bord ta' l-Appell jista' jirregola l-proċedura tiegħu.

(6) Il-Ministru jista' flimkien mal-Ministru responsabbli għall-finanzi permezz ta' regolamenti taħt dan l-Att, jistabbilixxi tariffi kif meqjus neċessarju fir-rigward ta' kull proċedura quddiem il-Bord ta' l-Appell.

(7) Il-Ministru jista' permezz ta' regolamenti magħmula taħt dan l-Att, jemenda kull terminu msemmi fis-subartikolu (2).

Appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell. *Miżjud: II. 2008.54.*

**110F.** (1) Kwalunkwe parti fl-appell quddiem il-Bord ta' l-Appell, inkluż id-Direttur, li jħossu aggravat mid-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell jista', fuq punti ta' liġi jew punti ta' ġustizzja naturali, jappella lill-Qorti ta' l-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri) kif kostitwita skond l-artikolu 41(6) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili permezz ta' rikors ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data tad-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell. (Kap. 12.)

(2) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' permezz ta' regolamenti taħt dan is-subartikolu jistabbilixxi tariffi pagabbli fir-reġistru tal-Qorti fir-rigward tal-preżentata ta' atti ġudizzjarji fir-reġistru tal-qorti b'rabta ma' l-appelli taħt dan l-artikolu:

Iżda sakemm dan it-tariffi jiġu stabbiliti għandhom japplikaw it-tariffi stabbiliti fl-Iskeda A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. (Kap. 12.)

(3) Il-Bord stabbilit taħt l-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jista' jagħmel Regoli tal-Qorti li jirregolaw l-appelli quddiem il-Qorti ta' l-Appell taħt dan l-artikolu. (Kap. 12.)

**110G.** (1)Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 97(3), kwalunkwe deċiżjoni, ordni jew miżura tad-Direttur li huwa pendenti fuq appell kemm jekk quddiem il-Bord ta' l-Appell jew il-Qorti ta' l-Appell, għandha tibqa' valida u għandha tiġi osservata mill-partijiet kollha li fuqhom tapplika d-deċiżjoni, l-ordni jew il-miżura.

L-istatus tad-deċiżjoni, ordni jew miżura fejn appell huwa pendenti quddiem il-Bord ta' l-Appell jew il-Qorti ta' l-Appell.
*Miżjud: II. 2008.54*

(2) Il-Bord ta' l-Appell jew il-Qorti Ċivili skond il-każ, fejn tikkunsidra approprjat, tista' fuq talba ta' parti fl-appell, tissospendi d-deċiżjoni, ordni jew miżura tad-Direttur sakemm ma jiġix deċiż l-appell. Il-Bord ta' l-Appell jew il-Qorti ta' l-Appell meta tiddeċiedi li tissospendi d-deċiżjoni, l-ordni jew il-miżura għandha tagħti r-raġunijiet tagħha għaliex qed tagħmel hekk.

TAQSIMA XIII

*Emendata: XXVI. 2000.14; II. 2008.25.*

## Mixellanji

**111.** Id-Direttur ikun responsabbli għall-amministrazzjoni ta' l-Att dwar Deskrizzjonijiet Kummerċjali u l-Att dwar il-Kuntratti fuq l-Għatba tal-Bieb.

Id-Direttur jamministra ċertu liġijiet.
*Emendat: XIX.1996.10; XXVI. 2000.14.*
Kap. 313.
Kap. 317.

---

*Miżjuda: II. 2008.55.*

# L-EWWEL SKEDA

(Artikolu 51B(4))

Prattiċi kummerċjali li huma mhux ġusti *ipso jure*

Prattiċi kummerċjali qarrieqa

1. Fejn il-kummerċjant/a isostni/issostni li huwa/hija firmatarju/a ta' kodiċi ta' kondotta meta ma jkunx/tkunx.

2. Il-wiri mill-kummerċjant/a ta' marka ta' fiduċja, marka ta' kwalità jew ekwivalenti mingħajr ma jkun kiseb/kisbet l-awtorizzazzjoni meħtieġa.

3. Fejn il-kummerċjant/a isostni/issostni li fil-kodiċi ta' kondotta għandu/ għandha l-appoġġ uffiċjali ta' xi korp pubbliku jew korp ieħor, meta ma jkollux/ jkollhiex.

4. Fejn il-kummerċjant/a isostni/issostni li huma inklużi l-prattiċi kummerċjali tiegħu/ha jew xi prodott ġie approvat, appoġġat jew awtorizzat minn korp pubbliku jew privat ieħor meta dan ma kienx jew isostni/issostni hekk mingħajr ma jikkonforma/tikkonforma ruħu/ha mat-termini ta' l-approvazzjoni, appoġġ jew awtorizzazzjoni.

5. Fejn il-kummerċjant/a jagħmel/taġġmel stedina sabiex jinxtraw prodotti bi prezz speċifiku mingħajr ma juri l-eżistenza ta' raġunijiet ġustifikati li l-kummerċjant/a jista' jkollu/ha sabiex jemmen/temmen li mhuwiex sejjer ikun jista' jforni jew iqabbad kummerċjant/a ieħor/oħra sabiex iforni/tforni dawk il-prodotti jew prodotti ekwivalenti għal dak il-prezz għal perjodu u fil-kwantitajiet li huma raġonevoli relattivament għall-prodott, għal-livell ta' reklamar tal-prodott u għall-prezz offrut (*bait advertising*).

6. Fejn il-kummerċjant/a jagħmel/tagħmel stedina sabiex jinxtraw prodotti bi prezz speċifikat u imbagħad:

(*a*) jirrifjuta/tirrifjuta li juri l-oġġett reklamat lill-konsumaturi; jew

(*b*) jirrifjuta/tirrifjuta li jieħu/tieħu ordnijiet għall-prodott jew li jfornih/ tfornih fi żmien raġonevoli; jew

(*ċ*) juri kampjun difettuż tiegħu/tagħha, bl-intenzjoni li jippromwovi/ tippromwovi prodott differenti (*bait and switch*).

7. Fejn il-kummerċjant/a jiddikjara/tiddikjara b'mod falz li prodott ikun disponibbli biss għal żmien limitat ħafna, jew li ikun disponibbli biss taħt kondizzjonijiet partikolari għal żmien limitat ħafna sabiex iqanqal deċiżjoni immedjata u jċaħħad lill-konsumaturi mill-opportunità jew miż-żmien suffiċjenti sabiex jagħmlu għażla informata.

8. Fejn il-kummerċjant/a jimpenja ruħu/ha li jipprovdi servizz ta' wara l-bejgħ lill-konsumaturi li magħhom il-kummerċjant/a ikkomunika/ikkomunikat qabel it-transazzjoni b'lingwa li mhijiex il-lingwa uffiċjali ta' l-Istat Membru fejn il-kummerċjant/a jinsab/tinsab u imbagħad jagħmel/tagħmel dan is-servizz disponibbli biss b'lingwa oħra mingħajr ma jindika dan b'mod ċar lill-konsumatur qabel il-konsumatur jimpenja ruħu fit-transazzjoni.

9. Fejn il-kummerċjant/a jistqarr/tistqarr u b'mod ieħor joħloq/toħloq l-impressjoni li xi prodott jista' jinbiegħ legalment meta ma jistax.

10. Fejn il-kummerċjant/a jippreżenta/tippreżenta drittijiet mogħtija mil-liġi lill-konsumaturi bħala karatteristika distintiva ta' l-offerta tiegħu.

11. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar ix-Xandir (Kap. 350) u r-regolamenti magħmula taħtu, fejn il-kummerċjant/a juża/tuża kontenut editorjali fil-midja sabiex jippromwovi/tippromwovi prodott fejn huwa/hija jkun/tkun ħallas/ħallset għall-promozzjoni tiegħu/tagħha mingħajr ma jagħmel/tagħmel dan ċar fil-kontenut jew permezz ta’ immaġini u ħsejjes identifikabbli b’mod ċar mill-konsumatur (*advertorial*).

12. Fejn il-kummerċjant/a jagħmel/tagħmel affermazzjoni li hija essenzjalment mhux eżatta dwar in-natura u l-firxa tar-riskju għall-ħarsien jew is-sigurtà personali tal-konsumatur jew tal-familja tiegħu jekk il-konsumatur ma jixtrix il-prodott.

13. Fejn il-kummerċjant/a jippromwovi/tippromwovi prodott simili għal xi prodott magħmul minn manifattur partikolari b’mod tali li deliberatament iqarraq/tqarraq bil-konsumatur li jemmen li l-prodott huwa magħmul minn dak l-istess manifattur meta ma jkunx.

14. Fejn il-kummerċjant/a jistabbilixxi/tistabbilixxi, jopera/topera jew jippromwovi/tippromwovi skema promozzjonali piramidali fejn konsumatur iħallas għall-opportunità li jirċievi kumpens derivat primarjament mill-introduzzjoni ta’ konsumaturi oħrajn fl-iskema minflok mill-bejgħ jew konsum ta’ prodotti.

15. Fejn il-kummerċjant/a isostni/issostni li dalwaqt sejjer/sejra jieqaf/tieqaf mill-kummerċ jew ibiddel/tbiddel il-post tal-kummerċ meta ma jkunx/tkunx sejjer/sejra jagħmel/tagħmel dan.

16. Fejn il-kummerċjant/a isostni/issostni li prodotti jistgħu jiffaċilitaw ir-rebħ f’logħob ta’ l-azzard.

17. Fejn il-kummerċjant/a isostni/issostni, bil-qerq, li prodott jista’ jfejjaq mard, xi disfunzjoni jew malformazzjonijiet.

18. Fejn il-kummerċjant/a jgħaddi/tgħaddi tagħrif li huwa essenzjalment mhux eżatt dwar kondizzjonijiet tas-suq jew dwar il-possibbiltà li jinstab il-prodott bl-intenzjoni li jipperswadi lill-konsumatur jakkwista l-prodott b’kondizzjonijiet inqas favorevoli mill-kondizzjonijiet normali tas-suq.

19. Fejn il-kummerċjant/a isostni/issostni fi prattika kummerċjali li joffri parteċipazzjoni f’xi kompetizzjoni jew promozzjoni ta’ premju mingħajr ma jagħti/tagħti l-premji deskritti jew ekwivalenti raġonevoli.

20. Fejn il-kummerċjant/a jiddeskrivi/tiddeskrivi prodott bħala "gratis", "b’xejn", "mingħajr ħlas" jew simili jekk il-konsumatur għandu jħallas xi ħaġa oħra barra l-prezz li inevitabbilment kellu jħallas sabiex wieġeb għall-prattika kummerċjali u sabiex ġabar jew ħallas għall-kunsinna ta’ l-oġġett.

21. Fejn il-kummerċjant/a jinkludi/tinkludi fil-materjal promozzjonali fattura jew rikjesta oħra ta’ ħlas li tagħti l-impressjoni lill-konsumatur li huwa kien diġà ordna l-prodott kummerċjalizzat meta ma kienx għamel dan.

22. Fejn il-kummerċjant/a bil-qerq isostni/issostni jew joħloq/toħloq l-impressjoni li huwa/hija ma jkunx qiegħed/qegħda jaġixxi/taġixxi għall-finijiet konnessi mal-kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni tiegħu/tagħha, jew bil-qerq juri ruħu/ruħha bħala konsumatur.

23. Fejn il-kummerċjant/a bil-qerq jagħti/tagħti l-impressjoni li jeżisti servizz ta’ wara l-bejgħ fir-rigward ta’ prodott fi Stat Membru ieħor barra minn dak li fih il-prodott huwa mibjugħ.

24. Fejn il-kummerċjant/a joħloq/toħloq l-impressjoni li l-konsumatur ma jistax iħalli l-post qabel ma jsir kuntratt.

25. Fejn il-kummerċjant/a jagħmel/tagħmel żjarat personali fid-dar tal-konsumatur u jinjora/tinjora t-talba tal-konsumatur sabiex jitlaq/titlaq jew sabiex ma jirritornax/tirritornax ħlief f'ċirkostanzi u sal-punt ġustifikat, skond il-liġi nazzjonali, sabiex jenforza/tenforza obbligazzjoni kontrattwali. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-artikolu 5A ta' l-Att dwar Kuntratti fuq l-Għatba tal-Bieb (Kap. 317).

26. Fejn il-kummerċjant/a jagħmel/tagħmel sollecitazzjonijiet persistenti u mhux mixtieqa permezz tat-telefown, tal-faks, bl-*e-mail* jew mezz ieħor remot ħlief f'ċirkostanzi u sal-punt ġustifikat, skond il-liġi nazzjonali, sabiex jenforza/tenforza obligazzjoni kontrattwali. Dan huwa mingħajr preġudizzju għar-regolamenti 8 u 9 tar-Regolamenti dwar il-Bejgħ mill-Bogħod (L.S. 378.08) u l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* (Kap. 440) u r-Regolamenti dwar l-Ipproċessar ta' *Data* Personali fis-Settur tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (L.S. 440.01).

27. Fejn il-kummerċjant/a jesiġi/tesiġi li konsumatur li jixtieq iressaq pretensjoni fuq polza ta' assigurazzjoni jipproduċi dokumenti li ma jistgħux raġonevolment jiġu kkunsidrati rilevanti għall-kwistjoni jekk il-pretensjoni kenitx valida, jew jonqos sistematikament milli jwieġeb/twieġeb għal korrispondenza pertinenti, sabiex jiddisswadi/tiddiswadi xi konsumatur milli jeżerita d-drittijiet kontrattwali tiegħu.

28. Fejn il-kummerċjant/a jinkludi/tinkludi f'reklam it-tħeġġiġ dirett lit-tfal sabiex jixtru jew sabiex jipperswadu l-ġenituri tagħhom jew adulti oħrajn sabiex jixtrulhom il-prodotti reklamati. Din id-disposizzjoni hija mingħajr preġudizzju għar-regola 6 tal-Kodiċi tax-Xandir dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (L.S. 350.05).

29. Fejn il-kummerċjant/a jitlob/titlob ħlas immedjat jew differit għar-ritorn jew għall-kustodja ta' prodotti forniti minnu/ha, iżda mhux sollecitati mill-konsumatur (bejgħ mhux mitlub).

30. Fejn il-kummerċjant/a jgħarraf/tgħarraf espliċitament lill-konsumatur li jekk ma jixtrix il-prodott jew servizz, ix-xogħol jew l-għajxien tal-kummerċjant/a ikunu fil-periklu.

31. Fejn il-kummerċjant/a joħloq/toħloq l-impressjoni falza li konsumatur diġà rebaħ, ser jirbaħ, jew li hekk kif jagħmel xi azzjoni partikolari jirbaħ, xi premju jew xi benefiċċju ekwivalenti ieħor, meta fil-fatt:

- ma jkun hemm ebda premju jew benefiċċju ekwivalenti ieħor, jew
- it-teħid ta' xi azzjoni fir-rigward tal-ġbir tal-premju jew tal-benefiċċju ekwivalenti ieħor teħtieg lill-konsumatur li jħallas xi flus jew li jidħol f'xi spejjeż.

---

IT-TIENI SKEDA

(Artikolu 106A(3))

*Miżjuda: II. 2008.56.*

Multi Amministrattivi

1. Meta qed jiddeċiedi/tiddeċiedi l-ammont tal-multi amministrattivi speċifikati fl-artikolu 106A, id-Direttur għandu/ha jkun immexxi/ja mill-konsiderazzjonijiet li ġejjin.

Ksur taħt l-artikoli 51F, 52A u 53

2. Għall-ksur taħt l-artikoli 51F, 52A u 53, l-ammont minimu tal-multa għandu jkun elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

Iżda d-Direttur jista'/tista' meta jkun/tkun qed jiffissa/tiffissa l-multa, jikkunsidra/tikkunsidra ċirkostanzi li jistgħu jwasslu għal żieda jew tnaqqis fl-ammont bażiku:

Iżda ukoll id-Direttur għandu/ha jagħmel/tagħmel hekk fuq il-bażi ta' evalwazzjoni kompluta li tikkunsidra ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha.

3. Id-Direttur jista'/tista' jimponi/timponi multa amministrattiva ogħla minn dik bażika fejn hemm ċirkostanzi aggravanti, ikkunsidrata l-gravità u d-dewmien tal-ksur u, jew l-ammont ta' qligħ magħmul, bħala riżultat tal-ksur, li mhux dovut.

4. Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tar-regola 3, dawn li ġejjin għandhom jkunu f'kull ċirkostanza kkunsidrati bħala ċirkostanzi aggravanti:

- meta il-ksur huwa prattika kummerċjali mhux ġusta inkluża fl-Ewwel Skeda, l-ammont bażiku jiħdied b'somma ta' mhux anqas minn elf, seba' mija u sebgħa u erbgħin euro u tliet ċenteżmi (€1,747.03) u mhux aktar minn erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75);
- fil-każ tat-tieni ksur jew ksur sussegwenti, l-ammont bażiku jiżdied b' Għall-ksur taħt l-artikoli 51F, 52A u 53, l-ammont minimu tal-multa għandu jkun elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għal kull ksur sussegwenti;
- fejn il-prattika jew l-iskema li tikkostitwixxi l-ksur hija l-mezz prinċipali li biha l-kummerċjant/a jmexxi/tmexxi jew jopera/topera l-kummerċ tiegħu/tagħha, l-ammont bażiku jiżdied b'somma li mhix anqas minn elf, seba' mija u sebgħa u erbgħin euro u tliet ċenteżmi (€1,747.03) u mhux aktar minn erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75);
- fejn il-prattika jew l-iskema li tikkostiwixxi l-ksur qegħda speċifikatament timmira għall-konsumaturi li huma vulnerabbli, l-ammont bażiku jiżdied elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);
- fejn il-prattika kummerċjali mhux ġusta hija akkumpanjata minn xi wieħed mill-fatturi msemmija fl-artikolu 51E(2) ta' l-Att l-ammont bażiku jiżdied b'somma li mhix anqas minn elf, seba' mija u sebgħa u erbgħin euro u tliet ċenteżmi (€1,747.03) u mhux aktar minn erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75);

5. L-ammont jista' jitnaqqas fejn id-Direttur jsib/ssib li hemm ċirkostanzi attenwanti b'mod partikolari:

- fejn il-persuna kkonċernata tipprovdi evidenza li hu/hi waqqaf/waqqfet il-prattika kummerċjali mhux ġusta li tikkostitwixxi l-ksur malli d-Direttur beda/bdiet l-investigazzjonijiet taħt l-artikolu 10 ta' l-Att, l-ammont bażiku jitnaqqas b'mhux aktar minn għoxrin fil-mija;
- fejn il-persuna kkonċernata tipprovdi evidenza li ħadet il-passi adegwati sabiex tnaqqas l-effetti negattivi tal-ksur, l-ammont bażiku jitnaqqas b'mhux aktar minn għaxra fil-mija.

6. L-ammont finali tal-multa amministrattiva f'kull każ m'għandux jeċċedi s-sitta u erbgħin elf, ħames mija u sebgħa u tmenin euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€46,587.47) jew ikun anqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87).

7. Fejn il-persuna li hija notifikata b'avviż skond l-artikolu 106A(7) ta' dan l-Att tiddeċiedi li tħallas il-multa amministrattiva mingħajr kontestazzjoni, l-ammont finali tal-multa amministrattiva deċiża skond ir-regoli msemmija iktar 'il fuq tonqos b'mhux aktar minn għoxrin fil-mija:

Iżda din ir-regola ma tapplikax fil-każ tat-tieni ksur jew ksur sussegwenti.

Ksur taħt l-artikolu 12

8. Għall-ksur imsemmi taħt l-artikolu 12 l-ammont tal-multa m'għandux jkun anqas minn erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75) u mhux aktar minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87).

Ksur taħt l-artikolu 14B

9. Għall-ksur isemmi taħt l-artikolu 14B l-ammont tal-multa m'għandux jkun anqas minn erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75) u mhux aktar minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87).

Ksur taħt l-artikolu 94

10. Għall-ksur imsemmi taħt l-artikolu 94 l-ammont tal-multa m'għandux jkun anqas minn erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75) u mhux aktar minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73):

Iżda fil-każ fejn ordni ta' tħaris ma jiġix obdut id-Direttur jista'/tista' jimponi/timponi wkoll multa ta' mhux anqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) u mhux aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) għal kull ġurnata li fiha ma jiġix obdut.